

18.4.2024

A9-0398/ 001-001

EMENDI 001-001

mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapport

Danuta Maria Hübner

A9-0398/2023

Miżuri sabiex jittaffew l-iskoperturi eċċessivi għal kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi u tittejjeb l-effiċjenza tas-swieq tal-ikklerjar tal-Unjoni

Proposta għal regolament (COM(2022)0697 – C9-0412/2022 – 2022/0403(COD))

Emenda 1

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

2022/0403(COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2017/1131 fir-rigward ta' miżuri sabiex jittaffew l-iskoperturi eċċessivi għal kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi u tittejjeb l-effiċjenza tas-swieq tal-ikklerjar tal-Unjoni.

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▬

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jikkontribwixxi għat-tnaqqis tar-riskju sistemiku billi jżid it-trasparenza tas-suq tad-derivati negozjati barra l-Borża (OTC) u billi jnaqqas ir-riskji ta' kreditu u operazzjonali tal-kontroparti assoċjati mad-derivati OTC.
- (2) L-infrastrutturi ta' wara n-negozjar huma aspett fundamentali tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u huma responsabbli għal firxa ta' proċessi ta' wara n-negozjar, inkluż l-ikklerjar. Sistema tal-ikklerjar effiċjenti u kompetittiva fl-Unjoni hija essenzjali għall-funzjonament tas-swieq kapitali tal-Unjoni u hija l-pedament tal-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti aktar regoli sabiex *jittejbu* l-effiċjenza **u l-kompetittività** tas-servizzi tal-ikklerjar fl-Unjoni b'mod ġenerali, u tal-kontropartijiet ċentrali (CCPs) b'mod partikolari, billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri, speċjalment għall-forniment ta' servizzi jew attivitajiet addizzjonali u għat-tibdil tal-mudelli ta' riskju tas-CCPs, billi tiżdied il-likwidità, billi jiġi mħeġġeġ l-ikklerjar fis-CCPs tal-Unjoni, billi jiġi mmodernizzat il-qafas li taħtu joperaw is-CCPs, u billi tiġi pprovduta l-flessibbiltà meħtieġa lis-CCPs u lil atturi finanzjarji oħrajn sabiex jikkompetu fis-suq uniku.

¹ [...]

² [...]

³ Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

- (3) *Huwa essenzjali għas-sistema tal-ikklerjar li tibbenefika minn aktar għażliet ta' kkerjar u alternattivi sabiex jiġi żgurat li l-banek u l-ekonomija reali jkollhom aċċess kontinwu għal soluzzjonijiet ta' kkerjar sikuri u effiċjenti. Jeħtieġ li l-Unjoni tagħti kontribut sinifikanti billi tiżviluppa u toffri infrastrutturi tal-ikklerjar sikuri, effiċjenti u innovattivi. L-evoluzzjoni tas-swieq tal-ikklerjar iġġib magħha offerti ġodda ta' prodotti, profili tar-riskju u approċċi għall-ġestjoni tar-riskju. Dan jirrikjedi li l-approċċi superviżorji u regolatorji jiġu adattati u li r-regolaturi u l-industrija jaħdmu mill-qrib flimkien.* Sabiex jattiraw in-negozju, is-CCPs iridu jkunu sikuri u reżiljenti. Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jistabbilixxi miżuri sabiex tiżdied it-trasparenza tas-swieq tad-derivati u biex jittaffew ir-riskji permezz tal-ikklerjar u l-iskambju tal-marġni. F'dak ir-rigward, is-CCPs għandhom rwol importanti fit-taffija tar-riskji finanzjarji. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli sabiex tissaħħaħ aktar l-istabbiltà tas-CCPs tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jiġu emendati ċerti aspetti tal-qafas regolatorju. Barra minn hekk, u b'rikonoxximent tar-rwol tas-CCPs tal-Unjoni fil-preservazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, huwa meħtieġ li tissaħħaħ aktar is-superviżjoni tagħhom, b'attenzjoni partikolari għar-rwol tagħhom fis-sistema finanzjarja usa' u għall-fatt li jipprovdu servizzi bejn il-fruntieri.
- (4) L-ikklerjar ċentrali huwa negozju globali u l-parteciċipanti fis-suq tal-Unjoni huma attivi internazzjonalment. Madankollu, billi l-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni tas-CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi fl-2017¹, ripetutament ġie espress tħassib, inkluż mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq² (AETS), dwar ir-riskji kontinwi għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni li jinħolqu mill-konċentrazzjoni eċċessiva tal-ikklerjar f'xi CCPs ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari minħabba r-riskji potenzjali li jistgħu jinħolqu f'xenarju ta' stress. Fuq terminu qasir, sabiex jittaffa r-riskju ta' effetti ta'

¹ COM(2017)331.

² Ir-Rapport tal-AETS "Rapport ta' valutazzjoni skont l-Artikolu 25(2c) tal-EMIR - Valutazzjoni ta' LCH Ltd u ICE Clear Europe Ltd", is-16 ta' Diċembru 2021, ESMA91-372-1945.

preċipizzju relatati mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni minħabba tfixkil għall-għarrieda tal-aċċess tal-parteciċipanti fis-suq tal-Unjoni għas-CCPs tar-Renju Unit, il-Kummissjoni adottat serje ta' deċiżjonijiet ta' ekwivalenza sabiex jinżamm l-aċċess għas-CCPs tar-Renju Unit. Madankollu, il-Kummissjoni talbet lill-parteciċipanti fis-suq tal-Unjoni sabiex inaqqsu l-iskoperturi eċċessivi tagħhom għal CCPs sistemiċi barra l-Unjoni fuq terminu medju. Il-Kummissjoni tenniet dik is-sejħa fil-komunikazzjoni tagħha “Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza”¹ f'Jannar 2021. Ir-riskji u l-effetti ta' skoperturi eċċessivi għal CCPs sistemiċi barra l-Unjoni ġew ikkunsidrati fir-rapport ippubblikat mill-AETS f'Diċembru 2021² wara valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 25(2c) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Dak ir-rapport ikkonkluda li xi servizzi pprovduti minn dawk is-CCPs tar-Renju Unit sistemikament importanti kienu ta' importanza sistemika tant sostanzjali li l-arranġamenti attwali skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 ma kinux biżżejjed sabiex jiġġestixxu r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Sabiex jittaffew ir-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja għall-Unjoni minħabba d-dipendenza eċċessiva kontinwa fuq CCPs sistemiċi ta' pajjiżi terzi, iżda wkoll sabiex tittiejeb il-proporzjonalità tal-miżuri għal dawk is-CCPs ta' pajjiżi terzi li jippreżentaw anqas riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, huwa meħtieġ li l-qafas introdott mir-Regolament (UE) 2019/2099 jitfassal aħjar għar-riskji ppreżentati minn CCPs ta' pajjiżi terzi differenti. ***Fl-istess ħin, jeħtieġ li l-bidliet jiġu kkalibrati sew, fid-dawl tal-impatt potenzjali tal-miżuri regolatorji fuq il-kompetittività tal-parteciċipanti fis-suq tal-Unjoni.***

- (5) L-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 11(5) sa (10) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jeżentaw it-tranżazzjonijiet intragrupp mill-obbligu tal-ikklerjar u mir-reqwiziti tal-marġni. Sabiex jiġu pprovduti aktar ċertezza legali u prevedibbiltà fir-rigward tal-qafas għat-tranżazzjonijiet intragrupp, id-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza fl-Artikolu 13 ta' dak ir-

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Jannar 2021 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza” (COM(2021) 32 final).

² Ir-Rapport tal-AETS “Rapport ta' valutazzjoni skont l-Artikolu 25(2c) tal-EMIR - Valutazzjoni ta' LCH Ltd u ICE Clear Europe Ltd”, is-16 ta' Diċembru 2021, ESMA91-372-1945.

Regolament jenħtieġ li jiġu ssostitwiti b'qafas aktar sempliċi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament jiġi emendat sabiex il-ħtieġa għal deċiżjoni ta' ekwivalenza tiġi ssostitwita b'lista ta' pajjiżi terzi li għalihom ma jenħtieġ li tingħata eżenzjoni. Konsegwentement, jenħtieġ li l-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament jiġi jitħassar. Billi l-Artikolu 382 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jirreferi għal tranżazzjonijiet intragrupp kif previst fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, jenħtieġ li dak l-Artikolu 382 jiġi emendat kif xieraq.

- (6) Minħabba l-fatt li l-entitajiet li huma stabbiliti f'pajjiżi li huma elenkati bħala pajjiżi terzi b'riskju għoli li għandhom nuqqasijiet strateġiċi fir-reġim tagħhom tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, kif imsemmi fl-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², jew f'pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness I u II tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa³, huma soġġetti għal ambjent regolatorju anqas strett, l-operazzjonijiet tagħhom jistgħu jżidu r-riskju, inkluż minħabba żieda fir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti u fir-riskju legali, għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Konsegwentement, jenħtieġ li tali entitajiet ma jkunux eliġibbli sabiex jiġu kkunsidrati fil-qafas tat-tranżazzjonijiet intragrupp.
- (7) In-nuqqasijiet strateġiċi fir-reġim dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, jew in-nuqqas ta' kooperazzjoni għal finijiet ta' taxxa ma humiex neċessarjament l-uniċi fatturi li jistgħu jinfluwenzaw ir-riskju, inklużi r-riskju ta' kreditu tal-kontroparti u r-riskju legali, assoċjati ma' kuntratti tad-derivati. Fatturi oħrajn, bħall-qafas superviżorju, għandhom rwol ukoll. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

² Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

³ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa u l-Annessi tagħha (ĠU C 413 I, 12.10.2021, p. 1).

s-setgħa li tadotta atti delegati sabiex tidentifika l-pajjiżi terzi li l-entitajiet tagħhom ma jistgħux jibbenefikaw minn dawk l-eżenzjonijiet minkejja li ma jkunux ġew identifikati f'dawk il-listi. Meta jitqies li t-tranżazzjonijiet intragrupp jibbenefikaw minn rekwiżiti regolatorji mnaqqa, jenħtiegħ li r-regolaturi u s-superviżuri jimmonitorjaw u jivvalutaw bir-reqqa r-riskji assoċjati mat-tranżazzjonijiet li jinvolvu entitajiet minn pajjiżi terzi.

- (8) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni u dawk ta' pajjiżi terzi li joffru servizzi tal-ikklerjar għall-arranġamenti ta' skemi tal-pensjoni, jenħtiegħ li tiġi introdotta eżenzjoni mill-obbligu tal-ikklerjar skont l-Artikolu 4, il-punt (iv), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 meta kontroparti finanzjarja tal-Unjoni jew kontroparti mhux finanzjarja li tkun soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar tidħol fi tranżazzjoni b'arrangement ta' skema tal-pensjoni stabbilit f'pajjiż terz li jkun eżentat mill-obbligu tal-ikklerjar skont il-liġi nazzjonali ta' dak il-pajjiż terz.
- (9) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jipromwovi l-użu tal-ikklerjar ċentrali bħala t-teknika ewlenija ta' mitigazzjoni tar-riskju għad-derivati OTC. Għalhekk, ir-riskji assoċjati ma' kuntratt tad-derivati OTC jittaffew bl-aħjar mod meta dak il-kuntratt tad-derivati jiġi kklerjat minn CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14 jew rikonoxxuta skont l-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament. Minn dan isegwi li fil-kalkolu tal-pożizzjoni li hija mqabbla mal-limiti speċifikati skont l-Artikolu 10(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, huma biss dawk il-kuntratti tad-derivati li ma jiġux ikklerjati minn CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14 jew rikonoxxuta skont l-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament li jenħtiegħ li jiġu inklużi f'dak il-kalkolu.
- (9a) *Is-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar jiġġeneraw tranżazzjonijiet li ma jifformawx il-prezz biex jitnaqqas ir-riskju fil-portafolji tad-derivati mingħajr ma jinbidel ir-riskju tas-suq. Is-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar jinkludu kompressjoni tal-portafoll, ottimizazzjoni tal-portafoll u servizzi ta' riekwilibriju. Is-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar inaqqsu r-riskju sistemiku u r-riskju operazzjonali, u għalhekk huma għodda siewja biex tittejjeb ir-reżiljenza tas-suq tad-derivati. Kif spjegat l-AETS fir-Rapport tagħha lill-Kummissjoni Ewropea tal-10 ta'***

Novembru 2020¹, kif ukoll fl-ittra tagħha lill-Kummissjoni tal-1 ta' April 2022², l-applikazzjoni tal-obbligu tal-ikklerjar għal tranżazzjonijiet li jirriżultaw minn servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar tillimita l-użu ta' dawk is-servizzi għal portafolji mhux ikklerjati, u tista' twassal għal żieda fl-użu ta' prodotti kumplessi li ma humiex soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar. Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar, jenħtieġ li tiġi introdotta eżenzjoni mmirata u kundizzjonali għall-obbligu tal-ikklerjar għat-tranżazzjonijiet li jirriżultaw mis-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar. Tali eżenzjoni jenħtieġ li tikkonċerna biss it-tranżazzjonijiet newtrali għar-riskju li jirriżultaw mill-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar, filwaqt li tħalli t-tranżazzjonijiet oriġinali, li fuqhom jitwettqu l-eżerċizzji ta' tnaqqis tar-riskju, soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar fejn applikabbli. B'mod korrispondenti, l-eżenzjoni tneħħi l-ostakli għall-użu tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar fil-portafolji li għandhom jiġu ikklerjati, tippermetti li firxa usa' ta' kontropartijiet ikollhom aċċess għal dawn it-tekniki ta' tnaqqis tar-riskju, u tnaqqas il-kumplessità tas-suq. Billi jiġi ffaċilitat it-tnaqqis tar-riskju, l-użu akbar tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar inaqas ir-rekwiżiti ta' kollateral għall-kontropartijiet, u b'hekk itejjeb id-disponibbiltà ġenerali tal-likwidità fis-suq tad-derivati tal-Unjoni. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe ċirkonvenzjoni tal-obbligu tal-ikklerjar, l-eżenzjoni jenħtieġ li tkun immirata u kundizzjonali. Fi kliem ieħor, jenħtieġ li tkun limitata għal servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar li jimmitigaw jew inaqqsu r-riskji u li jitwettqu minn fornitur tas-servizzi għat-tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar ta' parti terza b'mod indipendenti u taħt ċerti kundizzjonijiet. L-AETS jenħtieġ li tingħata l-mandat li tiżviluppa standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika u tiżgura aktar l-applikazzjoni uniformi ta' tali kundizzjonijiet. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-AETS u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti

¹ Rapport dwar servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar fir-rigward tal-obbligu tal-ikklerjar (EMIR Artikolu 85 (3a))
https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma70-156-3351_report_on_ptrr_services_with_regards_to_the_clearing_obligation_0.pdf

² https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma91-372-2125_letter_chair_esma_response_to_ec_consultation_on_targeted_emir_review.pdf

superviżorji tagħhom fir-rigward tal-obbligu tal-ikklerjar, il-kontropartijiet jenħtieġ li jinnotifikaw l-intenzjoni tagħhom li japplikaw l-eżenzjoni.

- (10) Huwa meħtieġ li jiġu indirizzati r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja assoċjati ma' skoperturi eċċessivi tal-membri tal-ikklerjar tal-Unjoni u tal-klijenti għal CCPs ta' pajjiżi terzi sistemikament importanti (CCPs tal-Grad 2) li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar li ġew identifikati mill-AETS bħala servizzi tal-ikklerjar ta' importanza sistemika sostanzjali skont l-Artikolu 25(2c) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. F'Diċembru 2021, l-AETS ikkonkludiet li l-forniment ta' ċerti servizzi tal-ikklerjar ipprovdu minn żewġ CCPs tal-Grad 2, jiġifieri għal derivati tar-rati tal-imgħax denominati f'euro u fi zloty Pollakka, Swaps ta' Inadempjenza ta' Kreditu (CDS) denominati f'euro u Derivati tar-Rati tal-Imgħax ta' Terminu Qasir (STIR) denominati f'euro, huma ta' importanza sistemika sostanzjali għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha. Kif ġie nnotat mill-AETS fir-rapport ta' valutazzjoni tagħha ta' Diċembru 2021, jekk dawk is-CCPs tal-Grad 2 jiffaċċjaw diffikultà finanzjarja, il-bidliet fil-kollateral, il-marġni jew it-telf impost eliġibbli ta' dawk is-CCPs jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-swieq tal-bonds sovrani ta' Stat Membru wieħed jew aktar, u b'mod aktar ġenerali fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Barra minn hekk, it-tfixkil fis-swieq rilevanti għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja jista' jxekkel il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni li huwa kritiku għall-banek ċentrali tal-ħruġ. ***Miżuri li jirrikjedu*** li l-kontropartijiet finanzjarji u l-kontropartijiet mhux finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar iżommu, direttament jew indirettament, **█** kontijiet ***attivi*** fis-CCPs stabbiliti fl-Unjoni ***huma għalhekk xierqa***. Dak ir-rekwiżit jenħtieġ li jnaqqas il-forniment ta' dawk is-servizzi tal-ikklerjar minn dawk is-CCPs tal-Grad 2 għal livell fejn tali kkerjar ma jibqax ta' importanza sistemika sostanzjali. ***Fid-dawl tal-iżviluppi reċenti tas-suq, partikolarment rigward depożitorju ċentrali tat-titoli, huwa xieraq ukoll li r-rekwiżit japplika biss għal derivati tar-rati tal-imgħax denominati f'euro u fi zloty Pollakka u derivati STIR denominati f'euro, minbarra kwalunkwe servizz tal-ikklerjar ieħor meqjus li huwa ta' importanza sistemika sostanzjali mill-AETS fil-valutazzjonijiet futuri tagħha skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012.***

- (10a) *Minħabba n-novità tar-reqwiżit dwar il-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar li jżommu, direttament jew indirettament, kontijiet f'CCPs stabbiliti fl-Unjoni u l-impatt potenzjali tiegħu fuq il-kompetittività tal-membri tal-ikklerjar stabbiliti fl-Unjoni u fuq il-klijenti, huwa xieraq li r-reqwiżit jiddaħħal gradwalment. Inizjalment, il-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji jenħtieġ li jkunu meħtieġa jiskambjaw marġni inizjali u ta' varjazzjoni f'kont f'CCP stabbiliti fl-Unjoni, u jiżguraw li l-konnettività tal-IT u d-dokumentazzjoni legali meħtieġa jkunu saru. Sabiex tiġi żgurata r-reżiljenza ta' dawk il-kontijiet fid-dawl ta' żieda sinifikanti u f'daqqa fl-attività tal-ikklerjar, huwa xieraq ukoll li dawk il-kontijiet isirillhom test tal-istress regolament u li jsir rapport lill-AETS dwar l-eżitu ta' dawk it-testijiet tal-istress. Fl-aħħar nett, huwa xieraq ukoll li r-reqwiżit japplika biss għal kuntratti tad-derivati konklużi wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, sabiex ma jiġux kompromessi l-pożizzjonijiet eżistenti tal-kontropartijiet soġġetti għar-reqwiżit.*
- (11) *Ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja assoċjati ma' skoperturi eċċessivi ta' membri tal-ikklerjar stabbiliti fl-Unjoni u klijenti għal CCPs ta' pajjiżi terzi sistemikament importanti (CCPs tal-Grad 2) jistgħu ma jiġux indirizzati biżżejjed mir-reqwiżit li jżommu kontijiet attivi f'CCPs stabbiliti fl-Unjoni. Huwa għalhekk xieraq li tiġi prevista l-possibiltà li l-Kummissjoni tadotta att delegat sabiex tissupplementa dak ir-reqwiżit billi tispeċifika d-dettalji tal-livell ta' servizzi tal-ikklerjar sostanzjalment sistemiċi li għandhom jinżammu fil-kontijiet attivi fis-CCPs tal-Unjoni mill-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar. Jenħtieġ li tali kalibrazzjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ u proporzjonat sabiex jitnaqqas l-ikklerjar fis-servizzi tal-ikklerjar identifikati fis-CCPs tal-Grad 2 ikkonċernati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra l-għan tal-unjoni tas-swieq kapitali, u jenħtieġ li tadotta l-att delegat biss jekk l-identifikazzjoni tal-livell ta' servizzi tal-ikklerjar sostanzjalment sistemiċi li għandhom jinżammu fil-kontijiet attivi fl-Unjoni tikkontribwixxi b'mod ċar għall-istabbiltà finanzjarja mingħajr ma tfixxkel id-dinamika tal-kompetizzjoni fl-Unjoni billi, fost affarijiet oħra, tinċentiva l-ħolqien ta' silos vertikali fl-infrastrutturi tas-suq, u mingħajr ma tiġi affettwata l-*

kompetittività internazzjonali tal-kontropartijiet tal-Unjoni. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni, appoġġata minn rapport tal-AETS jekk ikun meħtieġ, jenħtieġ li twettaq analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji biex tikkunsidra aħjar il-kostijiet, ir-riskji u l-piż li tali kalibrazzjoni tinvolvi għall-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji, ir-riskju tat-tnaqqis tas-sehem mis-suq tagħhom, u r-riskju li daww il-kostijiet jiġu mgħoddija lil ditti mhux finanzjarji jew investituri aħħarin. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu previsti perjodi ta' introduzzjoni gradwali xierqa għall-implimentazzjoni progressiva tar-rekwiżit li jinżamm ċertu livell ta' attività tal-ikklerjar fil-kontijiet fis-CCPs tal-Unjoni.

- (11a) Il-kunsiderazzjonijiet tal-istabbiltà finanzjarja huma interkonnessi b'mod qawwi ma' qafas superviżorju adegwat, u l-ispeċifikazzjoni tad-dettalji tal-livell ta' servizzi tal-ikklerjar sostanzjalment sistemiċi li għandhom jinżammu f'kontijiet attivi fis-CCPs fl-Unjoni tista' tkun effettiva biss jekk tkun akkumpanjata minn miżuri proporzjonati relatati mas-superviżjoni tas-CCPs tal-Unjoni. Għalhekk, huwa xieraq li l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-att delegat li jissupplimenta r-rekwiżit li jinżamm kont attiv fis-CCPs stabbiliti fl-Unjoni tkun subordinata għas-superviżjoni diretta tas-CCPs tal-Unjoni mill-AETS.*
- (12) Sabiex jiġi żgurat li l-klijenti jkunu konxji tal-għażliet tagħhom u jkunu jistgħu jieħdu deċiżjoni informata dwar fejn għandhom jikklerjaw il-kuntratti tad-derivati tagħhom, jenħtieġ li l-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar f'CCPs kemm tal-Unjoni kif ukoll ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti jinformaw lill-klijenti tagħhom dwar l-għażla li jikklerjaw kuntratt tad-derivati f'CCP tal-Unjoni, **u jenħtieġ li jiddivulgaw b'mod ċar il-kostijiet assoċjati mas-servizzi tal-ikklerjar fis-CCPs differenti meta jkun possibbli biex jiġu kklerjati daww il-kuntratti. Tali obbligu ta' informazzjoni jenħtieġ li jkun distint mir-rekwiżit ta' kont attiv. Il-membri tal-ikklerjar rilevanti jenħtieġ li jipproponu wkoll b'mod sistematiku alternattivi tal-ikklerjar tal-Unjoni lill-klijenti anke għal servizzi li ma humiex determinati bħala ta' importanza sistemika sostanzjali mill-AETS.**
- (13) Sabiex jiġi żgurat li l-AETS ikollha l-informazzjoni meħtieġa dwar l-attivitajiet tal-ikklerjar imwettqa minn membri tal-ikklerjar jew klijenti f'CCPs rikonoxxuti, jenħtieġ

li jiġi introdott obbligu ta' rapportar għal tali membri tal-ikklerjar jew klijenti. L-informazzjoni li jenħtieġ li tiġi rrapportata jenħtieġ li tiddistingwi bejn it-tranżazzjonijiet ta' titoli, it-tranżazzjonijiet ta' derivati nnegozjati f'suq regolat u t-tranżazzjonijiet ta' derivati barra l-Borża (OTC). **Jenħtieġ li l-AETS, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, tispeċifika l-kontenut u l-format preċiż tal-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata, u b'dan il-mod jenħtieġ li tiżgura li l-obbligu ma joħloqx rekwiżiti ta' rapportar addizzjonali sakemm ma jkunx meħtieġ, sabiex jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv għall-membri tal-ikklerjar jew għall-klijenti. Huwa xieraq ukoll li jiġiqies it-tħassib espress mill-komunità superviżorja dwar il-kwalità tad-data tar-rapportar magħmul minn kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012. L-entitajiet soġġetti għall-obbligu ta' rapportar skont dak ir-Regolament jenħtieġ li għalhekk ikunu meħtieġa jeżerċitaw id-diliġenza dovuta billi japplikaw kontrolli tal-kwalità tad-data qabel ma jissottomettu d-data tagħhom. L-AETS jenħtieġ li tkun tista' tadotta sanzjonijiet xierqa f'każ ta' ksur ta' dak ir-rekwiżit ta' diliġenza dovuta.**

(13a) Fl-ambitu tal-qafas attwali, l-AETS tirċievi data dwar it-tranżazzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 u r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, li jipprovdu perspettiva madwar l-UE dwar is-swieq, iżda mhux dwar il-ġestjoni tar-riskju tas-CCPs. Dan in-nuqqas ta' data joħloq kwistjonijiet sostanzjali għall-AETS, li tirrikjedi informazzjoni f'waqtha u affidabbli dwar l-attivitajiet u l-prattiki tas-CCPs biex tissodisfa l-mandat tagħha ta' stabbiltà finanzjarja. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi introdott rekwiżit ta' rapportar formali rigward id-data tal-ġestjoni tar-riskju tas-CCP mis-CCPs tal-Unjoni lill-AETS. Dak jgħin ukoll biex jissaħħu aktar l-istandardizzazzjoni u l-komparabbiltà bejn id-data u biex jiġi żgurat li din tingħata fil-ħin, filwaqt li l-fatt li tkopri data simili bħar-rapporti mħejjija mis-CCPs tal-Unjoni u kondiviżi mal-kulleġġ fuq bażi ta' kull xahar, ifisser li ma tkunx ta' piż addizzjonali għas-CCPs. Minbarra l-possibbiltà li l-AETS titlob data direttament mingħand is-CCPs, il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti f'perjodi ta'

¹ Ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1). <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/2365/o>)

taqlib fis-suq, jenħtieġ li d-data riċevuta fir-rapporti tad-data volontarji ta' kull xahar permezz tal-kulleġġ tiġi formalizzata biex jiġu żgurati standardizzazzjoni, komparabbiltà u konsenja f'waqtha ta' livell ogħla.

- (14) *Is-superviżjoni makroprudenzjali ma hijiex ristretta għal tranżazzjonijiet bejn kontropartijiet finanzjarji, iżda tirrikjedi ukoll monitoraġġ ta' skopertura bejn kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji li jappartjenu għall-istess konsolidazzjoni.* Ir-Regolament (UE) 2019/834 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ emenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 sabiex tiġi introdotta, *inter alia*, eżenzjoni mir-rekwiżiti ta' rapportar għat-tranżazzjonijiet ta' derivati OTC bejn kontropartijiet fi ħdan grupp, fejn mill-anqas waħda mill-kontropartijiet tkun kontroparti mhux finanzjarja. Dik l-eżenzjoni ġiet introdotta minħabba li t-tranżazzjonijiet intragrupp li jinvolvu kontropartijiet mhux finanzjarji jirrappreżentaw frazzjoni relattivament żgħira tat-tranżazzjonijiet ta' derivati OTC kollha u jintużaw primarjament għall-iħħeġġjar intern fi ħdan il-gruppi. Bħala tali, dawk it-tranżazzjonijiet ma jikkontribwixxux b'mod sinifikanti għar-riskju sistemiku u l-interkonnnettività mal-bqija tas-sistema finanzjarja. Madankollu, l-eżenzjoni għal dawk it-tranżazzjonijiet mir-rekwiżiti ta' rapportar naqqset il-kapaċità tal-AETS, tal-BERS u ta' awtoritajiet oħrajn li jidentifikaw u jivvalutaw b'mod ċar ir-riskji meħuda minn kontropartijiet mhux finanzjarji. Sabiex tiġi żgurata aktar viżibbiltà fuq it-tranżazzjonijiet intragrupp, meta titqies l-interkonnnettività potenzjali tagħhom mal-bqija tas-sistema finanzjarja u filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi reċenti tas-suq, b'mod partikolari t-tensjonijiet fis-swieq tal-enerġija b'riżultat tal-aggressjoni mhux iġġwvokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, ***filwaqt li jinżamm approċċ li ma jirriżultax f'żieda sostanzjali tal-kostijiet għal kontropartijiet mhux finanzjarji***, jenħtieġ li dik l-eżenzjoni ***l-ewwel*** titneħħa ***għall-kontropartijiet mhux finanzjarji soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar***. ***Jenħtieġ li l-AETS tkun meħtieġa tivvaluta jekk it-tneħħija tal-eżenzjoni għal dawk il-kontropartijiet mhux***

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/834 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-obbligu tal-ikklerjar, is-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklerjar, ir-rekwiżiti tar-rapportar, it-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju għal kuntratti tad-derivati OTC mhux ikklerjati minn CCP, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni ta' repożitorji tat-tranżazzjonijiet u r-rekwiżiti għar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 141, 28.5.2019, p. 42).

finanzjarji tirriżultax f'titjib ċar biżżejjed tal-kompiti superviżorji tagħha u, jekk ikun meħtieġ, jenħtieġ li tipproponi li testendi l-obbligu ta' rapportar għall-kontropartijiet mhux finanzjarji kollha.

- (15) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu f'kull ħin konxji tal-iskoperturi fil-livell tal-entità u tal-grupp u jkunu jistgħu jimmonitorjaw tali skoperturi, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu proċeduri ta' kooperazzjoni effettivi sabiex jikkalkolaw il-pożizzjonijiet f'kuntratti mhux ikklerjati f'CCP awtorizzata jew rikonoxxuta u sabiex jevalwaw u jivvalutaw b'mod attiv il-livell ta' skopertura f'kuntratti tad-derivati OTC fil-livell tal-entità u tal-grupp.
- (16) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li, ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ dwar il-kriterji sabiex jiġi stabbilit liema kuntratti tad-derivati OTC jistgħu jitkejlu b'mod oġġettiv bħala li jnaqqsu r-riskji, jibqa' adegwat fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi żgurat li l-limiti tal-ikklerjar stipulati f'dak ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni relatati mal-valuri ta' dawk il-limiti jkunu jirriflettu b'mod xieraq u preċiż ir-riskji u l-karatteristiċi differenti fid-derivati, għajr ir-rata tal-imgħax, il-kambju, il-kreditu u d-derivati tal-ekwità. Għalhekk, jenħtieġ li l-AETS tirrieżamina u tiċċara wkoll, fejn xieraq, dak ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni u tipproponi li dan jiġi emendat jekk ikun meħtieġ. L-AETS hija mħeġġa tikkunsidra u tipprovdi, *inter alia*, aktar granularità għad-derivati tal-komoditajiet. Dik il-granularità tista' tinkiseb billi l-limiti tal-ikklerjar jiġu sseparati skont is-settur u t-tip, bħad-differenzjazzjoni bejn il-komoditajiet relatati mal-agrikoltura, mal-enerġija jew mal-metall jew id-differenzjazzjoni ta' dawk il-komoditajiet abbażi ta' karatteristiċi oħrajn bħal kriterji ambjentali, soċjali u ta' governanza, investimenti ambjentalment sostenibbli jew karatteristiċi relatati mal-kripto. Matul ir-rieżami, jenħtieġ li l-AETS tagħmel ħilitha sabiex tikkonsulta mal-

¹ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 149/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-arranġamenti tal-ikklerjar indiretti, l-obbligu tal-ikklerjar, ir-reġistru pubbliku, l-aċċess għal ċentru tan-negożjar, kontropartijiet nonfinanzjarji, tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskji għal kuntratti tad-derivati OTC mhux ikklerjati minn CCP (ĠU L 52, 23.2.2013, p. 11).

partijiet ikkonċernati rilevanti li għandhom għarfien speċifiku dwar komoditajiet partikolari.

- (17) Il-kontropartijiet mhux finanzjarji li jridu jiskambjaw kollateral għal kuntratti ta' derivati OTC mhux ikklerjati minn CCP jenħtieġ li jkollhom biżżejjed żmien sabiex jinnegozjaw u jittestjaw l-arranġamenti għall-iskambju ta' tali kollateral.
- (18) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-proċeduri ta' ġestjoni tar-riskji li jeħtieġu l-iskambju f'waqtu, preċiż u segregat b'mod xieraq tal-kollateral fir-rigward tal-kuntratti ta' derivati OTC konklużi minn kontropartijiet finanzjarji u kontropartijiet mhux finanzjarji, jenħtieġ li l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa sabiex jiżguraw tali applikazzjoni uniformi.
- (18a) *Għadd ta' entitajiet pubbliċi, bħall-gvern ċentrali, l-awtoritajiet lokali u entitajiet oħra tas-settur pubbliku jikklerjaw fuq bażi volontarja. Meta jużaw is-servizzi tal-ikklerjar, jenħtieġ li l-entitajiet pubbliċi, bħala prinċipju, jużaw is-servizzi tal-ikklerjar tas-CCPs tal-Unjoni. Fl-ittra tagħha tal-1 ta' April 2022, l-AETS saħqet li l-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tal-entitajiet pubbliċi fis-CCPs ivarjaw bejn l-Istati Membri. B'mod partikolari, l-AETS identifikat Prattiki diverġenti rigward il-kalkolu tal-iskoperturi ta' entitajiet pubbliċi għal CCPs tal-Unjoni u l-kontribuzzjonijiet tagħhom għar-riżorsi finanzjarji tas-CCP. Għalhekk, jenħtieġ li l-AETS tiġi mistiedna taħdem fuq aktar armonizzazzjoni u koordinazzjoni fir-rigward tal-attivitajiet tal-ikklerjar tal-entitajiet pubbliċi.***
- (18b) *Sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, filwaqt li jiġi rikonoxxut il-fatt li f'xi ġurisdizzjonijiet l-iskambju ta' varjazzjoni u l-marġni inizjali għall-opzjonijiet single-stock u l-opzjonijiet tal-indiċi ta' ekwità ma humiex soġġetti għal rekwiżiti ta' marġni ekwivalenti, it-trattament ta' dawk il-prodotti jenħtieġ li jiddaħħal gradwalment. Dak il-perjodu ta' introduzzjoni gradwali jagħti żmien lill-AETS biex timmonitorja l-iżviluppi regolatorji f'ġurisdizzjonijiet oħra u biex il-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm stabbiliti rekwiżiti xierqa fl-Unjoni biex jiġi mmitigat ir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti fir-rigward ta' tali kuntratti, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe ambitu għal arbitraġġ regolatorju.***

(18c) *Sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-marġni inizjali stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012, ħafna parteċipanti fis-suq tal-Unjoni jużaw mudelli tal-marġni inizjali fl-industrija kollha, bħall-mudell standard tal-marġni inizjali (SIMM) żviluppat mill-International Swaps and Derivatives Association (ISDA). It-tfassil ta' dawk il-mudelli huwa deċiż ċentralment u ma jistax jiġi affettwat b'mod sinifikanti mill-preferenzi ta' kull utent jew mill-valutazzjonijiet differenti ta' kull awtorità kompetenti li jivvalidaw l-użu ta' dawk il-mudelli mill-entitajiet li tissorvelja. Fil-prattika, peress li l-istess mudell jintuża minn għadd kbir ta' kontropartijiet tal-Unjoni, il-ħtieġa li tirriżulta li dak il-mudell jiġi vvalidat minn pluralità ta' awtoritajiet kompetenti twassal għal problema ta' koordinazzjoni. Biex tindirizza dik il-problema, jenħtieġ li l-ABE tingħata l-kompitu li topera bħala validatur ċentrali tal-elementi ġenerali ta' tali mudelli fl-industrija kollha. Fir-rwol tagħha bħala validatur ċentrali, jenħtieġ li l-ABE tiżviluppa fehma komuni dwar l-aspetti ġenerali ta' dawk il-mudelli, bħall-kalibrazzjoni, id-disinn, u l-istrumenti u l-kopertura tal-klassi tal-assi tagħhom. Sabiex tassisti lill-ABE fil-ħidma tagħha, jenħtieġ li l-ABE tiġbor feedback mill-awtoritajiet kompetenti, l-AETS u l-EIOPA, u tikkoordina l-fehmiet tagħhom. Minħabba li l-awtoritajiet kompetenti jkomplu jkunu responsabbli għall-validazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawk il-mudelli fil-livell tal-entità taħt superviżjoni, jenħtieġ li l-ABE tassistihom fil-proċessi ta' approvazzjoni tagħhom rigward l-aspetti ġenerali tal-implimentazzjoni ta' dawk il-mudelli. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-ABE sservi bħala punt uniku ta' diskussjoni mal-industrija biex tgħin tiżgura influwenza aktar effettiva tal-Unjoni fuq it-tfassil ta' dawk il-mudelli.*

(19) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti u konverġenti fost l-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni kollha, is-CCPs awtorizzati jew il-persuni ġuridiċi li jixtiequ jiġu awtorizzati skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 sabiex jipprovdu servizzi u attivitajiet tal-ikklerjar fi strumenti finanzjarji jenħtieġ li jkunu jistgħu wkoll jiġu awtorizzati jipprovdu servizzi tal-ikklerjar u attivitajiet oħrajn b'rabta ma' strumenti mhux finanzjarji. Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 japplika għas-CCPs bħala entitajiet, u mhux għal servizzi speċifiċi, kif stabbilit fl-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament. Meta CCP tapprova strumenti mhux finanzjarji, minbarra l-istrumenti

finanzjarji, jenħtieġ li ***L-AETS*** tkun tista' tiżgura li s-CCP tikkonforma mar-rekwiżiti kollha tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għas-servizzi kollha li toffri.

- (20) ***Jenħtieġ li jiġu esplorati mezzi addizzjonali biex tittejjeb l-attrazzjoni tas-CCPs tal-Unjoni u biex tiżdied il-kompetittività tad-ditti tal-Unjoni. Sabiex jinkiseb approċċ proporzjonat li jagħti spinta lis-swieq kapitali tal-Unjoni, iżomm l-istabbiltà finanzjarja, u jsaħħaħ il-kompetittività tas-sistema tal-ikklerjar tal-Unjoni fuq skala globali, huwa meħtieġ li jiġi implimentat reġim ta' inċentivi biex il-kontropartijiet internazzjonali jiġu inkoraġġiti jikklerjaw fl-Unjoni. Madankollu, is-CCPs tal-Unjoni jiffaċċjaw sfidi sabiex jespandu l-offerta tal-prodotti tagħhom u jesperjenzaw diffikultajiet sabiex ipoġġu prodotti ġodda fis-suq. Dawk l-isfidi u d-diffikultajiet jistgħu jiġu spjegati minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li jagħmlu xi proċeduri ta' awtorizzazzjoni twal wisq, kumplessi u inċerti fl-eżitu tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-proċess tal-awtorizzazzjoni tas-CCPs tal-Unjoni jew tal-estensjoni tal-awtorizzazzjoni tagħhom jiġi ssimplifikat, filwaqt li jiġi żgurat l-involviment xieraq tal-AETS u tal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. L-ewwel, sabiex jiġi evitat dewmien sinifikanti, u potenzjalment indefinit, meta ***L-AETS tivvaluta l-kompletezza*** ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, jenħtieġ li ***L-AETS*** tirrikonoxxi malajr li tkun irċeviet dik l-applikazzjoni u tivverifika malajr jekk is-CCP tkunx ipprovdiet id-dokumenti meħtieġa għall-valutazzjoni. Sabiex jiġi żgurat li s-CCPs tal-Unjoni jissottomettu d-dokumenti kollha meħtieġa mal-applikazzjonijiet tagħhom, jenħtieġ li l-AETS tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw liema dokumenti jenħtieġ li jiġu pprovduti, x'informazzjoni jenħtieġ li jkun fihom dawk id-dokumenti u f'liema format jenħtieġ li jiġu sottomessi. ***Meta tħejji l-abbozzi tal-istandards tekniċi regolatorji, jenħtieġ li l-AETS tqis ir-rekwiżiti u l-prattiki eżistenti ta' dokumentazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 u tissimplifika s-sottomissjoni tagħhom fejn possibbli, u kif ukoll l-importanza li jiġi evitat żmien eċċessiv għas-suq u li jiġi żgurat li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mis-CCP li tapplika għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni tkun proporzjonali għall-materjalità tal-bidla li għaliha qed tapplika s-CCP.*** It-tieni, sabiex tiġi żgurata valutazzjoni effiċjenti u konkorrenti tal-applikazzjonijiet, jenħtieġ li s-CCPs ikunu jistgħu jissottomettu d-dokumenti kollha***

permezz ta' bażi tad-data ċentrali fejn jenħtieġ li jiġu kondiviżi b'mod istantanju mal-awtorità kompetenti tas-CCP, mal-AETS u mal-kulleġġ. It-tielet, l-awtorità kompetenti ta' CCP, l-AETS u l-kulleġġ jenħtieġ li matul il-perjodu ta' valutazzjoni jinvolvu lis-CCP u jistaqsuha kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollhom sabiex jiżguraw proċess rapidu, flessibbli u kooperattiv għal rieżami komprensiv. Sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni u d-dewmien bla bżonn, jenħtieġ li l-mistoqsijiet kollha u l-kjarifiki sussegwenti jiġu kondiviżi wkoll simultanjament bejn l-awtorità kompetenti tas-CCP, l-AETS u l-kulleġġ.

- (21) Bħalissa hemm inċertezza dwar meta servizz jew attività addizzjonali jkunu koperti minn awtorizzazzjoni eżistenti ta' CCP. Huwa meħtieġ li tiġi indirizzata dik l-inċertezza u li tiġi żgurata l-proporzjonalità meta s-servizz jew l-attività addizzjonali proposti ma jżidux ir-riskji għas-CCP. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit li l-applikazzjonijiet f'dawk il-każijiet ma jenħtieġx li jgħaddu mill-proċedura ta' valutazzjoni sħiħa. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li jiġi speċifikat liema servizzi u attivitajiet tal-ikklerjar addizzjonali ma humiex materjali, u b'hekk ma jżidux ir-riskji għal CCP tal-Unjoni, u jenħtieġ li jiġu approvati permezz ta' proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni *mill-AETS*. Jenħtieġ li dik il-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni tiġi applikata meta s-CCP ikollha l-ħsieb li tikklerja *munita ġdida tal-Unjoni fi klassi ta' strumenti finanzjarji diġà koperti mill-awtorizzazzjoni tas-CCP li għalihom is-CCP ma jkollhiex stabbilita l-faċilità ta' pagament rilevanti, jew meta jkollha l-ħsieb li toffri mekkaniżmu jew servizz ġdid ta' saldu jew ta' konsenja li jinvolvu l-istabbiliment ta' rabtiet ma' sistema differenti ta' saldu tat-titoli, depożitorju ċentrali tat-titoli jew sistema ta' ħlas jew ikollha l-ħsieb li toffri kuntratti li ma jistgħux jiġu likwidati bl-istess mod jew flimkien ma' kuntratti diġà kklerjati minnha*. Barra minn hekk, jenħtieġ li CCP tkun tista' wkoll titlob *lill-AETS* tapplika l-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni meta dik is-CCP tqis li s-servizz jew l-attività addizzjonali proposti ma jżidux ir-riskji tagħha, b'mod partikolari meta s-servizz jew l-attività tal-ikklerjar il-ġodda jkunu simili għas-servizzi li s-CCP tkun diġà awtorizzata tipprovdi. Il-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni jenħtieġ li ma tkunx tirrikjedi opinjoni separata mill-AETS u mill-kulleġġ, billi tali rekwiżit ikun sproporzjonat. *Hemm ukoll għadd ta' bidliet li CCP tadotta fuq bażi regolari ("żamma tal-istatus quo") u li jafu ma jikkwalifikawx bħala materjali jew mhux materjali. Għal*

dawk il-bidliet, jenħtieġ li s-CCPs ma jkunux soġġetti għall-proċeduri biex jestendu l-awtorizzazzjonijiet, iżda jenħtieġ li jinnotifikaw lill-AETS qabel ma jimplimentawhom direttament. L-AETS jenħtieġ li tivverifika regolarment dawk il-bidliet bħala parti mir-rieżami annwali tas-CCP. Dik il-miżura jenħtieġ li ttaffi b'mod sinifikanti l-piż fuq l-awtoritajiet kompetenti, u żżid bil-kbir il-kapaċità tas-CCPs li jimplimentaw bidliet li ma jimmodifikawx il-profil tar-riskju ġenerali tagħhom. Madankollu, jenħtieġ li l-AETS tirrieżamina b'mod regolari kif il-bidliet fil-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u valutazzjoni jiġu implimentati fil-prattika, biex tiżgura li ma jżidux ir-riskju ta' stabbiltà finanzjarja għall-Unjoni.

- (22) Sabiex titrawwem superviżjoni kooperattiva tas-CCPs fuq bażi kontinwa, jenħtieġ li l-kulleġġ joħroġ opinjoni meta *AETS* tikkunsidra li tirtira awtorizzazzjoni ta' CCP u meta *AETS* twettaq ir-rieżami u l-evalwazzjoni annwali ta' dik is-CCP.

- (24) *Ix-xenarju tal-ikklerjar fl-Unjoni ilu mill-2019 iġarrab bidliet kbar, meta ġew adottati r-regolamenti emendatorji għar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u r-Regolament (UE) Nru 648/2012, u issa jidher li huwa meħtieġ approċċ aktar koordinat u integrat għas-superviżjoni tas-CCPs tal-Unjoni, speċjalment peress li attività aktar sistemika hija mistennija li timxi lejn l-Unjoni minħabba r-rekwiżit li jinżammu kontinwi attivi fis-CCPs tal-Unjoni għal servizzi ta' importanza sistemika sostanzjali. Għalhekk, jenħtieġ li l-AETS tkun is-superviżur dirett tas-CCPs tal-UE, u huma meħtieġa kooperazzjoni u integrazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet rilevanti kollha biex jiġi żgurat li r-riskji kkonċentrati fis-CCPs tal-Unjoni jiġu mmonitorjati u ġestiti b'mod adegwat, sabiex jiġu mminimizzati r-riskji sistemiċi u l-effetti kollaterali fost l-Istati Membri. L-għoti tas-setgħa lill-AETS bi rwol superviżorju dirett fil-konfront tas-CCPs tal-Unjoni jirrikjedi l-adattament tal-qafas superviżorju eżistenti skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, li jipprova lill-AETS b'setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet fuq is-CCPs tal-Unjoni, iżda wkoll billi jiġi ċċarat kif dawn is-setgħat il-ġodda jinteraġixxu mar-rwol superviżorju tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Fl-ambitu ta' approċċ ġdid u aktar integrat, jenħtieġ li l-AETS tabbozza u tadotta d-deċiżjonijiet superviżorji rilevanti, wara li tqis l-opinjoni tal-kulleġġ. L-AETS tista'*

titlob lill-awtorità kompetenti tas-CCP biex tassisti fl-abbozzar tad-deċiżjonijiet, fil-verifika tal-attivitajiet tas-CCP, u fil-valutazzjonijiet ta' kuljum. L-AETS jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tiddelega kompiti superviżorji speċifiċi lill-awtoritajiet kompetenti. L-AETS jenħtieġ li tkun inkarigata mill-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji konġunti, inkluż fir-rigward tal-ispezzjonijiet fuq il-post tas-CCPs tal-Unjoni. Il-bidla fl-approċċ jenħtieġ li tkopri wkoll ir-rieżamijiet annwali.

- (25) Jeħtieġ li jiġi żgurat li s-CCP tikkonforma mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fuq bażi kontinwa, inkluż wara proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni li tapprova l-forniment ta' servizzi jew attivitajiet tal-ikklerjar addizzjonali, jew wara proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni għall-validazzjoni ta' bidla fil-mudell, f'liema każijiet l-AETS u l-kulleġġ ma jhorgux opinjoni separata. Għalhekk, jenħtieġ li r-rieżami mwettaq **mill-AETS** mill-anqas fuq bażi annwali jikkunsidra b'mod partikolari tali servizzi jew attivitajiet tal-ikklerjar ġodda u kwalunkwe bidla fil-mudell. Sabiex tiġi żgurata l-konverġenza superviżorja u li s-CCPs tal-Unjoni jkunu sikuri, robusti u kompetittivi fil-forniment tas-servizzi tagħhom fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li **r-rapport tal-AETS ikun soġġett** għal opinjoni mill-kulleġġ u jenħtieġ li jiġi sottomess kull sena.
- (26) Jenħtieġ li l-AETS ikollha l-mezzi sabiex tidentifika r-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-AETS, b'kooperazzjoni **mal-BERS**, mal-ABE, mal-EIOPA u mal-BĊE fil-qafas tal-kompiti li jikkonċernaw is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fi ħdan il-mekkaniżmu superviżorju uniku mogħti lilha f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013¹, tidentifika l-interkonnessjonijiet u l-interdipendenzi bejn CCPs u persuni ġuridiċi differenti, inklużi, **kemm jista' jkun**, membri tal-ikklerjar, klijenti u klijenti indiretti kondiviżi, fornituri ta' servizzi materjali kondiviżi, fornituri ta' likwidità materjali kondiviżi, arranġamenti ta' kollateral inkroċjat, dispożizzjonijiet ta' kontroinadempjenza u netting bejn is-CCPs, ftehimiet ta' kontrogaranzija u trasferimenti tar-riskji u arranġamenti ta' negozjar back-to-back.
- (27) Il-banek ċentrali tal-ħruġ tal-muniti tal-Unjoni tal-istrumenti finanzjarji kklerjati minn CCPs awtorizzati li jkunu talbu s-šhubija fil-Kumitat Superviżorju tas-CCP huma

¹ [...]

membri mingħajr dritt tal-vot ta' dak il-kumitat. Huma jipparteċipaw biss fil-laqgħat tiegħu għas-CCPs tal-Unjoni fil-kuntest ta' diskussjonijiet dwar il-valutazzjonijiet madwar l-Unjoni kollha tar-reżiljenza ta' dawk is-CCPs għall-iżviluppi avversi tas-suq u l-iżviluppi rilevanti tas-suq. B'hekk, għall-kuntrarju tal-involviment tagħhom fis-superviżjoni ta' CCPs ta' pajjiżi terzi, il-banek ċentrali tal-ħruġ ma humiex involuti biżżejjed fi kwistjonijiet superviżorji għas-CCPs tal-Unjoni li huma ta' rilevanza diretta għat-tmexxija tal-politika monetarja u għall-operat bla xkiel tas-sistemi ta' pagamenti, li jwassal għal kunsiderazzjoni insuffiċjenti tar-riskji transfruntiera. Għalhekk, huwa xieraq li dawk il-banek ċentrali tal-ħruġ ikunu jistgħu jattendu bħala membri mingħajr dritt tal-vot għal-laqgħat kollha tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP meta dan jitlaqqa' għas-CCPs tal-Unjoni.

- (28) Huwa meħtieġ li jiġu żgurati skambju fil-pront tal-informazzjoni, kondiviżjoni tal-għarfien u kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet involuti fis-superviżjoni tas-CCPs awtorizzati ***u fil-monitoraġġ tar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni*** u, b'mod partikolari, meta tkun meħtieġa deċiżjoni rapida ***mill-AETS***. Għalhekk, huwa xieraq ***li jinholq qafas għall-attivitajiet superviżorji konġunti*** għal kull CCP tal-Unjoni sabiex jassisti lil dawk l-awtoritajiet superviżorji, inkluż billi jipprovdi kontribut ***lill-AETS*** fil-kuntest tal-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni għall-estensjoni tal-awtorizzazzjoni eżistenti ta' CCP, jassisti fl-istabbiliment tal-frekwenza u l-profondità tar-rieżami u l-evalwazzjoni ta' CCP, u jipparteċipa fi spezzjonijiet fuq il-post. ■
- (29) Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-korpi rilevanti tal-Unjoni li jkollhom ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-iżviluppi tas-suq rilevanti għall-ikklerjar fl-Unjoni, jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta' ċerti rekwiżiti relatati mal-ikklerjar tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u jiddiskutu b'mod kollettiv ir-riskji potenzjali li jinħolqu mill-interkonnnettività ta' atturi finanzjarji differenti u kwistjonijiet oħrajn relatati mal-istabbiltà finanzjarja, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' monitoraġġ transsettorjali li jgħaqqad flimkien il-korpi rilevanti tal-Unjoni involuti fis-superviżjoni tas-CCPs tal-Unjoni, tal-membri tal-ikklerjar u tal-klijenti. Jenħtieġ li tali Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ jiġi ġestit u ppresjedut mill-AETS bħala l-awtorità tal-Unjoni ***li tissorvelja s-CCPs*** tal-Unjoni u ***li tissorvelja CCPs*** ta' pajjiżi terzi sistemikament importanti. Jenħtieġ li parteċipanti oħrajn ikunu jinkludu rappreżentanti mill-

Kummissjoni, mill-ABE, mill-EIOPA, mill-BERS u mill-BĊE fil-qafas tal-kompiti li jikkonċernaw is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fi ħdan il-mekkaniżmu superviżorju uniku mogħtija lilha f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013.

- (30) Sabiex tinforma d-deċiżjonijiet ta' politika futuri, jenħtiegħ li l-AETS, b'kooperazzjoni mal-korpi l-oħrajn li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ, tissottometti rapport annwali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-attivitajiet tagħhom. ■
- (31) It-taqlib fis-suq tal-2020 bħala riżultat tal-pandemija tal-Covid-19 u l-prezzijiet għoljin tal-2022 fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa wara l-aggressjoni mhux ipprovokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna wrew li, filwaqt li huwa essenzjali li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni sabiex jindirizzaw ir-riskji li jirriżultaw meta jitfaċċaw avvenimenti b'impatti transfruntiera, l-AETS għad ma għandhiex l-għodod meħtieġa sabiex tiżgura tali koordinazzjoni u approċċ konverġenti fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtiegħ li l-AETS tkun tista' ssejjaħ laqgħat tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP, fuq inizzjattiva tagħha stess jew inkella fuq talba, potenzjalment b'kompożizzjoni mkabbra, sabiex tikkoordina b'mod effettiv ir-rispons tal-awtoritajiet kompetenti f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Jenħtiegħ li l-AETS tkun tista' wkoll titlob, b'talba sempliċi, informazzjoni mill-parteċipanti fis-suq li tkun meħtieġa għall-AETS sabiex twettaq il-funzjoni ta' koordinazzjoni tagħha f'dawk is-sitwazzjonijiet u sabiex tkun tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-awtorità kompetenti. ***Fl-aħħar nett, minħabba li l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji jista' jkollhom implikazzjonijiet diretti għas-sistema bankarja jew għad-deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja, jenħtiegħ li r-rappreżentanti tal-banek ċentrali ta' ħruġ rilevanti dejjem jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP b'reazzjoni għal tali emerġenzi.***
- (32) Sabiex jitnaqqas il-piż fuq is-CCPs u l-AETS, jenħtiegħ li jiġi ċċarat li meta l-AETS twettaq rieżami tar-rikonossiment ta' CCP ta' pajjiż terz skont l-Artikolu 25(5), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), dik is-CCP ta' pajjiż terz jenħtiegħ li ma tkunx obligata tissottometti applikazzjoni ġdida għar-rikonossiment. Madankollu, jenħtiegħ li hija

tipprovdi lill-AETS bl-informazzjoni kollha meħtieġa għal tali rieżami. Konsegwentement, jenħtieġ li r-rieżami mill-AETS tar-rikonossiment ta' CCP ta' pajjiż terz ma jikkostitwix rikonossiment ġdid ta' dik is-CCP.

- (33) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista', meta tadotta deċiżjoni ta' ekwivalenza, teżenta lil dak il-pajjiż terz mir-rekwiżit li jkollu sistema ekwivalenti effettiva għar-rikonossiment tas-CCPs ta' pajjiżi terzi. Meta tikkunsidra fejn approċċ bħal dan ikun proporzjonat, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra medda ta' fatturi differenti, inkluża l-konformità mal-Prinċipji għall-Infrastrutturi tas-Suq Finanzjarju ppubblikati mill-Kumitat dwar il-Pagamenti u l-Infrastrutturi tas-Suq u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli, id-daqs tas-CCPs ta' pajjiżi terzi stabbiliti f'dik il-ġurisdizzjoni u, fejn magħrufa, l-attività mistennija f'dawn is-CCPs ta' pajjiżi terzi minn membri tal-ikklerjar u ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni.
- (34) Sabiex jiġi żgurat li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-AETS u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' pajjiżi terzi jkunu proporzjonati, jenħtieġ li tali arranġamenti jirriflettu l-karatteristiċi speċifiċi tal-ambitu tas-servizzi pprovduti, jew maħsuba li jiġu pprovduti, fl-Unjoni minn CCPs awtorizzati f'dak il-pajjiż terz u jekk daww is-servizzi jinvolvu riskji speċifiċi għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jirriflettu l-grad ta' riskju li s-CCPs stabbiliti f'pajjiż terz potenzjalment jippreżentaw għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha.
- (35) Għalhekk, jenħtieġ li l-AETS tfassal l-arranġamenti ta' kooperazzjoni tagħha għal ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi differenti bbażati fuq is-CCPs stabbiliti fil-ġurisdizzjoni rispettiva. B'mod partikolari, is-CCPs tal-Grad 1 ikopru medda wiesgħa ta' profili tas-CCP u, b'hekk, jenħtieġ li l-AETS tiżgura li arranġament ta' kooperazzjoni jkun proporzjonat għas-CCPs stabbiliti f'kull ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz. Jenħtieġ li l-AETS tikkunsidra, fost l-oħrajn, il-likwidità tas-swieq ikkonċernati, il-grad sa fejn l-attivitajiet ta' kklerjar tas-CCPs huma denominati f'euro jew f'muniti oħrajn tal-Unjoni u l-punt sa fejn l-entitajiet tal-Unjoni jużaw is-servizzi ta' tali CCPs. Meta jitqies li l-maġġoranza l-kbira tas-CCPs tal-Grad 1 jipprovdu servizzi tal-ikklerjar sa ċertu punt limitat għall-membri tal-ikklerjar u għaċ-ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni, jenħtieġ li l-ambitu

tal-AETS tal-valutazzjoni u tal-informazzjoni li għandha tintalab ikun limitat ukoll f'dawk il-ġurisdizzjonijiet kollha. Sabiex jiġu limitati t-talbiet għall-informazzjoni għas-CCPs tal-Grad 1, jenħtieġ li fil-prinċipju tintalab medda predefinita ta' informazzjoni mill-AETS kull sena. Meta r-riskji minn CCP jew ġurisdizzjoni tal-Grad 1 ikunu potenzjalment akbar, ikunu ġustifikati aktar talbiet u ambitu usa' tal-informazzjoni mitluba u dan mhux anqas minn darba kull tliet xhur. Madankollu, kwalunkwe arranġament ta' kooperazzjoni fis-seħħ meta dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ jenħtieġ li ma jiġix aġġustat, sakemm l-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi ma jitolbux hekk.

- (36) Fejn ir-rikonoxximent ikun previst skont l-Artikolu 25(2b) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, meta jitqies li dawk is-CCPs huma ta' importanza sistemika għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, jenħtieġ li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-AETS u l-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi jkopru l-iskambju ta' informazzjoni għal medda usa' ta' informazzjoni u bi frekwenza akbar. F'dak il-każ, jenħtieġ li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jinvolvu wkoll proċeduri sabiex jiġi żgurat li tali CCP tal-Grad 2 tkun taħt superviżjoni skont l-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament. Jenħtieġ li l-AETS tiżgura li tkun tista' tikseb l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex taqdi dmirijietha skont dak ir-Regolament, inkluża l-informazzjoni meħtieġa sabiex tiżgura l-konformità mal-Artikolu 25(2b) ta' dak ir-Regolament u sabiex tiżgura li l-informazzjoni tiġi kondiviża meta CCP tkun ingħatat, parzjalment jew kompletament, konformità komparabbli. *Jenħtieġ ukoll li l-AETS, meta tingħata konformità komparabbli, tivvaluta regolarment il-konformità kontinwa mis-CCPs tal-Grad 2 mal-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent tagħhom permezz ta' konformità komparabbli, billi timmonitorja l-konformità tas-CCPs mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 t-Titoli IV u V skont ir-Regolament Delegat (UE) 2020/1304 tal-Kummissjoni¹. Fit-twettiq ta' dik il-valutazzjoni, jenħtieġ li l-AETS tkun tista' wkoll,*

¹ *Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1304 tal-14 ta' Lulju 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-elementi minimi li għandhom jiġu vvalutati mill-AETS meta tivvaluta t-talbiet ta' CCPs ta' pajjiżi terzi għal konformità komparabbli u l-modalitajiet u l-kundizzjonijiet ta' din il-valutazzjoni (ĠU L 305, 21.9.2020, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1304/oj)*

minbarra li tirċievi l-informazzjoni u l-konfermi rilevanti mis-CCP tal-Grad 2, tikkoopera u taqbel dwar proċeduri amministrattivi mal-awtorità tal-pajjiż terz biex tiżgura li l-AETS ikollha l-informazzjoni rilevanti u biex tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u regolatorji għal dawk is-CCPs tal-Grad 2. Sabiex l-AETS tkun tista' twettaq superviżjoni sħiħa u effettiva tas-CCPs tal-Grad 2, jenħtieġ li jiġi ċċarat li dawk is-CCPs jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni lill-AETS perjodikament.

- (37) Sabiex jiġi żgurat li l-AETS tkun informata wkoll dwar kif CCP tal-Grad 2 titħejja, tista' ttaffi u tirkupra minn diffikultà finanzjarja, jenħtieġ li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jinkludu d-dritt li l-AETS tiġi informata meta CCP tal-Grad 2 tistabbilixxi pjan ta' rkupru jew meta awtorità ta' pajjiż terz tistabbilixxi pjanijiet ta' riżoluzzjoni. Jenħtieġ li l-AETS tiġi informata wkoll dwar l-aspetti rilevanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, u dwar kif membri tal-ikklerjar individwali u, sa fejn ikunu magħrufa, klijenti u klijenti indiretti, jistgħu jiġu affettwati materjalment mill-implimentazzjoni ta' tali pjan ta' rkupru jew ta' riżoluzzjoni. Jenħtieġ li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jindikaw ukoll li jenħtieġ li l-AETS tiġi informata meta CCP tal-Grad 2 ikollha l-ħsieb li tattiva l-pjan ta' rkupru tagħha jew meta l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi jkunu ddeterminaw li hemm indikazzjonijiet ta' sitwazzjoni ta' kriżi emerġenti li tista' taffettwa l-operazzjonijiet tas-CCP, il-membri tal-ikklerjar tagħha, il-klijenti u l-klijenti indiretti.
- (38) Sabiex jittaffew ir-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, jenħtieġ li s-CCPs u l-kmamar tal-ikklerjar ma jitħallewx ikunu membri tal-ikklerjar ta' CCPs oħrajn, kif ukoll is-CCPs ma jkunux jistgħu jaċċettaw li jkollhom CCPs oħrajn bħala membri tal-ikklerjar jew membri tal-ikklerjar indiretti. ***Jenħtieġ li dik l-esklużjoni ma taffettwax l-arranġamenti ta' interoperabbiltà, jew arranġamenti oħra bħal sħubijiet sponsorjati jew aċċess dirett għal swieq repo, bejn is-CCPs.***
- (39) L-avvenimenti reċenti fis-swieq tal-komoditajiet bħala riżultat tal-aggressjoni mhux ipprovokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna juru l-fatt li l-kontropartijiet mhux finanzjarji ma għandhomx l-istess aċċess għal-likwidità bħall-kontropartijiet finanzjarji. Għalhekk, jenħtieġ li l-kontropartijiet mhux finanzjarji ma jitħallewx joffru

servizzi ta' kklerjar tal-klijenti u jenħtieġ li jitħallew biss iżommu kontijiet fis-CCP għall-assi u l-pożizzjonijiet miżmuma għall-kont proprju tagħhom. Meta CCP ikollha jew tkun beħsiebha taċċetta kontropartijiet mhux finanzjarji bħala membri tal-ikklerjar, jenħtieġ li dik is-CCP tiżgura li l-kontropartijiet mhux finanzjarji jkunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-marġni u l-kontribuzzjonijiet tal-fondi ta' inadempjenza, inkluż f'kundizzjonijiet ta' stress. Meta jitqies li l-kontropartijiet mhux finanzjarji ma humiex soġġetti għall-istess rekwiżiti prudenzjali u salvagwardji tal-likwidità bħall-kontropartijiet finanzjarji, jenħtieġ li l-aċċess dirett tagħhom għas-CCPs jiġi mmonitorjat mill-awtoritajiet kompetenti tas-CCPs li jaċċettawhom bħala membri tal-ikklerjar. . Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti għas-CCP tirrapporta lill-AETS u lill-kulleġġ fuq bażi regolari dwar l-adeqwatezza tal-aċċettazzjoni ta' kontropartijiet mhux finanzjarji bħala membri tal-ikklerjar. L-AETS tista' toħroġ opinjoni dwar l-adeqwatezza ta' tali arranġamenti wara rieżami bejn il-pari *ad hoc*.

- (40) Sabiex jiġi żgurat li l-klijenti u l-klijenti indiretti jkollhom viżibbiltà u prevedibbiltà aħjar tal-appelli għall-marġni, u b'hekk jiżviluppaw aktar l-istrategġiji ta' ġestjoni tal-likwidità tagħhom, jenħtieġ li l-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi ta' kklerjar jiżguraw trasparenza għall-klijenti tagħhom. Minħabba r-relazzjoni aktar mill-qrib tagħhom mas-CCPs u l-esperjenza professjonali tagħhom fl-ikklerjar ċentrali u l-ġestjoni tal-likwidità, il-membri tal-ikklerjar huma fl-aħjar pożizzjoni sabiex jikkomunikaw b'mod ċar u trasparenti lill-klijenti kif jaħdmu l-mudelli tas-CCP, inkluż f'avvenimenti ta' stress, u l-implikazzjonijiet li tali avvenimenti jista' jkollhom fuq il-marġnijiet li l-klijenti jintalbu jpoġġu, inkluż kwalunkwe marġni addizzjonali li l-membri tal-ikklerjar infushom jistgħu jitolbu. Fehim aħjar tal-mudelli tal-marġni tas-CCP jista' jtejjeb il-kapaċità tal-klijenti li jfassru b'mod raġonevoli l-appelli għall-marġni u jħejju ruħhom għat-talbiet għal kollateral, b'mod partikolari f'avvenimenti ta' stress. ***Sabiex jiġi żgurat li l-membri tal-ikklerjar ikunu jistgħu jipprovdu b'mod effettiv il-livelli meħtieġa ta' trasparenza dwar is-sejħiet għall-marġni u l-mudelli tal-marġni tas-CCP lill-klijenti tagħhom, is-CCPs jenħtieġ li jipprovduhom ukoll kwalunkwe informazzjoni li jkunu jirrikjedu. L-AETS, f'konsultazzjoni mal-ABE u mas-SEBĊ, jenħtieġ li tispeċifika aktar l-ambitu u l-format tal-iskambju ta'***

informazzjoni bejn is-CCPs u l-membri tal-ikklerjar u bejn il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti tagħhom.

- (41) Sabiex jiġi żgurat li l-mudelli tal-marġni jirriflettu l-kundizzjonijiet attwali tas-suq, jenħtieġ li s-CCPs jirrevedu kontinwament u mhux biss regolarment il-livell tal-marġnijiet tagħhom, filwaqt li jqisu kwalunkwe effett potenzjalment proċikliku ta' tali reviżjonijiet. Meta jsejħu l-marġnijiet u jiġbruhom fuq bażi tal-istess ġurnata, jenħtieġ li s-CCPs jikkunsidraw ulterjorment l-impatt potenzjali tal-ġbir tal-marġni u tal-pagamenti fl-istess ġurnata fuq il-pożizzjoni tal-likwidità tal-parteċipanti tagħhom.
- (42) Sabiex jiġi żgurat li r-riskju tal-likwidità jiġi definit b'mod akkurat, l-entitajiet li l-inadempjenza tagħhom jenħtieġ li titqies minn CCP sabiex tiddetermina tali riskju jenħtieġ li jiġu estiżi sabiex ikopru mhux biss l-inadempjenza tal-membri tal-ikklerjar, iżda wkoll tal-fornituri ta' servizzi ta' likwidità, tal-fornituri ta' servizzi ta' saldu jew ta' kwalunkwe fornitur ieħor ta' servizzi.
- (43) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ikklerjar għal dawk l-entitajiet li ma għandhomx ammonti suffiċjenti ta' assi likwidi ħafna u, b'mod partikolari, il-kumpaniji tal-enerġija, taħt kundizzjonijiet li għandhom jiġu speċifikati mill-AETS u sabiex jiġi żgurat li CCP tqis dawk il-kundizzjonijiet meta tikkalkula l-iskopertura kumplessiva tagħha għal bank li huwa wkoll membru tal-ikklerjar, jenħtieġ li l-garanziji tal-banek kummerċjali u tal-banek pubbliċi jitqiesu bħala kollateral eliġibbli, ***anke fuq bażi mhux kollateralizzata għal kontropartijiet mhux finanzjarji, soġġett għal-limiti ta' konċentrazzjoni u rekwiżiti speċifiċi li għandhom jiġu stabbiliti mill-AETS.*** Barra minn hekk, minħabba l-profil tar-riskju ta' kreditu baxx tagħhom, jenħtieġ li jiġi speċifikat b'mod espliċitu li l-garanziji pubbliċi huma eliġibbli wkoll bħala kollateral. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li CCP, meta tirrevedi l-livell tat-telf impost li hija tapplika għall-assi li taċċetta bħala kollateral, tqis kwalunkwe effett proċikliku potenzjali ta' tali reviżjonijiet.
- (44) Sabiex tiġi ffaċilitata l-kapaċità tas-CCPs li jirrispondu minnufih għall-iżviluppi tas-suq li jistgħu jeħtieġu emendi għall-mudelli tar-riskju tagħhom, jenħtieġ li l-proċess tal-validazzjoni tal-bidliet f'tali mudelli jiġi ssimplifikat. Meta bidla ma tkunx sinifikanti, jenħtieġ li tapplika proċedura ta' validazzjoni ta' nuqqas ta' oġġezzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-konverġenza superviżorja, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 648/2012

jispeċifika l-bidliet li jenħtieġ li jitqiesu bħala sinifikanti. Jenħtieġ li dan ikun il-każ fejn jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet li jirreferu għal aspetti differenti tal-pożizzjoni finanzjarja tas-CCP u l-livell tar-riskju ġenerali.

(44a) Ir-Rapport dwar il-Funzjonament tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 bl-obbligi relatati skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 maħruġ b'mod konġunt mill-ABE u l-AETS f'Jannar 2017 jidentifika diversi rekwiżiti potenzjalment duplikattivi u inkonsistenti għas-CCPs detenturi ta' liċenzja bankarja. Konsegwentement, ir-rapport jirrakkomanda għadd ta' kjarifiki biex jiġu evitati riskji regolatorji akbar, piżijiet u spejjeż bla bżonn għall-monitoraġġ mill-awtoritajiet kompetenti. Id-duplikazzjoni tar-rekwiżiti kapitali identifikati f'dan ir-rapport għadha ma ġietx indirizzata bis-sħiħ. Għalhekk, kif irrakkomandat fir-rapport, jenħtieġ li jiġi ċċarat li s-CCPs awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, ma humiex meħtieġa jwarrbu fondi proprji għall-attivitajiet tagħhom meta r-riskji eżistenti jkunu diġà koperti permezz tar-riżorsi finanzjarji speċifiċi għas-CCP imsemmija fl-Artikoli 41 sa 44 ta' dak ir-Regolament. Filwaqt li l-Eurosistema qed teżamina l-kwistjoni ta' politiki konverġenti dwar l-aċċess tal-banek ċentrali għas-CCPs tal-Unjoni, jenħtieġ li l-banek ċentrali tal-ħruġ tal-Eurosistema taħt it-tmexxija tal-BĊE, fuq talba tal-Parlament Ewropew, jagħmlu rapport li jivvaluta s-sitwazzjoni attwali u, jekk ikun xieraq, jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar kif jiġi żgurat aċċess ġeneralizzat għall-banek ċentrali għas-CCPs tal-Unjoni awtorizzati mill-EMIR mingħajr il-kundizzjoni li tinżamm liċenzja bankarja.

(45) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 648/2012 jiġi rieżaminat mhux aktar tard minn ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan jippermetti ż-żmien sabiex jiġu applikati l-bidliet introdotti minn dan ir-Regolament. Filwaqt li jenħtieġ li jitwettaq rieżami tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fl-intier tiegħu, jenħtieġ li dak ir-rieżami jiffoka fuq l-effettività u l-effiċjenza ta' dak ir-Regolament fl-ilħuq tal-għanijiet tiegħu, fit-titjib tal-effiċjenza u tas-sikurezza tas-swieq tal-ikklerjar tal-Unjoni u fil-preservazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Jenħtieġ li r-rieżami jikkunsidra wkoll l-attrawenza tas-CCPs tal-Unjoni, l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq l-inkoraġġiment tal-ikklerjar fl-Unjoni, u l-punt sa fejn il-valutazzjoni u l-ġestjoni mtejbja tar-riskji transfruntiera kienu ta' benefiċċju għall-Unjoni.

- (46) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tar-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u sabiex jiġu ppreservati l-integrità u l-istabbiltà tas-suq intern, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit fir-Regolament (UE) 2017/1131 sett uniformi ta' regoli sabiex jiġi indirizzat ir-riskju tal-kontroparti fi tranżazzjonijiet ta' derivati finanzjarji mwettqa minn fondi tas-suq monetarju (MMF), meta t-tranżazzjonijiet ikunu ġew ikklerjati minn CCP li tkun awtorizzata jew rikonoxxuta skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012. Billi l-arranġamenti tal-ikklerjar ċentrali jtaffu r-riskju tal-kontroparti li huwa inerenti f'kuntratti ta' derivati finanzjarji, huwa meħtieġ li jitqies jekk derivat ikunx ġie kklerjat ċentralment minn CCP li tkun awtorizzata jew rikonoxxuta skont dak ir-Regolament, meta jiġu ddeterminati l-limiti applikabbli tar-riskju tal-kontroparti. Huwa meħtieġ ukoll, għal finijiet regolatorji u ta' armonizzazzjoni, li jitneħħew il-limiti tar-riskju tal-kontroparti biss meta l-kontropartijiet jużaw CCPs li huma awtorizzati jew rikonoxxuti f'konformità ma' dak ir-Regolament, sabiex jipprovdu servizzi tal-ikklerjar lill-membri tal-ikklerjar u lill-klijenti tagħhom.
- (47) Sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni konsistenti tar-regoli u tal-prattika superviżorja dwar l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni, għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni u għal validazzjonijiet tal-mudell, għar-rekwiżit tal-kont attiv u għar-rekwiżiti tal-parteċipazzjoni tas-CCP, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji żviluppati mill-AETS fir-rigward ta' dawn li ġejjin: id-dokumenti li s-CCPs huma meħtieġa jissottomettu meta japplikaw għal awtorizzazzjoni, estensjoni tal-awtorizzazzjoni u validazzjoni tal-bidliet fil-mudell; l-ambitu u d-dettalji tar-rapportar mill-membri tal-ikklerjar tal-Unjoni u mill-klijenti lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar l-attività tal-ikklerjar tagħhom f'CCPs ta' pajjiżi terzi u filwaqt li jipprovdu l-mekkaniżmi li jagħtu bidu għal rieżami tal-valuri tal-limiti tal-ikklerjar wara fluttwazzjonijiet sinifikanti tal-prezzijiet fil-klassi sottostanti ta' derivati OTC sabiex jirrieżaminaw ukoll l-ambitu tal-eżenzjoni mill-iħħeġġjar u l-limiti sabiex japplika l-obbligu tal-ikklerjar; u l-elementi li jridu jiġu kkunsidrati meta jiġu stabbiliti l-kriterji ta' ammissjoni għal CCP. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta dawk l-istandards tekniċi

¹ Ir-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-fondi tas-suq monetarju (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 8).

regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

- (48) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata wkoll is-setgħa li tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni żviluppata mill-AETS fir-rigward tal-format tad-dokumenti meħtieġa għall-applikazzjonijiet u l-format tar-rapportar mill-membri tal-ikklerjar tal-Unjoni u mill-klijenti lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar l-attività tal-ikklerjar tagħhom f'CCPs ta' pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.
- (49) Sabiex jiġi żgurat li l-lista ta' pajjiżi terzi, li l-entitajiet tagħhom ma jistgħux jibbenefikaw minn dawk l-eżenzjonijiet minkejja li ma jkunux ġew identifikati f'dawk il-listi, tkun rilevanti għall-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni konsistenti tal-obbligu li jiġu kklerjati ċerti tranżazzjonijiet f'kont ma' CCP awtorizzata meta l-AETS twettaq valutazzjoni skont l-Artikolu 25(2c) u sabiex jiġi żgurat li l-lista ta' bidliet mhux materjali għall-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni li tapplika tibqa' rilevanti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex taġġusta t-tranżazzjonijiet fl-ambitu tal-obbligu u sabiex tbiddel il-lista ta' bidliet mhux materjali. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (50) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiżdiedu s-sikurezza u l-effiċjenza tas-CCPs tal-Unjoni billi tittiejeb l-attrazzjoni tagħhom, jiġi mħeġġeġ l-ikklerjar fl-Unjoni u tissaħħaħ il-kunsiderazzjoni transfruntiera tar-riskji, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu minflok, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.
- (51) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2017/1131 jiġu emendati kif xieraq.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 648/2012

Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 huwa emendat kif ġej:

(-1) Fl-Artikolu 1, paragrafu 5, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Minkejja l-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, sa... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju], l-AETS għandha toħroġ linji gwida f’konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 biex tispeċifika aktar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tal-entitajiet tas-settur pubbliku fis-CCPs tal-Unjoni, b’mod partikolari fir-rigward tal-kalkolu tal-iskoperturi ta’ entitajiet tas-settur pubbliku għal CCPs tal-Unjoni u l-kontribuzzjonijiet tal-entitajiet tas-settur pubbliku għar-riżorsi finanzjarji tas-CCP, filwaqt li jitqies b’mod debitu r-rwol u l-mandat tal-entitajiet pubbliċi u l-objettiv li jiġi inkoraġġit l-ikklerjar ċentrali minnhom”;

(-1a) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(1) “CCP” tfisser persuna ġuridika li tinterponi bejn il-kontropartijiet għall-kuntratti nnegozjati f'suq finanzjarju wieħed jew aktar jew fi swieq (spot) tal-komoditajiet, inklużi s-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, kif ukoll f'suq wieħed jew aktar fil-kriptoassi, kif definit fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li ssir ix-xerrej għal kull bejgieh u l-bejgieh għal kull xerrej;”;

(b) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 82 sabiex tispeċifika ċerti elementi tekniċi tad-definizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu biex taġġustahom għall-iżviluppi tas-swieq u għal dawk teknoloġiċi.”;

(1) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 3

Tranżazzjonijiet intragrupp

1. Fir-rigward ta' kontroparti mhux finanzjarja, tranżazzjoni intragrupp għandha tkun kuntratt tad-derivati OTC konkluż ma' kontroparti oħra li hija parti mill-istess grupp, sakemm iż-żewġ kontropartijiet ikunu inklużi fl-istess konsolidazzjoni fuq bażi sħiħa u jkunu soġġetti għal proċeduri ċentralizzati xierqa ta' evalwazzjoni, kejl u kontroll tar-riskji u dik il-kontroparti tkun stabbilita fl-Unjoni jew, jekk tkun stabbilita f'pajjiż terz, dak il-pajjiż terz ma jkunx elenkat skont il-paragrafi 4 u 5.
2. B'rabta ma' kontroparti finanzjarja, tranżazzjoni intragrupp għandha tkun kwalunkwe minn dawn li ġejjin:
 - (a) kuntratt tad-derivati OTC konkluż ma' kontroparti oħra li hija parti mill-istess grupp, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
 - (a) il-kontroparti finanzjarja tkun stabbilita fl-Unjoni jew, jekk tkun stabbilita f'pajjiż terz, dak il-pajjiż terz ma jkunx elenkat skont il-paragrafi 4 u 5;

- (b) il-kontroparti l-oħra tkun kontroparti finanzjarja, kumpanija azzjonarja finanzjarja, istituzzjoni finanzjarja jew impriża ta' servizzi anċillari soġġetta għal rekwiżiti prudenzjali xierqa;
 - (c) iż-żewġ kontropartijiet ikunu inklużi fl-istess konsolidazzjoni fuq bażi sħiħa;
 - (d) iż-żewġ kontropartijiet ikunu soġġetti għal proċeduri ċentralizzati xierqa ta' evalwazzjoni, kejl u kontroll tar-riskji;
- (b) kuntratt tad-derivati OTC konkluż ma' kontroparti oħra fejn iż-żewġ kontropartijiet ikunu parti mill-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali, imsemmija fl-Artikolu 113(7) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dment li tiġi ssodisfata l-kundizzjoni stabbilita fil-punt (a)(ii) ta' dan il-paragrafu;
- (c) kuntratt tad-derivati OTC konkluż bejn istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati mal-istess korp ċentrali jew bejn tali istituzzjoni ta' kreditu u l-korp ċentrali, kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- (d) kuntratt tad-derivati OTC konkluż ma' kontroparti mhux finanzjarja li hija parti mill-istess grupp, sakemm jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) iż-żewġ kontropartijiet għall-kuntratt tad-derivati jkunu inklużi fl-istess konsolidazzjoni fuq bażi sħiħa u jkunu soġġetti għal proċeduri ċentralizzati xierqa ta' evalwazzjoni, kejl u kontroll tar-riskji;
 - (b) il-kontroparti mhux finanzjarja tkun stabbilita fl-Unjoni jew, jekk tkun stabbilita f'pajjiż terz, dak il-pajjiż terz ma jkunx elenkat taħt il-paragrafi 4 u 5.
3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-kontropartijiet għandhom jitqiesu li huma inklużi fl-istess konsolidazzjoni meta t-tnejn ikunu kwalunkwe minn dawn li ġejjin:
- (a) inklużi f'konsolidazzjoni f'konformità mad-Direttiva 2013/34/UE jew mal-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju (IFRS) adottati skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 jew, b'rabta ma' grupp li l-impriża prinċipali tiegħu jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż terz, f'konformità mal-prinċipji ta' kontabilità ġeneralment aċċettati ta' pajjiż terz iddeterminati bħala ekwivalenti għall-IFRS f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1569/2007, jew mal-istandards

tal-kontabilità ta' pajjiż terz li l-użu tagħhom ikun permiss f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament;

- (b) koperti mill-istess superviżjoni konsolidata f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE jew, b'rabta ma' grupp li l-impriża prinċipali tiegħu jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż terz, l-istess superviżjoni konsolidata mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz ivverifikata bħala ekwivalenti għal dik regolata mill-prinċipji stipulati fl-Artikolu 127 tad-Direttiva 2013/36/UE.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-tranżazzjonijiet ma' kontropartijiet stabbiliti fi kwalunkwe pajjiż terz li ġejjin ma għandhomx jibbenefikaw minn xi waħda mill-eżenzjonijiet għal tranżazzjonijiet intragrupp:

- (a) meta l-pajjiż terz ikun elenkat bħala pajjiż terz b'riskju għoli li jkollu nuqqasijiet strateġiċi fir-reġim tiegħu tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*¹;
- (b) meta l-pajjiż terz ikun elenkat fl-Anness I għall-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġuriżdiżjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa*² u l-aġġornamenti sussegwenti tagħhom li jiġu approvati speċifikament darbtejn fis-sena, normalment fi Frar u f'Ottubru, u ppubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, pajjiż terz li jissemma kontinwament fl-Anness II tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġuriżdiżjonijiet mhux kooperattivi għal finijiet ta' taxxa għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin għandu jittqies li huwa elenkat fl-Anness ta' dawk il-konklużjonijiet.

5. Fejn xieraq fid-dawl tal-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar ta' pajjiż terz fir-rigward tar-riskji, inklużi r-riskju ta' kreditu tal-kontroparti u r-riskju legali, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament sabiex tidentifika l-pajjiżi

terzi li l-entitajiet tagħhom ma jistgħu jibbenefikaw mill-ebda eżenzjoni għal tranżazzjonijiet intragrupp minkejja li ma jkunux elenkati skont il-paragrafu 4.

*1 Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73)."

*2 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa u l-Annessi tagħha (ĠU C 413 I, 12.10.2021, p. 1).";

(2) fl-Artikolu 4(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-obbligu li jiġu kklerjati l-kuntratti tad-derivati OTC kollha ma japplikax għal kuntratti konklużi f' sitwazzjonijiet kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a)(iv), bejn, fuq naħa waħda, kontroparti finanzjarja li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4a(1), jew kontroparti mhux finanzjarja li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(1) u, min-naħa l-oħra, arranġament ta' skema tal-pensjoni stabbilit f' pajjiż terz u li jopera fuq bażi nazzjonali, dment li tali entità jew arranġament ikunu awtorizzati, taħt superviżjoni u rikonoxxuti skont il-liġi nazzjonali u fejn l-iskop primarju tagħhom ikun li jipprovdu benefiċċji tal-irtirar u jkunu eżentati mill-obbligu tal-ikklerjar skont il-liġi nazzjonali tagħhom.”;

(3) ***l-Artikolu 4a huwa emendat kif ġej:***

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Kull 12-il xahar, kontroparti finanzjarja li tiegħu pożizzjonijiet f' kuntratti ta' derivati OTC tista' tikkalkula l-pożizzjoni aggregata medja tagħha fi tmiem ix-xahar f' kuntratti mhux ikklerjati għat-12-il xahar preċedenti f' konformità mal-paragrafu 3.

Meta kontroparti finanzjarja ma tikkalkulax il-pożizzjonijiet tagħha, jew meta r-riżultat tal-kalkolu tal-pożizzjoni aggregata medja tagħha fi tmiem ix-xahar f' kuntratti mhux ikklerjati għat-12-il xahar preċedenti jaqbeż kwalunkwe wieħed mil-limiti tal-ikklerjar speċifikati skont l-Artikolu 10(4), il-punt (b), jew meta r-riżultat

tal-kalkolu tal-pożizzjoni aggregata medja tagħha fi tmiem ix-xahar f'kuntratti OTC għat-12-il xahar preċedenti jaqbeż kwalunkwe limitu tal-attività speċifikat skont l-Artikolu 10(4), il-punt (b), il-kontroparti finanzjarja għandha:

- (a) tinnotifika minnufih lill-AETS u lill-awtorità kompetenti rilevanti tagħha;*
- (b) tistabbilixxi arranġamenti ta' kklerjar fi żmien erba' xhur min-notifika msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu; u*
- (c) issir soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar imsemmi fl-Artikolu 4 għal kuntratti tad-derivati OTC kollha li jappartjenu għal kwalunkwe klassi ta' derivati ta' OTC li tkun soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar konkluż jew innovat aktar minn erba' xhur wara n-notifika msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu.”;*

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Meta tikkalkula l-pożizzjonijiet **aggregati medji fi tmiem ix-xahar f'kuntratti mhux ikklerjati msemmija** fil-paragrafu 1, il-kontroparti finanzjarja għandha tinkludi l-kuntratti tad-derivati OTC kollha li ma jiġux ikklerjati f'CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14 jew rikonoxxuta skont l-Artikolu 25, konklużi minn dik il-kontroparti finanzjarja jew konklużi minn entitajiet oħrajn fi ħdan il-grupp li għalih tappartjeni dik il-kontroparti finanzjarja.”;*

(3a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 4aa

Eżenzjoni mill-obbligu tal-ikklerjar għal servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negożjar

1. Mingħajr preġudizzju għat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju skont l-Artikolu 11, l-Artikolu 4(1) ma għandux japplika għal kuntratti tad-derivati OTC li jiġu inizjalati u konklużi b'riżultat ta' eżerċizzju ta' servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negożjar meta jkun miftiehem hekk miż-żewġ partijiet għat-tranżazzjoni.

2. *It-tranżazzjonijiet ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar għandhom jiġu eżentati biss mill-obbligu tal-ikklerjar skont l-Artikolu 4 meta l-fornitur tas-servizz ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar u kull parteċipant fl-eżerċizzju ta' servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.*

3. *Eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:*

- (a) jitwettaq minn entità indipendenti tal-kontropartijiet għall-kuntratti tad-derivati OTC inklużi fl-eżerċizzju;*
- (b) ikun newtrali għar-riskju tas-suq;*
- (c) ma jikkontribwix għall-formazzjoni tal-prezzijiet;*
- (d) jieħu l-forma ta' kompressjoni, riekwilibriju jew ottimizzazzjoni;*
- (e) jiġi eżegwit fuq bażi bilaterali jew multilaterali;*
- (f) jikseb tnaqqis fir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti f'kull wieħed mill-portafolji sottomessi għall-eżerċizzju;*
- (g) jew jiġi aċċettat jew miċħud fl-intier tiegħu, bir-riżultat li l-parteċipanti fl-eżerċizzju ma jkunux jistgħu jagħżlu liema tranżazzjonijiet għandhom jiġu eżegwiti fl-ambitu tal-eżerċizzju;*
- (h) ikun miftuħ għall-parteċipazzjoni biss għall-entitajiet li inizjalment jissottomettu portafoll għall-eżerċizzju.*

4. *Għandu jiġi pprovdut servizz ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar minn entitajiet awtorizzati skont id-Direttiva 2014/65/UE (fornitur tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' qabel in-negozjar).*

Meta jipprovdni servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar, fornitur tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' qabel in-negozjar għandu:

- (a) josserva regoli, metodi u algoritmi miftiehma minn qabel f'ċikli skedati minn qabel u b'mod raġonevoli, trasparenti u mhux diskriminatorju;*

- (b) *jiżgura li l-entitajiet li jipparteċipaw f'eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar ma jkollhom l-ebda influwenza fuq ir-riżultat tal-eżerċizzju;*
- (c) *għall-prevenzjoni ta' akkumulazzjoni ta' tranżazzjonijiet f'portafolji, iwettaq kompressjoni tal-portafolji wara kull eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar li jirriżulta fi tranżazzjonijiet ġodda;*
- (d) *iżomm rekords tat-tranżazzjonijiet kollha eżegwiti skont eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar, inkluż:*
 - (i) *informazzjoni dwar tranżazzjonijiet konklużi fi ħdan l-eżerċizzju,*
 - (ii) *tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-eżerċizzju jew bħala tranżazzjonijiet modifikati jew bħala tranżazzjonijiet ġodda, u*
 - (iii) *il-bidla ġenerali fir-riskju tal-portafolji differenti inklużi fl-eżerċizzju; u*
- (e) *jimmonitorja t-tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar biex jiġi żgurat, sa fejn ikun possibbli, li l-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar ma jirriżulta fl-ebda użu ħażin jew ċirkonvenzjoni tal-obbligu tal-ikklerjar.*

5. *L-awtorità kompetenti li tkun awtorizzat lill-fornitur tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' qabel in-negozjar għandha tinnotifika lill-AETS dwar l-awtorizzazzjoni. L-AETS għandha tippubblika u iżomm lista tal-fornituri tas-servizzi awtorizzati kollha ta' tnaqqis tar-riskju ta' qabel in-negozjar fl-Unjoni.*

L-awtorità kompetenti li tkun awtorizzat furnitur tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' qabel in-negozjar għandha, fuq bażi annwali, tikkonferma li dak il-fornitur tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' qabel in-negozjar jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 4.

Meta furnitur tas-servizzi ta' tnaqqis tar-riskju ta' qabel in-negozjar ma jibqax jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4, l-awtorità kompetenti tista' tirtira l-awtorizzazzjoni tagħha.

6. *Qabel ma l-entitajiet jibdew jużaw l-eżenzjoni tal-ikklerjar għat-tranżazzjonijiet tat-tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar imsemmija fil-paragrafu 1, huma għandhom*

jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom, billi jgħaddulhom deskrizzjoni tat-tip ta' eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar li jipplanaw li jużaw u spjegazzjoni bil-miktub dwar kif il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 huma rrispettati fuq bażi kontinwa. L-użu tat-tip notifikat ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar u l-eżenzjoni tal-ikklerjar għat-tranżazzjonijiet rilevanti ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar għandhom jitqiesu approvati sakemm l-awtorità kompetenti notifikata ma tinformax lill-entità li tissorvelja li hija ma tivvalidax l-użu tal-eżenzjoni fi żmien 30 jum kalendarju mid-data tal-wasla tan-notifika. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-AETS dwar kwalunkwe entità li tkun ġiet ivalidata biex tipparteċipa fl-eżerċizzji ta' tnaqqis tar-riskju ta' wara n-negozjar jew li l-validazzjoni tagħha tkun ġiet irtirata mill-awtorità.

7. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4, inklużi aspetti bħanewtralità tas-suq fl-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' qabel in-negozjar, it-tip ta' tranżazzjonijiet li jistgħu jiġu inklużi f'eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' qabel in-negozjar u kif wieħed jibbenefika minn eżenzjoni mill-obbligu tal-ikklerjar, ir-reqwiżiti tal-ġestjoni tal-eżerċizzju ta' tnaqqis tar-riskju ta' qabel in-negozjar u kif għandha tiġi mmonitorjata l-applikazzjoni korretta tal-eżenzjoni mogħtija, filwaqt li tiżgura li l-obbligu tal-ikklerjar ma jiġix evitat. L-AETS għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(3b) fl-Artikolu 6(2), jiżdied il-punt li ġej:

“(fa) ir-rata tal-ikklerjar għall-kuntratti tad-derivati konklużi fl-Unjoni, fuq bażi aggregata u għal klassijiet ta' assi differenti;”

(4) jiddaħħlu l-Artikoli 7a u 7b li ġejjin:

“Artikolu 7a

Kont Aktiv

1. Il-kontropartijiet finanzjarji jew il-kontropartijiet mhux finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar f'konformità mal-Artikoli 4a u 10 u li jikklerjaw kwalunkwe waħda mill-kategoriji tal-kuntratti tad-derivati msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jikklerjaw mill-anqas proporzjon ta' tali kuntratti f'kontijiet f'kontropartijiet ċentrali awtorizzati skont l-Artikolu 14.

1a. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kont f'CCP awtorizzat skont l-Artikolu 14 għandu jitqies attiv meta:

(a) il-marġnijiet ta' varjazzjoni inizjali u ta' kuljum jiġu depożitati fil-konfront ta' pożizzjonijiet eżistenti; (b) il-konnettività meħtieġa tal-IT, il-proċessi interni u d-dokumentazzjoni legali meħtieġa jkunu fis-seħħ; u

(c) is-CCP turi lill-AETS permezz ta' testijiet tal-istress regolari li fil-każ ta' żieda sinifikanti u f'daqqa fl-attività tal-ikklerjar, il-funzjonament regolari ta' dak il-kont u l-funzjonament intern tas-CCP ma jiġux affettwati.

Kontropartijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji soġġetti għar-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw li l-kontijiet attivi tagħhom ikunu kompletament operattivi sa ... [6 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar kif il-kundizzjonijiet elenkati fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu applikati sabiex dak il-kont jitqies attiv.

L-AETS għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

1b. Sa... [24-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimenta dan ir-Regolament billi tintroduċi rekwiżit għall-kontropartijiet finanzjarji jew il-kontropartijiet mhux finanzjarji kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu biex jikklerjaw proporzjon ta' kuntratti fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji tal-kuntratti tad-derivati msemmija fil-paragrafu 2 f'CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14. Jekk ikun meħtieġ, l-att delegat għandu jispeċifika wkoll l-obbligi ta' rapportar rilevanti relatati mal-introduzzjoni ta' dak ir-rekwiżit.

Il-Kummissjoni għandha tadotta biss l-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jekk tkun irċeviet in-notifika mill-AETS kif imsemmi fl-Artikolu 22a, u meta tqis li l-introduzzjoni ta' rekwiżit li jkun hemm proporzjon speċifiku ta' kuntratti kklerjati f'CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14 tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit ma jirriżultax f'distorsjoni tal-kompetizzjoni fl-Unjoni;

(b) ir-rekwiżit jikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni; u

(c) il-kompetittività internazzjonali tal-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji soġġetti għal dan ir-Regolament ma tkunx affettwata ħażin bl-introduzzjoni tar-rekwiżit.

Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-punt (c) tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk ir-rekwiżit jirriżultax fi tnaqqis tas-sehem mis-suq tal-membri tal-ikklerjar stabbiliti fl-Unjoni u l-kontropartijiet u, għal dawk il-kontropartijiet li huma soġġetti għall-obbligu tal-aħjar eżekuzzjoni skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2014/65/UE, jekk ir-rekwiżit iwassalx għal żieda fil-prezzijiet li jiġu offruti lill-investituri aħħarin b'riżultat tad-differenzi fil-likwidità u l-prezzijiet bejn is-CCPs awtorizzati skont l-Artikolu 14 u skont l-Artikolu 25 ikunux affettwati b'mod sinifikanti. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, inkluż kalkolu tad-differenzi fil-prezzijiet tal-istrumenti kklerjati f'CCP fil-konfront ta' oħra, kif ukoll il-volatilità tagħhom.

Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll lill-AETS tipprovdi rapport dwar il-proporzjon ta' kuntratti li għandhom jiġu kklerjati f'CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14 li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu u dwar jekk għandhomx jiġu stabbiliti proporzjonijiet differenti għal subtipi differenti ta' kuntratti tad-derivati, għal tipi differenti ta' kontroparti, u għal tipi differenti ta' attività.

1c. Sa 24 xahar wara l-adozzjoni tal-att delegat kif imsemmi fil-paragrafu 1b ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni ta' jekk il-proporzjon tal-kuntratti li għandhom jiġu kklerjati f'CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14, speċifikat f'dak l-att delegat, għadux jissodisfa l-kriterji elenkati fil-paragrafu 1b ta' dan l-Artikolu, u jekk jeħtieġx li jiġi aġġustat. F'tali każ, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat li jemenda l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

- 2. Fid-determinazzjoni tal-obbligi tagħha fir-rigward tal-paragrafi 1 u 1b, kontroparti finanzjarja jew mhux finanzjarja li tappartjeni għal grupp soġġett għal superviżjoni kkonsolidata fl-Unjoni għandha tikkunsidra l-kuntratti tad-derivati kollha msemmija fil-paragrafu 3 li huma kklerjati minn dik il-kontroparti jew minn entitajiet oħra fil-grupp li għalih tappartjeni dik il-kontroparti.*
- 3. L-obbligu stabbilit fil-paragrafi 1 u 1b għandu japplika għal:*
 - (a) derivati tar-rati tal-imgħax OTC denominati f'euro u fi zloty Pollakka;*
 - (b) derivati tar-rati tal-imgħax ta' terminu qasir (STIR) denominati f'euro;*
 - (c) kategoriji oħra ta' kuntratti ta' derivati li jappartjenu għal servizzi tal-ikklerjar identifikati mill-AETS bħala ta' importanza sistemika sostanzjali f'konformità mal-Artikolu 25(2c).*

Meta AETS twettaq valutazzjoni skont l-Artikolu 25(2c) kif imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, u tikkonkludi li ċerti servizzi jew attivitajiet ipprovduti mis-CCPs tal-Grad 2 li ġew identifikati qabel mill-AETS bħala li huma ta'

importanza sistemika sostanzjali għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha ma għadhomx ta' importanza sistemika sostanzjali, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat sabiex temenda l-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu kif xieraq, f'konformità mal-Artikolu 82.

L-obbligu tal-ikklerjar imsemmi fil-paragrafi 1 u 1b għandu jibqa' sakemm il-kuntratti tad-derivati msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jkun qed jiġu kklerjati.

- 4. L-AETS għandha timmonitorja u tikkalkula fuq bażi ta' entità, ta' grupp u ta' medja aggregata l-livell tal-attività fil-kuntratti tad-derivati msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, u għandha tibgħat dik l-informazzjoni lill-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 23c.*

Meta kontroparti finanzjarja jew mhux finanzjarja tinstab li tkun qed tikser l-obbligi tagħha skont dan l-Artikolu, l-AETS għandha, permezz ta' deċiżjoni, timponi pagamenti perjodiċi ta' penali sabiex iġġiegħel lil dik il-kontroparti ttejjem il-ksur tagħha.

Il-pagament perjodiku ta' penali msemmi fit-tieni subparagrafu għandu jkun effettiv u proporzjonat, u ma jaqbiżx massimu ta' 3 % tal-fatturat medju ta' kuljum fis-sena kummerċjali preċedenti. Dan għandu jiġi impost għal kull jum ta' inadempjenza, u jiġi kkalkolat mid-data stipulata fid-deċiżjoni li timponi l-pagament perjodiku ta' penali.

Il-pagament perjodiku ta' penali msemmi fit-tieni subparagrafu għandu jiġi impost għal perjodu massimu ta' sitt xhur wara n-notifika tad-deċiżjoni tal-AETS. Wara t-tmiem ta' dak il-perjodu, l-AETS għandha tirrieżamina l-miżura u testendiha jekk ikun meħtieġ.

- 5. L-AETS għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-obbligu stabbilit fil-paragrafi 1 u 1b u tirrapporta fuq bażi annwali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.*

Artikolu 7b

Informazzjoni dwar is-servizzi tal-ikklerjar

1. Il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar kemm f'CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14 kif ukoll f'CCP rikonoxxuta skont l-Artikolu 25 għandhom, meta wieħed mill-klijenti tagħhom jissottometti kuntratt għall-ikklerjar, jinformaw lil dak il-klijent dwar il-possibbiltà li tali kuntratt jiġi kklerjat fis-CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14.

Il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu s-servizzi tal-ikklerjar għandhom jiddivulgaw ukoll, b'mod ċar u li jinftiehem, il-kostijiet assoċjati mas-servizzi tal-ikklerjar tas-CCPs differenti li fihom ikun possibbli li jiġi kklerjat il-kuntratt.

1a. L-AETS għandha, b'konsultazzjoni mal-ABE, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw it-tip ta' informazzjoni li għandha tingħata mill-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar dwar il-kostijiet lill-klijenti tagħhom.

(4a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 7c

Informazzjoni dwar is-CCPs stabbiliti fl-Unjoni

1. Is-CCPs awtorizzati skont l-Artikolu 14 għandhom jirrapportaw kull xahar lill-AETS mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-valuri u l-volumi kklerjati għal kull munita u għal kull klassi ta' assi, inkluż il-valur tal-pożizzjonijiet miżmuma mill-parteciġanti tal-ikklerjar;

- (b) l-investimenti, il-kapital tas-CCP, inklużi r-riżorsi proprji ddedikati li jintużaw fil-kaskata jew imsemmija fl-Artikolu 45(4) ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 9(14) tar-Regolament (UE) 2021/23;*
- (c) ir-rekwiżiti tal-marġini tal-membri tal-ikklerjar, il-kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza, u r-riżorsi impenjati kuntrattwalment fil-ġestjoni tal-inadempjenza jew fil-pjanijiet ta' rkupru msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2021/23;*
- (d) l-adegwatezza tal-kontribuzzjonijiet tal-fond tal-marġni u tal-inadempjenza u tar-riżorsi tal-kaskata;*
- (e) ir-riżorsi likwidi disponibbli tas-CCP u r-riżultati tal-ittejjar tal-istress tal-likwidità;*
- (f) id-dettalji tal-membri tal-ikklerjar, il-klijenti li jkollhom kontijiet segregati individwalment, il-partijiet terzi li jipprovdu attivitajiet ewlenin marbuta mal-ġestjoni tar-riskju tas-CCP, il-fornituri materjali tal-likwidità konnessi mas-CCP, kif ukoll is-CCPs interoperabbli u konnessi.*
- (fa) kwalunkwe bidla li s-CCP tkun implimentat direttament f'konformità mal-Artikolu 17ba.*

L-AETS għandha ttipprovi minnufih l-informazzjoni msemmija fil-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu lill-kulleġġ tas-CCP imsemmi fl-Artikolu 18.

2. L-AETS għandha, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-ABE u mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar id-dettalji u l-kontenut tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont il-paragrafu 1.

L-AETS għandha ttippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

3. *Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' applikazzjoni uniformi tal-paragrafu 1, l-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-istandards u l-formati tad-data għall-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata.*

L-AETS għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi tal-implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(5) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(-a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

i. l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-kontropartijiet, inklużi dawk stabbiliti barra mill-Unjoni u li jappartjenu għal grupp soġġett għal superviżjoni kkonsolidata fl-Unjoni, u s-CCPs għandhom jiżguraw li d-dettalji ta' kwalunkwe kuntratt tad-derivati li jkunu kkonkludew u kwalunkwe modifika jew terminazzjoni tal-kuntratt jiġu rrapportati f'konformità mal-paragrafi 1a sa 1f ta' dan l-Artikolu lil repożitorju tat-tranżazzjonijiet irregiſtrat f'konformità mal-Artikolu 55 jew rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 77. Id-dettalji għandhom jiġu rrapportati mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol wara l-konklużjoni, il-modifika jew it-terminazzjoni tal-kuntratt.”

ii. it-tielet u r-raba' subparagrafi huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“Minkejja l-Artikolu 3, l-obbligu ta' rapportar ma għandux japplika għal kuntratti tad-derivati fl-istess grupp meta mill-inqas waħda mill-kontropartijiet hija kontroparti mhux finanzjarja li mhijiex soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar, jew tkun ikkwalifikata bħala kontroparti mhux finanzjarja mhux soġġetta għall-obbligu tal-ikklerjar, kieku kienet stabbilita fl-Unjoni, dment li:

- (a) iż-żewġ kontropartijiet ikunu inklużi fl-istess konsolidazzjoni fuq bażi sħiħa;*
- (b) iż-żewġ kontropartijiet ikunu soġġetti għal proċeduri ċentralizzati xierqa ta' evalwazzjoni, kejl u kontroll tar-riskji; u*
- (c) l-impreża prinċipali ma tkunx kontroparti finanzjarja.*

Il-kontropartijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom bl-intenzjoni tagħhom li japplikaw l-eżenzjoni msemmija fit-tielet subparagrafu. L-eżenzjoni għandha tkun valida ħliet jekk l-awtoritajiet kompetenti notifikati ma jaqblux li huma ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tielet subparagrafu fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika.”

(b) fil-paragrafu 1a, ir-raba' subparagrafu,

- il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) dik l-entità ta' pajjiż terz tkun kwalifikata b'ħala kontroparti finanzjarja kieku kienet stabbilita fl-Unjoni; u”

- jitħassar il-punt (b).

(ba) Il-paragrafu 1f huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1f. Il-kontropartijiet u s-CCPs li huma soġġetti għall-obbligu ta' rapportar imsemmi fil-paragrafu 1 jistgħu jiddelegaw dak l-obbligu ta' rapportar. Meta jagħmlu dan, il-kontropartijiet u s-CCPs jibqgħu kompletament responsabbli, u legalment responsabbli, għar-rapportar tad-dettalji tad-derivati kif ukoll biex tiġi żgurata l-korrettezza tad-dettalji rapportati.”;

(bb) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“6a. Meta d-data rapportata f'konformità mal-Artikolu 9 jkun fiha żbalji evidenti jew meta kontropartijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji ma jkunux eżerċitaw id-diliġenza dovuta meta jivverifikaw u jirrapportaw dik id-data, l-AETS għandha, permezz ta' deċiżjoni, timponi pagamenti perjodiċi ta' penali sabiex iġġiegħel lil dik il-kontroparti ttemm il-ksur tagħha.

Il-pagament perjodiku ta' penali għandu jkun effettiv u proporzjonat, u ma jaqbiżx massimu ta' 1 % tal-fatturat medju ta' kuljum fis-sena kummerċjali preċedenti.

Sa... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] l-AETS għandha tabbozza linji gwida f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u tispeċifika ulterjorment il-kontrolli u l-proċeduri tad-diliġenza dovuta mistennija minn kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji soġġetti għall-obbligu ta' rapportar f'konformità mal-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament u l-penali massimi li jistgħu jiġu imposti u li fi kwalunkwe każ ma għandhomx jaqbżu l-massimu stabbilit fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

6b. Sa [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] l-AETS għandha tissottometti rapport lill-Kummissjoni dwar jekk il-bidliet skont l-Artikolu 9(1) u l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu rriżultawx f'tiġib ċar biżżejjed fit-tweqqif tal-kompiti superviżorji tal-AETS u jekk kellhomx impatt negattiv eċċessiv fuq il-parteciċipanti fis-suq. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji.”

(6) fl-Artikolu 10, il-paragrafi 2a sa 5 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“2a. L-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-kontroparti mhux finanzjarja u tal-entitajiet l-oħrajn fi ħdan il-grupp għandhom jistabbilixxu proċeduri ta' kooperazzjoni sabiex jiżguraw il-kalkolu effettiv tal-pożizzjonijiet u jevalwaw u jivvalutaw il-livell ta' skopertura fil-kuntratti tad-derivati OTC fil-livell tal-grupp.

3. Meta tikkalkula l-pożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-kontroparti mhux finanzjarja għandha tinkludi l-kuntratti tad-derivati OTC kollha li ma jiġux ikklerjati f'CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14 jew rikonoxxuta skont l-Artikolu 25 konklużi mill-kontroparti mhux finanzjarja li ma jkunux jistgħu jitkejlu b'mod oġġettiv bħala li jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attività kummerċjali jew mal-attività ta' finanzjament tat-teżor tal-kontroparti mhux finanzjarja **jew ta' dak il-grupp**.

4. L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, wara li tkun ikkonsultat mal-BERS u ma' awtoritajiet rilevanti oħrajn, filwaqt li tispeċifika dawn kollha li ġejjin:

(a) il-kriterji sabiex jiġi stabbilit liema kuntratti tad-derivati OTC jistgħu jitkejlu b'mod oġġettiv bħala li jnaqqsu r-riskji direttament relatati mal-attività

- kummerċjali jew mal-attività ta' finanzjament tat-teżor imsemmija fil-paragrafu 3;
- (b) il-valuri tal-limiti tal-ikklerjar ***għal derivati mhux ikklerjati***, li jiġu ddeterminati filwaqt li titqies ir-rilevenza sistemika ***tas-somma*** tal-pożizzjonijiet ***netti*** u tal-iskoperturi netti futuri għal kull kontroparti. ***L-AETS għandha tivvaluta wkoll jekk huwiex meħtieġ livell limitu aggregat ta' attività, filwaqt li tqis il-pożizzjoni aggregata ġenerali fid-derivati OTC ta' kontroparti finanzjarja, biex tiġi żgurata kopertura prudenti tal-kontropartijiet finanzjarji taħt l-obbligu tal-ikklerjar u jiġi stabbilit livell għal tali livell limitu;***
- (c) il-mekkaniżmi li jagħtu bidu għal rieżami tal-valuri tal-limiti tal-ikklerjar wara fluttwazzjonijiet sinifikanti tal-prezzijiet fil-klassi sottostanti tad-derivati OTC ***jew żieda sinifikanti tar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja.***

L-AETS għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [PO: jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-AETS għandha tirrieżamina, b'konsultazzjoni mal-BERS, il-limiti tal-ikklerjar imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), filwaqt li tqis, b'mod partikolari, l-interkonnnettività tal-kontropartijiet finanzjarji. Dak ir-rieżami għandu jitwettaq mill-anqas kull sentejn, u aktar kmieni fejn ikun neċessarju jew fejn meħtieġ skont il-mekkaniżmu stabbilit taħt l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), u jista' jipproponi bidliet fil-limiti kif speċifikati fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), mill-istandards tekniċi regolatorji adottati skont dan l-Artikolu. Meta tirrieżamina l-limiti tal-ikklerjar, l-AETS għandha tikkunsidra jekk il-klassijiet ta' derivati OTC, li għalihom ġie stabbilit limitu tal-ikklerjar, għadhomx il-klassijiet rilevanti ta' derivati OTC jew jekk jenħtieġ li jiġu introdotti klassijiet ġodda.

Dak ir-rieżami perjodiku għandu jkun akkumpanjat minn rapport mill-AETS dwar is-suġġett.

5. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità responsabbli sabiex tiżgura li l-obbligi tal-kontropartijiet mhux finanzjarji skont dan ir-Regolament jiġu ssodisfati. Dik l-

awtorità għandha tirrapporta lill-AETS mill-anqas darba fis-sena, u aktar ta' spiss meta tiġi identifikata sitwazzjoni ta' emerġenza skont l-Artikolu 24, dwar l-attività fid-derivati OTC tal-kontropartijiet mhux finanzjarji li hija responsabbli għalihom, kif ukoll dik tal-grupp li jappartjenu għalih.

Mill-anqas kull sentejn, l-AETS għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-attivitàjiet tal-kontropartijiet mhux finanzjarji tal-Unjoni fid-derivati OTC, li jidentifika l-oqsma fejn hemm nuqqas ta' konverġenza u koerenza fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni.”;

(7) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Kontroparti mhux finanzjarja li ssir soġġetta għall-ewwel darba għall-obbligi stipulati fl-ewwel subparagrafu għandha tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa sabiex tikkonforma ma' dawk l-obbligi fi żmien erba' xhur wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 10(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a). Kontroparti mhux finanzjarja għandha tiġi eżentata minn dawk l-obbligi għal kuntratti konklużi matul l-erba' xhur wara dik in-notifika.”;

(b) fil-paragrafu 3, jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

“Il-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji għandhom jinnotifikaw lill-ABE u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar il-mudelli użati għall-kalkolu tal-marġni inizjali fir-rigward tal-proċeduri tal-ġestjoni tar-riskju stabbiliti fl-istandards tekniċi regolatorji msemmija fil-paragrafu 15, il-punt (a). Meta l-ABE jew l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti joġġezzjonaw, il-kontroparti tkun intitolata tkompli tuża l-mudell tal-marġni inizjali għal perjodu sa sena wara li tirċievi l-oġġezzjoni. Meta l-kontropartijiet ma jibqgħux jużaw tali mudelli, huma għandhom jinnotifikaw lill-ABE u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar dan sa tmiem it-trimestru li fih ma jibqgħux jużaw il-mudell.

Il-kontropartijiet finanzjarji għandhom jirrapportaw informazzjoni dwar il-proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju msemmija fl-ewwel subparagrafu, inkluż, fejn rilevanti, fir-rigward tal-mudelli ta' marġni inizjali użati, lill-ABE u lill-

awtoritajiet kompetenti tagħhom.

“Kontroparti mhux finanzjarja li ssir soġġetta għall-ewwel darba għall-obbligi stipulati fl-ewwel subparagrafu għandha tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa sabiex tikkonforma ma’ dawk l-obbligi fi żmien erba’ xhur wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 10(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a). Kontroparti mhux finanzjarja għandha tiġi eżentata minn dawk l-obbligi għal kuntratti konklużi matul l-erba’ xhur wara dik in-notifika.

(ba) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“3a. Minkejja l-paragrafu 3, l-opzjonijiet single-stock u l-opzjonijiet tal-indiċi ta’ ekwità mhux ikklerjati minn CCP għandhom jiġu eżentati temporanjament minn proċeduri ta’ ġestjoni tar-riskju li jkun jirrikjedu l-iskambju f’waqtu, preċiż u segregat b’mod xieraq tal-kollateral.

L-AETS għandha timmonitorja l-impatt tal-eżenzjoni skont l-ewwel subparagrafu fuq l-istabbiltà finanzjarja, kif ukoll l-iżviluppi regolatorji fir-rigward tat-ttrattament ta’ opzjonijiet single-stock u opzjonijiet tal-indiċi ta’ ekwità f’ġuriżdizzjonijiet mhux tal-UE, u għandha, mill-inqas kull sentejn, tissottometti rapport dwar dan lill-Kummissjoni. Wara s-sottomissjoni tar-rapport mill-AETS, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-iżviluppi internazzjonali jkunux wasslu għal aktar konverġenza fit-ttrattament tal-opzjonijiet singe-stock u tal-opzjonijiet tal-indiċi ta’ ekwità u jekk l-eżenzjoni temporanja ta’ tali opzjonijiet għadhiex iġġustifikata. Il-Kummissjoni tista’ tadotta att delegat li jispeċifika li, wara l-iskadenza ta’ perjodu ta’ adattament, l-eżenzjoni għandha titneħħa. Il-perjodu ta’ adattament ma għandux jaqbeż sentejn.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-att delegat imsemmi fit-tieni subparagrafu ta’ dan il-paragrafu f’konformità mal-Artikolu 82.”

(bb) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“12a. L-ABE għandha tistabbilixxi funzjoni ta’ validazzjoni ċentrali għall-mudelli tal-industrija kollha użati għall-fini ta’ konformità mar-rekwiżiti

stabbiliti fil-paragrafu 3. Fir-rwol tagħha bħala validatur ċentrali, l-ABE għandha toffri gwida dwar l-aspetti ġenerali ta' dawk il-mudelli, bħall-kalibrazzjoni, id-disinn, u l-istrumenti u l-kopertura tal-klassi tal-assi tagħhom.

L-ABE għandha tiġbor feedback mill-awtoritajiet kompetenti, mill-AETS u mill-EIOPA, u tikkoordina l-fehmiet tagħhom, u għandha sservi bħala punt uniku ta' diskussjoni mal-industrija.

L-ABE għandha tassisti wkoll lill-awtoritajiet kompetenti fil-proċessi ta' approvazzjoni tagħhom rigward l-aspetti ġenerali tal-implimentazzjoni ta' dawk il-mudelli. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu unikament responsabbli għall-validazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawk il-mudelli fil-livell tal-entità taħt superviżjoni.

L-ABE għandha timponi tariffa fuq il-kontropartijiet li jużaw mudelli għall-industrija kollha msemmija fl-ewwel subparagrafu. It-tariffa għandha tkun proporzjonata mal-fatturat tal-kontropartijiet ikkonċernati u għandha tkopri l-ispejjeż kollha mġarrba mill-ABE għat-twettiq tal-kompiti tagħha f'konformità mal-ewwel subparagrafu.”;

■

L-ABE tista' toħroġ linji gwida jew rakkomandazzjonijiet bil-għan li tiżgura applikazzjoni uniformi tal-proċeduri ta' ġestjoni tar-riskji msemmija fl-ewwel subparagrafu, f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' dawk il-linji gwida jew ir-rakkomandazzjonijiet b'kooperazzjoni mal-ASE.”;

(c) fil-paragrafu 15, l-ewwel subparagrafu *huwa emendat kif ġej:*

i. il-punt (aa) *huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“il-proċeduri superviżorji, biex tiġi żgurata validazzjoni inizjali u kontinwa tal-proċeduri tal-ġestjoni tar-riskju msemmija fil-paragrafu 3, applikati mill-akbar istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE u l-akbar ditti tal-investiment awtorizzati f'konformità mad-Direttiva 2014/65/UE kif definit fil-paragrafu 15(a);”

ii. jiddaħħal il-punt li ġej:

“(ab) l-istandards, il-formati tad-data u t-tip ta’ informazzjoni tad-data li għandha tiġi rrapportata u ddivulgata dwar il-proċeduri tal-ġestjoni tar-riskju, inkluż meta rilevanti dwar il-mudelli tal-marġni inizjali, f’konformità mar-rekwiżiti superviżorji msemmija fil-punt (aa);

iii. jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara l-punt (c):

“Fl-ispeċifikazzjoni tal-kamp ta’ applikazzjoni tal-obbligu skont il-punt (aa) tal-ewwel subparagrafu, l-ABE għandha tiżgura li huma biss dawk il-kontropartijiet li huma partikolarment attivi f’derivati OTC mhux ikklerjati li jkunu soġġetti għal validazzjoni inizjali u kontinwa tal-proċeduri ta’ ġestjoni tar-riskju msemmija f’dak il-paragrafu.”

(8) L-Artikolu 13 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 13

Mekkaniżmu biex jiġu evitati r-regoli duplikattivi u kunfliġġenti

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meħjuna mill-ASE fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni internazzjonali tal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 11, b’mod partikolari fir-rigward ta’ rekwiżiti potenzjali duplikattivi u kunfliġġenti fuq il-parteciċipanti fis-suq, u tirrakkomanda azzjoni possibbli.

2. Il-Kummissjoni tista’ tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jiddikjaraw li l-arranġamenti legali, superviżorji u ta’ infurzar ta’ pajjiż terz:

(a) ikunu ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11;

(b) jiżguraw protezzjoni tas-sigriet professjonali li tkun ekwivalenti għal dik stipulata f’dan ir-Regolament; u

(c) ikunu qed jiġu applikati u infurzati b’mod ekwu u bla distorsjoni sabiex ikunu żgurati s-superviżjoni u l-infurzar effettivi f’dak il-pajjiż terz.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 86(2).

3. Att ta' implimentazzjoni dwar l-ekwivalenza kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (a), għandu jimplika li l-kontropartijiet li jikkonkludu kuntratt tad-derivati OTC mhux ikklerjat minn CCP soġġetta għal dan ir-Regolament għandu jitqies li jkun issodisfa l-obbligi inklużi fl-Artikolu 11 meta mill-inqas waħda mill-kontropartijiet tkun stabbilita f'dak il-pajjiż terz, jew tkun soġġetta għar-rekwiżiti ekwivalenti tiegħu.

(9) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(-a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Meta persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni tkun beħsiebha tipprovdi servizzi tal-ikklerjar bħala CCP, din għandha tapplika għal awtorizzazzjoni lill-AETS, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17.

L-AETS għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita mingħajr dewmien.”

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata għall-attivitajiet marbuta mal-ikklerjar u għandha tispeċifika s-servizzi jew l-attivitajiet li l-CCP tkun awtorizzata li tipprovdi jew twettaq, inklużi l-klassijiet tal-istrumenti finanzjarji koperti minn tali awtorizzazzjoni.

Entità li tapplika għal awtorizzazzjoni bħala CCP sabiex tikklerja l-istrumenti finanzjarji għandha tinkludi fl-applikazzjoni tagħha, minbarra l-klassijiet ta' strumenti finanzjarji li hija tapplika sabiex tikklerja, il-klassijiet ta' strumenti mhux finanzjarji adattati għall-ikklerjar li tali CCP tkun beħsiebha tikklerja. Meta CCP awtorizzata skont dan l-Artikolu jkollha l-ħsieb tikklerja l-klassijiet ta' strumenti mhux finanzjarji adattati għall-ikklerjar, hija għandha tapplika għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni tagħha skont l-Artikolu 15.”;

(aa) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. CCP għandha tikkonforma f'kull ħin mal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-

awtorizzazzjoni. CCP għandha, mingħajr dewmien bla bżonn, tinnotifika *lill-AETS u* lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidla materjali li taffettwa il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni.”

(b) jiżdiedu l-paragrafi 6 u 7 li ġejjin:

“6. Sabiex tiżgura l-applikazzjoni konsistenti ta’ dan l-Artikolu, l-AETS għandha, b’kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-lista ta’ dokumenti meħtieġa li għandhom jakkumpanjaw applikazzjoni għal awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 u li jispeċifikaw l-informazzjoni li tali dokumenti għandu jkun fihom bil-għan li jintwera li s-CCP tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti kollha ta’ dan ir-Regolament.

L-AETS għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [PO: jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f’konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

7. L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta’ standards tekniċi ta’ implimentazzjoni li jispeċifikaw il-format elettroniku tal-applikazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-bażi tad-data ċentrali għall-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

L-AETS għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta’ standards tekniċi ta’ implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [PO: jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta’ implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f’konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(10) L-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. CCP li tkun tixtieq testendi n-negozju tagħha għal servizzi jew attivitajiet addizzjonali mhux koperti mill-awtorizzazzjoni eżistenti, *jew CCP li, matul it-12-*

il xahar ta' qabel, ma tkunx ipprovdiet servizzi jew attivitajiet tal-ikklerjar fi klassi ta' strument finanzjarju jew klassi ta' strument mhux finanzjarju kopert mill-awtorizzazzjoni eżistenti u li tkun tixtieq toffri servizzi jew attivitajiet tal-ikklerjar għal dawk l-istrumenti, għandha tissottometti talba għall-estensjoni *lill-AETS*. L-offerta ta' servizzi jew attivitajiet tal-ikklerjar li għalihom is-CCP ma tkunx diġà ġiet awtorizzata, *jew li għalihom tkun ġiet awtorizzata iżda li ma tkunx ipprovdiethom matul it-12-il xahar ta' qabel*, għandha titqies bħala estensjoni ta' dik l-awtorizzazzjoni.

L-estensjoni tal-awtorizzazzjoni għandha ssir f'konformità ma' waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17;
- (b) il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17a meta s-CCP applikanti titlob hekk skont l-Artikolu 17a(3).”;
- (b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-AETS għandha, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-lista ta' dokumenti meħtieġa li għandhom jakkumpanjaw applikazzjoni għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 u li jispeċifikaw l-informazzjoni li tali dokumenti għandu jkun fihom bil-għan li jintwera li s-CCP tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti kollha ta' dan ir-Regolament.

L-AETS għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [PO: jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;
- (c) jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

“4. L-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-format elettroniku tal-applikazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-bażi tad-data ċentrali għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni

msemmija fil-paragrafu 1.

L-AETS għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [PO: jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(11) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu tal-Artikolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Proċedura għall-għoti u għar-rifjut ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni jew għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni”

(b) il-paragrafi 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“1. Is-CCP applikanti għandha tissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 14(1) jew applikazzjoni għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 15(1) f'format elettroniku permezz tal-bażi tad-data ċentrali msemmija fil-paragrafu 7. L-applikazzjoni għandha tiġi kondiviża minnufih *mal-AETS*, mal-awtorità kompetenti tas-CCP u mal-kulleġġ imsemmi fl-Artikolu 18(1).

L-AETS għandha, fi żmien *ħamest ijiem* tax-xogħol wara li tkun waslet tali applikazzjoni, tirrikonoxxi li tkun irċeviet l-applikazzjoni, filwaqt li tiddikjara lis-CCP jekk din fihix id-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 14(6) u (7) jew, meta s-CCP tkun applikat għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni tagħha, skont l-Artikolu 15(3) u (4).

Meta *l-AETS* tiddetermina li ma jkunux ġew sottomessi d-dokumenti kollha meħtieġa skont l-Artikolu 14(6) u (7) jew l-Artikolu 15(3) u (4), hija għandha tirrifjuta l-applikazzjoni tas-CCP.

2. Is-CCP applikanti għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex turi li hija tkun stabbiliet, fil-ħin tal-awtorizzazzjoni *inizjali*, l-arranġamenti kollha meħtieġa, sabiex tissodisfa r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament. *Meta CCP applikanti titlob estensjoni tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 15, hija għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex turi li fiż-żmien meta tingħata*

tali estensjoni tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 15, hija tkun stabbilit l-arranġamenti addizzjonali kollha biex tissodisfa kwalunkwe rekwiżit stabbilit f'dan ir-Regolament fir-rigward ta' tali estensjoni tal-awtorizzazzjoni.

3. Fi żmien 40 jum tax-xogħol mit-tmiem tal-perjodu stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 (“il-perjodu ta’ valutazzjoni tar-riskju”), l-awtorità kompetenti tas-CCP, l-AETS u l-kulleġġ għandhom iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju tal-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti rilevanti stipulati f’dan ir-Regolament. Sa tmiem il-perjodu tal-valutazzjoni tar-riskju, **il-kulleġġ għandu jibgħat l-opinjoni u r-rapport tiegħu lill-AETS u lill-awtorità kompetenti tas-CCP, u l-AETS għandha tibgħat l-abbozz tad-deċiżjoni u tar-rapport tagħha lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-kulleġġ.**

■

(d) jiddaħħlu l-paragrafi 3a u 3b li ġejjin:

“3a. Matul il-perjodu ta’ valutazzjoni tar-riskju msemmi fil-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti tas-CCP, l-AETS jew kwalunkwe membru tal-kulleġġ jistgħu jissottomettu mistoqsijiet direttament lis-CCP. Meta s-CCP ma tweġibx għal dawn il-mistoqsijiet fil-perjodu ta’ żmien stabbilit mill-awtorità rikjedenti, ■ l-AETS jew il-kulleġġ jistgħu jieħdu deċiżjoni fin-nuqqas tar-rispons tas-CCP jew jistgħu jiddeċiedu li jestendu l-perjodu ta’ valutazzjoni b’massimu ta’ 10 ijiem tax-xogħol, jekk, fil-fehma tagħhom, il-kwistjoni tkun materjali għall-valutazzjoni. **CCP ma għandhiex tkun meħtieġa twieġeb aktar minn darba għal mistoqsija speċifika, dment li l-mistoqsija tkun ġiet imwieġba b’mod korrett.**

3b. Fi żmien **15-il jum** tax-xogħol minn meta tirċievi kemm l-opinjoni tal-AETS kif ukoll l-opinjoni tal-kulleġġ, **l-AETS** għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha u tibgħatha **lis-CCP applikanti, lill-awtorità kompetenti tas-CCP** u lill-kulleġġ. Meta **l-AETS** ma taqbilx ma’ opinjoni tal-AETS jew tal-kulleġġ, inkluża kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tinsab fiha, id-deċiżjoni tagħha għandu jkun fiha raġunijiet sħaħ u spjegazzjoni ta’ kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti minn dik l-opinjoni jew mill-kundizzjonijiet jew mir-

rakkomandazzjonijiet.

█
(e) il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“4. *L-AETS* għandha, wara li tikkunsidra kif xieraq l-opinjoni tal-AETS u tal-kulleġġ imsemmija fil-paragrafu 3, inkluża kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni fihom, tagħti awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 14 u l-Artikolu 15(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), biss meta tkun kompletament sodisfatta li s-CCP applikanti:

- (a) tikkonforma mar-rekwiżiti kollha stipulati f'dan ir-Regolament, inkluż, fejn applikabbli, għall-forniment ta' servizzi jew attivitajiet tal-ikklerjar għal strumenti mhux finanzjarji; u
- (b) tiġi nnotifikata bħala sistema skont id-Direttiva 98/26/KE.

Meta CCP applikanti titlob estensjoni ta' awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 15, l-AETS tista' sserraħ fuq parti mill-valutazzjoni mwettqa qabel skont dan l-Artikolu sal-punt li l-ebda bidla għal tali parti ma tirriżulta b'riżultat ta' tali talba għal estensjoni ta' awtorizzazzjoni. Is-CCP għandha tikkonferma lill-AETS li ma hemm l-ebda bidla fil-fatti sottostanti tal-parti tal-valutazzjoni li l-AETS tagħżel li tistrieħ fuqha.

Is-CCP ma għandhiex tiġi awtorizzata meta l-membri kollha tal-kulleġġ, minbarra *l-AETS*, jaslu għal opinjoni konġunta bi ftehim reċiproku, skont l-Artikolu 19(1), li s-CCP ma tkunx awtorizzata. Dik l-opinjoni għandha tiddikjara bil-miktub ir-raġunijiet sħaħ u dettaljati għaliex il-kulleġġ iqis li r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament jew f'liġi oħra tal-Unjoni ma ġewx issodisfati.

█
(f) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej: “7. *L-AETS* għandha żżomm bażi tad-data ċentrali li tipprovdi aċċess lill-awtorità kompetenti tas-CCP, lill-AETS u lill-membri tal-kulleġġ għal dik is-CCP

█, għad-dokumenti kollha rreġistrati fil-bażi tad-data għal dik is-CCP. Is-CCP għandha tissottometti l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 14, l-Artikolu 15(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), u l-Artikolu 49 permezz ta' dik il-bażi tad-data.

Il-mistoqsijiet sottomessi mill-AETS u mill-membri tal-kulleġġ matul il-perjodu ta' valutazzjoni tar-riskju msemmi fl-Artikolu 17(3a) għandhom jiġu inklużi fil-bażi tad-data ċentrali.

Ir-riċevituri rreġistrati għandhom itellgħu minnufih id-dokumenti kollha li jirċievu mis-CCP b'rabta ma' applikazzjoni skont il-paragrafu 1, u l-bażi tad-data ċentrali għandha tinforma awtomatikament lir-riċevituri rreġistrati meta jkunu saru bidliet fil-kontenut tagħha. Il-bażi tad-data ċentrali għandu jkun fiha d-dokumenti kollha pprovduti minn CCP applikanti skont il-paragrafu 1 u d-dokumenti l-oħrajn kollha rilevanti għall-valutazzjoni mill-awtorità kompetenti tas-CCP, mill-AETS u mill-kulleġġ.

Il-membri tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP għandu jkollhom ukoll aċċess għall-bażi tad-data ċentrali għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont l-Artikolu 24a(7). Il-President tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP jista' jillimita l-aċċess għal xi wħud mid-dokumenti għall-membri tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP msemmija fl-Artikolu 24a, il-punti (c) u (d)(ii), fejn ġustifikat abbażi ta' tħassib dwar il-kunfidenzjalità.”;

(12) jiddaħħlu l-Artikoli 17a u 17b li ġejjin:

“Artikolu 17a

Proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni għall-għoti ta' talba għall-estensjoni ta' attivitajiet jew servizzi

1. Il-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni għandha tapplika għal bidliet mhux materjali fl-awtorizzazzjoni eżistenti ta' CCP f'każijiet meta s-servizz jew l-attività ta' kklerjar *iwettqu wieħed jew aktar minn dan li ġej:*

- (a) iżidu munita ġdida ■ fi klassi ta' strumenti finanzjarji diġà koperti mill-awtorizzazzjoni tas-CCP *li għalihom is-CCP ma jkollhiex fis-seħħ il-faċilità ta' pagament rilevanti;*
- (b) *joffru mekkaniżmu jew servizz ġdid ta' saldu jew ta' konsenja li jinvolvi l-istabbiliment ta' rabtiet ma' sistema differenti ta' saldu tat-titoli, depożitorji ta' sigurtà ċentrali jew sistema ta' pagament li s-CCP ma kinitx tuża qabel;*

(c) *joffru kuntratti li ma jistgħux jiġu likwidati bl-istess mod, bħal permezz ta' offerta diretta jew irkant, jew flimkien ma' kuntratti diġà kklerjati mis-CCP.*

2. *Is-servizz jew l-attività tal-kklerjar addizzjonali proposti għandhom jitqiesu bħala bidla materjali u soġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 meta dan jirriżulta f'li s-CCP twettaq kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:*

- (a) *■ tadatta b'mod sinifikanti l-istruttura operattiva tagħha, fi kwalunkwe punt fiċ-ċiklu tal-kuntratt;*
- (b) *toffri servizz jew twettaq attività relatata ma' klassi ġdida ta' strumenti finanzjarji jew ma' tip ġdid ta' prodotti jew ma' tip ġdid ta' tranżazzjonijiet;*
- (c) *toffri servizz jew twettaq attività għal kuntratti nnegożjati f'post tan-negożju, fejn is-CCP qabel kienet qed tippovdi servizz jew twettaq attività għal dawk il-kuntratti nnegożjati fuq bażi bilaterali biss;*
- (d) *toffri servizz jew twettaq attività għal kuntratti nnegożjati fuq bażi bilaterali, fejn is-CCP qabel kienet qed tippovdi servizz jew twettaq attività għal dawk il-kuntratti f'post tan-negożjar biss;*
- (e) *tqis l-ispeċifikazzjonijiet ġodda materjali tal-kuntratt, bħal stili ġodda tal-eżerċizzju tal-opzjoni f'kategorija ta' kuntratti;*
- (f) *l-introduzzjoni ta' riskji materjali ġodda, marbuta mal-karatteristiċi differenti tal-assi referenzjati.*

2a. *L-AETS għandha, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji biex tispeċifika ulterjorment il-kriterji msemmija fil-paragrafi 1 u 2:*

L-AETS għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2b. Meta servizz jew attività tal-ikklerjar addizzjonali proposta tissodisfa kundizzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-istess ħin tissodisfa kundizzjoni skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17.

3. CCP li tissottometti talba għal estensjoni li titlob li tiġi applikata l-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni għandha turi għaliex l-estensjoni proposta tan-negozju tagħha għal servizzi jew attivitajiet ta' kklerjar addizzjonali tikkwalifika skont il-paragrafi 1 jew 2 li għandha tiġi vvalutata skont il-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni. Is-CCP għandha tissottometti l-applikazzjoni tagħha f'format elettroniku permezz tal-bażi tad-data ċentrali msemmija fl-Artikolu 17(7) u għandha tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex turi li tkun stabbiliet, fi żmien l-awtorizzazzjoni, l-arranġamenti kollha meħtieġa sabiex tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti stipulati f'dan ir-Regolament.

CCP li tapplika għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni tagħha li titlob li tiġi applikata l-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni u li s-servizzi jew l-attivitajiet ta' kklerjar addizzjonali proposti jaqgħu fl-ambitu tal-paragrafu 1 tista' tibda tikklerja tali strumenti finanzjarji jew strumenti mhux finanzjarji addizzjonali adattati għall-ikklerjar qabel id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti tas-CCP skont il-paragrafu 4.

4. Meta l-AETS, wara li tikkunsidra l-kontribut tal-kulleġġ, ma tkunx esprimiet l-oġġezzjoni tagħha għas-servizzi jew l-attivitajiet addizzjonali proposti tas-CCP fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni, l-awtorizzazzjoni għandha titqies bħala mogħtija.

5. Is-CCP li titlob l-estensjoni tal-attivitajiet u s-servizzi f'konformità mal-Artikolu 15 ma għandhiex titħalla tibda l-attività ġdida jew is-servizz il-ġdid li jkun intalab qabel ma l-awtorizzazzjoni titqies li tkun inġhatat.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika kwalunkwe bidla

fil-lista ta' bidliet mhux materjali elenkati taħt il-paragrafu 1, fejn tali bidla ma għibx riskju akbar għas-CCP.

Artikolu 17b

Proċedura sabiex tintalab l-opinjoni mill-kulleġġ

1. *Meta jkun beħsiebha tadotta deċiżjoni fir-rigward tal-Artikoli 20, 21, 30, 31, 32, 35, 41, 49, 51 jew 54, l-AETS* għandha tissottometti f'format elettroniku permezz tal-bażi tad-data ċentrali msemmija fl-Artikolu 17(7) talba għal opinjoni **mill-kulleġġ skont dan l-Artikolu u l-Artikolu 19**.

It-talba għal opinjoni **msemmija fl-ewwel subparagrafu, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha**, għandha tiġi kondiviża minnufih **mal-membri tal-Kulleġġ**.

2. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor skont l-Artikolu rilevanti, l-AETS u l-kulleġġ għandhom, fi żmien 30 jum tax-xogħol minn meta jirċievu t-talba msemmija fil-paragrafu 1 (“il-perjodu ta’ valutazzjoni”), jivvalutaw il-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti rispettivi. Sa tmiem il-perjodu ta’ valutazzjoni, **l-AETS għandha tibgħat l-abbozz tad-deċiżjoni tagħha lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-kulleġġ, u l-kulleġġ għandu jadotta opinjoni skont l-Artikolu 19 u jibgħatha lill-AETS u lill-awtorità kompetenti tas-CCP. Il-kulleġġ jista’ jinkludi fl-opinjoni tiegħu kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li jqis meħtieġa sabiex jiġi mmitigat kwalunkwe nuqqas fil-ġestjoni tar-riskji tas-CCP**.

3. Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-opinjoni **tal-kulleġġ, l-AETS** għandha, wara li tqis kif xieraq l-opinjoni **tal-kulleġġ**, inkluża kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tinsab fihom, tadotta d-deċiżjoni tagħha u tibgħatha **lill-awtorità kompetenti tas-CCP** u lill-kulleġġ.

Meta **l-AETS** ma taqbilx **mal-opinjoni** tal-AETS jew tal-Kulleġġ, inkluża kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tinsab fiha, id-deċiżjoni tagħha għandu jkun fiha raġunijiet sħaħ u spjegazzjoni ta’ kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti minn dik l-opinjoni jew mill-kundizzjonijiet jew mir-rakkomandazzjonijiet.

(12a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 17ba

Proċeduri għall-implimentazzjoni mis-CCPs ta' bidliet ta' "żamma tal-istatus quo"

1. Wara li tkun innotifikat kif xieraq l-intenzjonijiet tagħha lill-AETS, CCP għandha tkun tista' timplimenta direttament kwalunkwe bidla fis-servizzi jew l-attivitajiet tagħha mingħajr ma tkun soġġetta għall-proċeduri msemmija fl-Artikoli 17 u 17a, fejn tali bidla ma tikkwalifikax bħala materjali skont l-Artikolu 17 jew bħala mhux materjali skont l-Artikolu 17a(1). 2. Il-bidliet implimentati minn CCP f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għal rieżami u evalwazzjoni f'konformità mal-Artikolu 21. Barra minn hekk, l-AETS għandha tirriżamina regolarment l-implimentazzjoni mis-CCPs ta' bidliet li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u tirrapporta lill-kulleġġ ta' kull CCP fl-Unjoni dwar l-adegwatezza tagħhom."

(13) L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fi żmien 30 jum kalendarju mis-sottomissjoni ta' applikazzjoni sħiħa f'konformità mal-Artikolu 17, ***l-AETS*** għandha tistabbilixxi kulleġġ li jiffaċilita t-twettiq tal-kompiti msemmija fl-Artikoli 15, 17, 20, 21, 30, 31, 32, 35, 41, 49, 51 u 54.";

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-President jew kwalunkwe wieħed mill-membri indipendenti tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP imsemmi fl-Artikolu 24a(2), il-punti (a) u (b), li għandhom jimmaniġġjaw u jippresjedu l-kulleġġ;"

(ba) fil-paragrafu 4, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-fini taż-żieda ta' punti mal-aġenda, il-membri tal-kulleġġ għandhom iqisu l-eżitu tal-ħidma mwettqa mill-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ."

(14) L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta l-kulleġġ ikun meħtieġ jagħti opinjoni skont dan ir-Regolament, huwa għandu jasal għal opinjoni konġunta li tiddetermina jekk is-CCP tikkonformax mar-rekwiżiti kollha stipulati f'dan ir-Regolament.

Jekk ma jaqbilx dwar opinjoni konġunta f'konformità mal-ewwel subparagrafu, il-kulleġġ għandu jadotta opinjoni ta' maġġoranza fl-istess perjodu.”;

(b) fil-paragrafu 3, ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“Il-membri tal-kulleġġ imsemmija fl-Artikolu 18(2), il-punti (ca) u (i), ma għandu jkollhom l-ebda dritt tal-vot dwar l-opinjoni tal-kulleġġ.”;

(c) jitħassar il-paragrafu 4;

(15) *L-Artikolu 20 huwa sostitwit b'dawn li ġejjin:*

“1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22(3), l-AETS għandha tirtira l-awtorizzazzjoni meta is-CCP:

(a) *ma tkunx għamlet użu mill-awtorizzazzjoni b'mod sħiħ jew parzjali fi żmien 12-il xahar, tirrinunzja b'mod espress l-awtorizzazzjoni jew ma tkun ipprovdiet l-ebda servizz jew ma tkun wettqet l-ebda attività fis-sitt xhur preċedenti;*

(b) *tkun kisbet l-awtorizzazzjoni billi tkun għamlet dikjarazzjonijiet foloz jew bi kwalunkwe mezz irregolari ieħor;*

(c) *ma tkunx għadha konformi mal-kundizzjonijiet li bihom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni u ma tkunx ħadet azzjonijiet ta' rimedju mitluba mill-AETS f'qafas ta' żmien stabbilit; jew*

(d) *tkun kisret serjament u sistematikament kwalunkwe waħda mir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.*

2. *Meta l-AETS tqis li mill-inqas waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1 tapplika, din għandha, fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol, tinnotifika lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-membri tal-kulleġġ b'dan.”*

“3. *L-AETS għandha tikkonsulta mal-awtorità kompetenti tas-CCP* u mal-membri tal-kulleġġ, f'konformità mal-paragrafu 6, dwar il-ħtieġa li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni tas-CCP, ħlief fejn tkun meħtieġa deċiżjoni b'mod urġenti.

4. *L-awtorità kompetenti tas-CCP* jew kwalunkwe membru tal-kulleġġ jistgħu, fi kwalunkwe ħin, jitolbu li *L-AETS* teżamina jekk is-CCP tkunx għadha konformi mal-kundizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni. 5. *L-AETS* tista' tillimita

l-irtirar għal servizz, attività, jew klassi partikolari ta' strumenti finanzjarji jew strumenti mhux finanzjarji.

6. Qabel ma ***L-AETS*** tieħu deċiżjoni li tirtira servizz, attività jew klassi partikolari ta' strumenti finanzjarji jew strumenti mhux finanzjarji, hija għandha titlob ***l-opinjoni*** tal-kulleġġ f'konformità mal-Artikolu 17b.

7. Meta ***L-AETS*** tieħu deċiżjoni dwar l-irtirar tal-awtorizzazzjoni bis-sħiħ jew b'rabta ma' servizz, attività jew klassi partikolari ta' strumenti finanzjarji jew strumenti mhux finanzjarji, dik id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-Unjoni kollha.”;

(16) L-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. ***L-AETS għandha mill-anqas tagħmel*** dan kollu li ġej:

(a) ***tirrieżamina*** l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati mis-CCPs sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament;

(b) ***tirrieżamina s-servizzi*** jew l-attivitajiet li s-CCP tkun bdiet tipprovdi skont il-proċeduri ta' nuqqas ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 17a, ***17ba*** jew skont l-Artikolu 49;

(c) ***tevalwa r-riskji***, inklużi r-riskji finanzjarji u operazzjonali, li għalihom is-CCPs huma, jew jaf ikunu, esposti.”;

(ca) tħejji pjan għal attivitajiet superviżorji konġunti skont l-Artikolu 23b.”;

(b) ***il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:***

“3. ***L-AETS għandha***, wara li ***tkun ikkunsidrat*** il-kontribut ***tal-kulleġġ***, ***tistabbilixxi*** l-frekwenza u l-profondità ***u l-enfasi sostantiva*** tar-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tqis b'mod partikolari d-daqs, l-importanza sistemika, in-natura, l-iskala, il-kumplessità tal-attivitajiet u l-interkonnettività ma' infrastrutturi oħrajn tas-suq finanzjarju tas-CCPs ikkonċernati u l-prijoritajiet superviżorji stabbiliti mill-AETS f'konformità mal-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (ba). ***L-AETS għandha tagħgorna r-rieżami*** u l-evalwazzjoni mill-inqas fuq bażi annwali.

Is-CCPs għandhom ikunu soġġetti għal spezzjonijiet fuq il-post. ***L-AETS għandha tistieden lill-kulleġġ u lill-parteciċipanti għall-attivitajiet superviżorji konġunti kif imsemmi fl-Artikolu 23b***, sabiex jipparteċipaw fi spezzjonijiet fuq

il-post.

L-AETS għandha tibgħat ***lill-kulleġġ l-informazzjoni*** li tasal mingħand is-CCP matul jew b'rabta mal-ispezzjonijiet fuq il-post.

4 *L-AETS għandha tissottometti* regolarment, u għall-inqas kull sena, rapport lill-kulleġġ li jinkludi dan li ġej:

(a) ir-riżultati tar-rieżami u tal-evalwazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, inkluż jekk *L-AETS* tkunx ħadet xi azzjoni ta' rimedju jew tkunx imponiet penali; ***u***

(b) ***pjan għal attivitajiet superviżorji konġunti skont l-Artikolu 23b għas-sena kalendarja ta' wara.***

L-AETS għandha tikkomunika r-rapport li jkopri sena kalendarja ***lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-kulleġġ*** sat-30 ta' Marzu tas-sena kalendarja ta' wara. Dak ir-rapport għandu jkun soġġett għal opinjoni tal-kulleġġ skont l-Artikolu 19 u opinjoni mill-AETS skont l-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc), maħruġa f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17b.”;

(c) ***jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

“4a. Għall-finijiet tat-twettiq tar-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, kif ukoll l-istabbiliment tal-frekwenza, il-fond u l-enfasi sostantiva tiegħu f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-AETS għandha tqis l-eżitu tal-ħidma li jkun wettaq il-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ skont l-Artikolu 23c, sa fejn tali eżitu jkun rilevanti għas-CCP soġġetta għal tali rieżami u evalwazzjoni.”;

(d) ***il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

“5. L-AETS għandha tesigħi lil kwalunkwe CCP li ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament tiegħu l-azzjonijiet jew il-passi meħtieġa fi stadju bikri biex tindirizza s-sitwazzjoni.”;

(16a) ***fl-Artikolu 22(1), l-ewwel subparagrafu huwa emendat kif ġej:***

“1. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtorità kompetenti responsabbli għat-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament għas-CCPs stabbiliti fit-territorju tiegħu u għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-AETS b'dan.”;

(16b) ***jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:***

“Artikolu 22a

Setgħat tal-AETS

- 1. L-AETS għandha tkun responsabbli għat-twettiq tad-dmirijiet tagħha skont dan ir-Regolament għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CCPs stabbiliti fl-Unjoni.*
- 2. L-AETS għandha tiżgura fuq bażi kontinwa l-konformità mis-CCPs stabbiliti fl-Unjoni mal-Artikoli 7 sa 8, l-Artikoli 14 sa 17ba, l-Artikoli 20, 21, u 24 u t-Titoli IV u V.*
- 3. L-AETS għandha tingħata s-setgħa b’setgħat superviżorji, investigattivi u ta’ infurzar meħtieġa għall-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħha skont dan ir-Regolament.*
- 4. Is-setgħat imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom jinkludu mill-inqas is-setgħat biex:*
 - (a) CCP tiġi awtorizzata għal servizz jew attività tal-ikklerjar partikolari fi strumenti finanzjarji jew strumenti mhux finanzjarji;*
 - (b) tiġi ssorveljata l-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament u jiġu adottati deċiżjonijiet u jitwettqu valutazzjonijiet superviżorji fir-rigward tal-Artikoli 7 sa 8, 14 sa 17ba, 20, 21, u 24 u t-Titoli IV u V;*
 - (c) jingħata aċċess għal kwalunkwe dokument jew data oħra mis-CCP f’forma li l-AETS tqis rilevanti għat-twettiq tad-dmirijiet tagħha u li wieħed jirċievi jew jikseb kopja ta’ tali dokumenti jew data;*
 - (d) tiġi rikjesta jew tintalab informazzjoni mingħand kwalunkwe persuna relatata mas-CCP u, jekk ikun meħtieġ, persuna tissejjaħ u tiġi interrogata bil-ħsieb li tinkiseb informazzjoni;*
 - (e) jitwettqu spezzjonijiet jew investigazzjonijiet konġunti fuq il-post mal-awtorità kompetenti tas-CCP;*
 - (f) l-awdituri ta’ CCPs awtorizzati jintalbu jagħtu informazzjoni;*

- (g) jiġi rikjest il-waqfien temporanju jew permanenti ta' kwalunkwe prattika jew imġiba li l-AETS tqis li tmur kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew meta tali prattika jew imġiba jista' jkollha effett negattiv fuq l-attivitajiet transfruntiera tas-CCPs jew impatt transfruntier possibbli;*
- (h) tiġi rikjesta t-tneħħija ta' persuna fiżika mill-bord maniġerjali ta' CCP awtorizzata;*
- (i) jiġu imposti multi u l-ħlas perjodiku ta' penali;*
- (j) jinħarġu avviżi pubbliċi; u*
- (k) tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni tas-CCP, jew tal-awtorizzazzjoni tagħha għal servizz, attività jew klassi partikolari ta' strumenti finanzjarji jew kuntratt mhux finanzjarju.*

L-AETS għandha timponi tariffi għat-twettiq tad-dmirijiet tagħha stabbiliti skont il-paragrafu 1 u f'konformità mal-att delegat adottat skont is-subparagrafu li jmiss ta' dan il-paragrafu.

Sa... [sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 82 biex tissupplimenta dan ir-Regolament bil-moduli addizzjonali li ġejjin:

- (a) it-tipi ta' tariffi;*
- (b) il-kwistjonijiet li għalihom huma dovuti t-tariffi;*
- (c) l-ammont tat-tariffi;*
- (d) il-mod kif għandhom jitħallsu t-tariffi.*

L-AETS għandha tinnotifika kif xieraq lill-Kummissjoni ladarba tqis li d-dispożizzjonijiet skont dan l-Artikolu u l-Artikoli 22b, 23b u 23c huma implimentati bis-siġh.

Artikolu 22b

Delega tal-kompiti mill-AETS lill-awtoritajiet kompetenti

1. Fejn meħtieġ għat-twettiq xieraq ta' kompitu superviżorju, l-AETS tista', b'deċiżjoni, tiddelega kompiti superviżorji speċifiċi lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru f'konformità mal-linji gwida maħruġin mill-AETS skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. Qabel ma tiddelega kompitu msemmi fil-paragrafu 1, l-AETS għandha tikkonsulta mal-awtorità kompetenti rilevanti dwar dawn kollha li ġejjin:

(a) l-ambitu tal-kompitu li għandu jiġi ddelegat;

(b) l-iskeda ta' żmien għat-twettiq tal-kompitu;

(c) it-trażmissjoni tal-informazzjoni meħtieġa mill-AETS u lilha.

3. L-AETS għandha tirrieżamina d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 f'intervalli xierqa. Delega tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin.

4. *Id-delega ta' kompiti ma għandhiex taffettwa r-responsabbiltà tal-AETS u lanqas ma għandha tillimita l-kapaċità tal-AETS li twettaq u tissorvelja l-attività ddelegata.*”;

(17) l-Artikolu 23a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“1. *Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22a*, l-AETS għandha twettaq rwol ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u bejn il-kulleġġi sabiex:

(a) tibni kultura superviżorja komuni u Prattiki superviżorji konsistenti;

(b) tiżgura proċeduri uniformi u approċċi konsistenti;

(c) issaħħaħ il-konsistenza fl-eżiti superviżorji, b'mod partikolari fir-rigward ta' oqsma superviżorji li għandhom dimensjoni transfruntiera jew impatt transfruntier possibbli;

(d) issaħħaħ il-koordinazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza f'konformità mal-Artikolu 24;

■
■

(b) jitħassru l-paragrafi 2,3 u 4;

(18) jiddaħħlu l-Artikoli ■ li ġejjin:

“Artikolu 23b

Attivitajiet Superviżorji Konġunti

1. *Kull CCP awtorizzata skont l-Artikolu 14 għandha tkun soġġetta għal attivitajiet superviżorji konġunti. Dawk l-attivitajiet għandhom jiġu kkoordinati mill-AETS u mill-kulleġġ fil-kuntest tal-proċess annwali ta’ rieżami u evalwazzjoni, u għandhom ikunu miftuħa għall-parteċipazzjoni ta’ kull membru tal-kulleġġ fuq bażi volontarja.*
2. *Il-parteċipanti fl-attivitajiet superviżorji konġunti għandhom jingħataw il-kompitu bi dmirijiet li jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal, dawn kollha li ġejjin:*
 - (a) *jipparteċipaw fi spezzjonijiet fuq il-post skont l-Artikolu 21(3);*
 - (b) *jipparteċipaw f’valutazzjonijiet superviżorji rilevanti;*
 - (c) *jikkontribwixxu għall-proċess annwali ta’ rieżami u evalwazzjoni, imwettaq mill-AETS f’konformità mal-Artikolu 21(1).*
- 2a. *L-AETS tista’ tikkoordina wkoll, b’kontribut mill-kulleġġ, attivitajiet superviżorji konġunti f’oqsma mhux previsti fiż-żmien tar-rieżami annwali preċedenti, b’mod partikolari fil-valutazzjoni tal-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament u fil-valutazzjoni ta’ kwalunkwe kwistjoni superviżorja materjali li setgħet inħolqot minn dak iż-żmien.*
3. *L-AETS għandha tkun inkarigata biex tistabbilixxi u tikkoordina l-attivitajiet superviżorji konġunti.*
4. *L-AETS u l-awtoritajiet li jipparteċipaw fit-timijiet superviżorji konġunti għandhom jikkonsultaw ma’ xulxin u jaqblu fuq l-użu tar-riżorsi fir-rigward tat-timijiet superviżorji konġunti.”;*

Artikolu 23c

Mekkaniżmu Konġunt ta’ Monitoraġġ

1. *L-AETS għandha tistabbilixxi Mekkaniżmu Konġunt ta’ Monitoraġġ għall-eżerċitar tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 2.*
- Il-Mekkaniżmu Konġunt ta’ Monitoraġġ għandu jkun magħmul minn:*

- (a) rappreżentanti tal-AETS;
 - (b) rappreżentanti tal-ABE u tal-EIOPA;
 - (c) rappreżentanti tal-Kummissjoni, tal-BERS u tal-BĊE fil-qafas tal-kompiti li jikkonċernaw is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fi ħdan il-mekkaniżmu superviżorju uniku mogħti lill-konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013.
- (ca) *rappreżentanti tal-banek ċentrali tal-ħruġ tal-muniti minbarra l-euro li fihom huma denominati l-kuntratti tad-derivati msemmija fl-Artikolu 7a(2).***

L-AETS għandha timmaniġġja u tippresjedi l-laqgħat tal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ. Il-President tal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ, fuq talba tal-membri l-oħrajn tal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ jew fuq inizzjattiva tiegħu stess, jista' jistieden lil awtoritajiet oħrajn sabiex jipparteċipaw fil-laqgħat meta jkun rilevanti għas-suġġetti li jkunu se jiġu diskussi.

2. Il-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ għandu:

- (a) jimmonitorja l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 7a u 7b, inklużi dawn kollha li ġejjin:
 - (i) l-iskoperturi ġenerali u t-tnaqqis tal-iskoperturi għal servizzi tal-ikklerjar sostanzjalment u sistematikament importanti identifikati skont l-Artikolu 25(2c);
 - (ii) l-iżviluppi relatati mal-ikklerjar fil-kontropartijiet ċentrali awtorizzati skont l-Artikolu 14 u l-aċċess għall-ikklerjar mill-klijenti għal tali CCPs, inklużi t-tariffi imposti minn tali CCPs għall-istabbiliment ta' kontijiet skont l-Artikolu 7a u kwalunkwe tariffa imposta mill-membri tal-ikklerjar lill-klijenti tagħhom għall-istabbiliment ta' kontijiet u għat-twettiq tal-ikklerjar skont l-Artikolu 7a;
 - (iii) żviluppi sinifikanti oħrajn fil-prattiki tal-ikklerjar li għandhom impatt fuq il-livell tal-ikklerjar fis-CCPs awtorizzati skont l-Artikolu 14;
- (b) jimmonitorja r-relazzjonijiet tal-ikklerjar tal-klijenti, inklużi l-portabbiltà u l-interdipendenzi u l-interazzjonijiet tal-membri tal-ikklerjar u tal-klijenti ma' infrastrutturi oħrajn tas-suq finanzjarju;

- (c) jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' valutazzjonijiet madwar l-Unjoni kollha tar-reżiljenza tas-CCPs li jiffokaw fuq ir-riskji tal-likwidità, ***ir-riskji ta' kreditu u operazzjonali*** li jikkonċernaw lis-CCPs, il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti;
- (d) jidentifika r-riskji ta' konċentrazzjoni, b'mod partikolari fl-ikklerjar tal-klijenti, minħabba l-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni, inkluż meta diversi CCPs, membri tal-ikklerjar jew klijenti jużaw l-istess fornituri ta' servizzi, ***minħabba li l-klijenti jaċċessaw l-istess CCP permezz ta' membri tal-ikklerjar differenti ta' dik is-CCP, jew minħabba li l-klijenti jżommu pożizzjonijiet kbar fis-swieq tal-prodotti li tikklerja s-CCP, jew minħabba li diversi klijenti jikklerjaw permezz ta' ftit membri tal-ikklerjar;***
- (e) jimmonitorja l-effettività tal-miżuri mmirati lejn it-titjib tal-attraenza tal-kontropartijiet ċentrali tal-Unjoni, filwaqt li jinkoraġġixxi l-ikklerjar fil-kontropartijiet ċentrali tal-Unjoni u jtejjeb il-monitoraġġ tar-riskji transfruntiera.

Il-korpi li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jikkooperaw u jikkondividu l-informazzjoni meħtieġa sabiex iwettqu l-attivitajiet ta' monitoraġġ imsemmija fl-ewwel subparagrafu.

Meta l-informazzjoni meħtieġa ma tkunx disponibbli, inkluża l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 7a(4), l-AETS tista', b'talba sempliċi, titlob li l-kontropartijiet ċentrali awtorizzati, il-membri tal-ikklerjar tagħhom u l-klijenti tagħhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa li tippermetti lill-AETS u lill-korpi l-oħrajn li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ iwettqu l-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu.

3. L-AETS għandha, b'kooperazzjoni mal-korpi l-oħrajn li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ, tissottometti rapport annwali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-attivitajiet tagħha skont il-paragrafu 2.

Fejn xieraq, dan ir-rapport għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet għal azzjoni potenzjali fil-livell tal-Unjoni biex jiġu indirizzati r-riskji orizzontali identifikati.

█
█

(19) l-Artikolu 24 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 24

Sitwazzjonijiet ta' emerġenza

1. **L-AETS** għandha tinforma lill-kulleġġ, lill-membri rilevanti tas-SEBĊ, lill-Kummissjoni u lil awtoritajiet rilevanti oħrajn mingħajr dewmien żejjed dwar kwalunkwe sitwazzjoni ta' emerġenza relatata ma' CCP, inklużi dawn kollha li ġejjin:
 - (a) sitwazzjonijiet jew avvenimenti li jkollhom impatt, jew li x'aktarx ikollhom impatt, fuq is-solidità prudenzjali jew finanzjarja jew ir-reżiljenza tas-CCPs awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 14, tal-membri tal-ikklerjar jew tal-klijenti tagħhom;
 - (b) meta CCP tkun beħsiebha tattiva l-pjan ta' rkupru tagħha skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 2021/23, awtorità kompetenti tkun ħadet miżura ta' intervent bikri skont l-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament jew awtorità kompetenti tkun talbet tneħħija totali jew parzjali tal-maniġment superjuri jew tal-bord tal-CCP skont l-Artikolu 19 ta' dak ir-Regolament;
 - (c) meta jkun hemm żviluppi fis-swieq finanzjarji, li jista' jkollhom effett negattiv fuq il-likwidità tas-suq, it-trażmissjoni tal-politika monetarja, it-tħaddim bla xkiel tas-sistemi ta' pagament jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri fejn tkun stabbilita s-CCP jew wieħed mill-membri tal-ikklerjar tagħha.
2. L-AETS għandha tikkoordina l-awtoritajiet kompetenti, l-awtorità ta' riżoluzzjoni maħtura skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2021/23 u l-kulleġġi sabiex jibnu rispons komuni għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza relatati ma' CCP.
3. F'każ ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza, ħliet meta awtorità ta' riżoluzzjoni tkun ħadet azzjoni ta' riżoluzzjoni b'rabta ma' CCP skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 2021/23, u sabiex tikkoordina r-reazzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti, laqgħa tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP:
 - (a) tista' tissejjaħ mill-President tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP;
 - (b) għandha tissejjaħ mill-President tal-Kumitat Superviżorju tal-kontroparti ċentrali, fuq it-talba ta' żewġ membri tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP.
4. Kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet li ġejjin tista' tiġi mistiedna wkoll għal-

laqgħa msemmija fil-paragrafu 3, fejn rilevanti, meta jitqiesu l-kwistjonijiet li għandhom jiġu diskussi fil-laqgħa:

- (a) il-banek ċentrali rilevanti tal-ħruġ;
- (b) l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għas-superviżjoni tal-membri tal-ikklerjar, inkluż, fejn rilevanti, il-BĊE fil-qafas tal-kompiti li jikkonċernaw is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fi ħdan il-mekkaniżmu superviżorju uniku mogħti lill-konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013;
- (c) l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għas-superviżjoni taċ-ċentri tan-negożjar;
- (d) l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għas-superviżjoni tal-klijenti, meta jkunu magħrufa;
- (e) l-awtoritajiet tar-risoluzzjoni rilevanti maħtura skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2021/23.

Meta ssir laqgħa tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP skont l-ewwel subparagrafu, il-President għandu jinforma lill-ABE, lill-AEAPX, lill-BERS u lill-Kummissjoni b'dan, u għandhom ukoll jiġu mistiedna jipparteċipaw f'dik il-laqgħa fuq talba tagħhom.

Meta ssir laqgħa wara sitwazzjoni ta' emerġenza kif speċifikat fil-paragrafu 1(c), il-President għandu dejjem jistieden lill-banek ċentrali rilevanti tal-ħruġ biex jipparteċipaw f'dik il-laqgħa.

5. L-AETS tista', b'talba sempliċi, titlob li s-CCPs awtorizzati, il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti tagħhom, l-infrastrutturi tas-suq finanzjarju konnessi u l-partijiet terzi relatati li lilhom daww is-CCPs ikunu esternalizzaw funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex l-AETS tkun tista' twettaq il-funzjoni ta' koordinazzjoni tagħha skont dan l-Artikolu.

■

(20) l-Artikolu 24a huwa emendat kif ġej:

(-a) fil-paragrafu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:

“(e) l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tat-tliet membri tal-ikklerjar bl-akbar kontribuzzjonijiet, ikkalkulati fuq bażi aggregata fuq perjodu ta' sena, għall-fond tal-inadempjenza msemmi fl-Artikolu 42 ta' dan ir-Regolament, minn kull waħda mis-CCPs awtorizzati f'konformità mal-

Artikolu 14 jew rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dan ir-Regolament, inkluż, meta rilevanti, il-BĊE, fil-qafas tal-kompiti li jikkonċernaw is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-mekkaniżmu superviżorju uniku mogħtija lill-konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013, li ma għandhomx ikollhom dritt tal-vot.”

- (a) fil-paragrafu 2, il-punt (d)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “(ii) meta l-Kumitat Superviżorju tas-CCP jiltaqa' b'rabta mas-CCPs awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 14, fil-kuntest ta' diskussjonijiet li jappartjenu għall-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, il-banek ċentrali tal-ħruġ tal-muniti tal-Unjoni tal-istrumenti finanzjarji kklerjati minn CCPs awtorizzati li jkunu talbu sabiex jissieħbu fil-Kumitat Superviżorju tas-CCP, li ma għandux ikollhom id-dritt tal-vot.”;
- (b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “3. Il-President jista' jistieden bħala osservaturi għal-laqgħat tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP, fejn xieraq ■ , membri tal-kulleġġi msemmija fl-Artikolu 18, rappreżentanti mill-awtoritajiet rilevanti tal-klijenti meta jkunu magħrufa u mill-istituzzjonijiet u l-korpi rilevanti tal-Unjoni.”;
- (c) il-paragrafu 7 huwa emendat kif ġej:
- (i) il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:
- “B'rabta mal-kontropartijiet ċentrali awtorizzati jew li japplikaw għal awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14, il-Kumitat Superviżorju tas-CCP għandu, għall-fini tal-Artikolu 23a(2), iħejji deċiżjonijiet u jwettaq il-kompiti fdati lill-AETS fil-punti li ġejjin:”;
- (ii) jiddaħħlu l-punti (ba), (bb) u (bc) li ġejjin:
- “(ba) mill-anqas kull sena, tiddiskuti u tidentifika l-prijoritajiet superviżorji għas-CCPs awtorizzati skont l-Artikolu 14 sabiex tikkontribwixxi għat-tnejn tal-prijoritajiet superviżorji strateġiċi tal-Unjoni mill-AETS f'konformità mal-Artikolu 29a tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010;
- (bb) tikkunsidra, b'kooperazzjoni mal-ABE, mal-AEAPX u mal-BĊE fit-tweġiq tal-kompiti tagħha fi ħdan mekkaniżmu superviżorju uniku

skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, kwalunkwe riskju transfruntier li jinħoloq mill-attivitajiet tas-CCPs inkluż minħabba l-interkonnnettività, l-interkonnnessjonijiet u r-riskji ta' konċentrazzjoni tas-CCPs minħabba tali konnessjonijiet transfruntiera;

(bc) tnejji abbozzi ta' **deċiżjonijiet** għall-adozzjoni mill-Bord tas-Superviżuri **u valutazzjonijiet superviżorji mwettqa fir-rigward tal-Artikoli 7, 8, 14 sa 17ba, 20, 21, u 24 u tatTitoli IV u V ta' dan ir-Regolament;**” ;

(iia) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) jippromwovi l-iskambju u d-diskussjoni regolari fost l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 22(1) ta' dan ir-Regolament fir-rigward:

(i) tal-attivitajiet rilevanti mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 22 u 22a meta jwettqu dmirijiethom skont dan ir-Regolament fir-rigward tal-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CCPs stabbiliti fit-territorju tagħhom;

(ii) tal-iżviluppi tas-suq rilevanti, inklużi sitwazzjonijiet jew avvenimenti li jaffettwaw jew li x'aktarx jaffettwaw is-solidità prudenzjali jew finanzjarja, jew ir-reżiljenza tas-CCPs awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 14 jew il-membri tal-ikklerjar tagħhom;

(iii) l-abbozzi ta' deċiżjonijiet ippreżentati mill-AETS f'konformità mal-punt (bc);”

(iii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-AETS għandha, fuq bażi annwali, tirrapporta lill-Kummissjoni dwar ir-riskji transfruntiera li jinħolqu mill-attivitajiet tas-CCPs imsemmija fil-punt (bb) fl-ewwel subparagrafu.”;

(20a) fl-Artikolu 24b, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. Fir-rigward tal-valutazzjonijiet superviżorji mwettqa b'rabta ma' u deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu skont l-Artikoli 41, 44, 46, 49, 50 u 54 li jirrigwardaw CCPs tal-Grad 2, il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu

jikkonsulta lill-banek ċentrali tal-ħruġ imsemmijin fil-punt (f) tal-Artikolu 25(3). Kull bank ċentrali tal-ħruġ jista' jirrispondi. Kwalunkwe risposta għandha tasal fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mit-trażmissjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni. F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, dak il-perjodu ma għandux jaqbeż l-24 siegħa. Meta bank ċentrali tal-ħruġ jipproponi emendi jew joġġezzjona għall-abbozzi ta' valutazzjonijiet relatati jew l-abbozzi ta' deċiżjonijiet skont l-Artikoli 41, 44, 46, 50 u 54, għandu jforni r-raġunijiet kollha u fid-dettall, bil-miktub. Hekk kif jiskadi l-perjodu għall-konsultazzjoni, il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu jikkunsidra b'mod debitu r-risposti tal-banek ċentrali tal-ħruġ.

2. Meta l-Kumitat Superviżorju tas-CCPs ma jirriflettix fl-abbozz ta' valutazzjoni jew fl-abbozz ta' deċiżjoni tiegħu r-risposti ta' bank ċentrali tal-ħruġ, il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu jinforma lil dak il-bank ċentrali tal-ħruġ bil-miktub u jiddikjara r-raġunijiet kollha tiegħu għalfajn ma jkunx ikkunsidra r-risposta ta' dak il-bank ċentrali tal-ħruġ, u jforni spjegazzjoni għal kwalunkwe devjazzjoni minn dik ir-risposta. Il-Kumitat Superviżorju tas-CCPs għandu jippreżenta lill-Bord tas-Superviżuri r-risposti tal-banek ċentrali tal-ħruġ u l-isjegazzjonijiet tiegħu għalfajn ma jkunx ikkunsidrahom flimkien mal-abbozz ta' deċiżjoni tiegħu.”

(21) L-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:

(-a) fil-paragrafu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:

“(ca) is-CCP tkun forniet lill-AETS dikjarazzjoni bil-miktub, iffirmata mir-rappreżentant legali tagħha, li tesprimi l-kunsens mingħajr kundizzjonijiet tas-CCP li tħallas it-tariffi applikabbli f'konformità mal-Artikolu 25d”;

(a) fil-paragrafu 4, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej;

Id-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent għandha tkun ibbażata fuq il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 għas-CCPs tal-Grad 1 u fil-paragrafu 2, il-punti (a) sa (d), u l-paragrafu 2b għas-CCPs tal-Grad 2. Fi żmien 180 jum tax-xogħol mid-determinazzjoni li applikazzjoni hija kompluta f'konformità mat-tieni subparagrafu, l-AETS għandha tinforma lis-CCP applikanti bil-miktub, bi

spjegazzjoni motivata bis-sħiħ, jekk ir-rikonoxximent ikunx ingħata jew ġie rrifjutat.”;

- (b) fil-paragrafu 5, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Meta r-rieżami jsir f’konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, dan għandu jitwettaq f’konformità mal-paragrafi 2 sa 4. Meta r-rieżami jsir f’konformità mal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, dan għandu jitwettaq ukoll f’konformità mal-paragrafi 2 sa 4, madankollu, is-CCP imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tkun meħtieġa tippreżenta applikazzjoni ġdida, iżda għandha tforni lill-AETS l-informazzjoni kollha meħtieġa għar-rieżami tar-rikonoxximent tagħha.”;

- (c) fil-paragrafu 6, jizzied is-subparagrafu li ġej:

“Fejn ikun fl-interessi tal-Unjoni u meta jitqiesu r-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni minħabba l-parteciġazzjoni mistennija tal-membri tal-ikklerjar u taċ-ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni għal CCPs stabbiliti f’pajjiż terz, il-Kummissjoni tista’ tadotta l-att ta’ implimentazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu, irrispettivament minn jekk il-punt (c) ta’ dak is-subparagrafu jkunx ġie ssodisfat.”;

- (d) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“7. L-AETS għandha tistabbilixxi arranġamenti ta’ kooperazzjoni effettivi mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta’ pajjiżi terzi li l-oqfsa legali u superviżorji tagħhom ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dan ir-Regolament f’konformità mal-paragrafu 6.”;

- (e) jizziedu l-paragrafi 7a, 7b u 7c li ġejjin:

“7a. Meta l-AETS tkun għadha ma ddeterminatx il-gradazzjoni ta’ CCP jew meta l-AETS tkun iddeterminat li s-CCPs kollha jew uħud minnhom f’pajjiż terz rilevanti jkunu CCPs tal-Grad 1, l-arranġamenti ta’ kooperazzjoni msemmi fil-paragrafu 7 għandhom iqisu r-riskju li jinvolvi l-forniment ta’ servizzi tal-ikklerjar minn dawk is-CCPs u għandhom jispeċifikaw:

- (a) il-mekkaniżmu għall-iskambju ta’ informazzjoni fuq bażi annwali bejn l-AETS, il-banek ċentrali tal-ħruġ imsemmija fil-paragrafu 3, il-punt (f), u l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi kkonċernati, sabiex l-AETS tkun

tista':

- (i) tiżgura li s-CCP tikkonforma mal-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent skont il-paragrafu 2;
 - (ii) tidentifika kwalunkwe impatt materjali potenzjali fuq il-likwidità tas-suq jew l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha; u
 - (iii) timmonitorja l-attivitajiet tal-ikklerjar f'wieħed jew aktar mis-CCPs stabbiliti f'tali pajjiż terz minn membri tal-ikklerjar stabbiliti fl-Unjoni, jew parti minn grupp soġġett għal superviżjoni konsolidata fl-Unjoni.
- (b) b'mod eċċezzjonali, il-mekkaniżmu għall-iskambju tal-informazzjoni fuq bażi trimestrali li jitlob informazzjoni dettaljata li tkopri l-aspetti msemmija fil-paragrafu 2a, ***kif ukoll il-mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi tas-suq li jaf ikollhom konsegwenzi għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni***, u b'mod partikolari informazzjoni dwar bidliet sinifikanti fil-mudelli u l-parametri tar-riskju, dwar l-estensjoni tal-attivitajiet u s-servizzi tas-CCPs u dwar il-bidliet fl-istruttura tal-kont tal-klijent, bil-għan li jiġi identifikat jekk CCP hijiex potenzjalment qrib li ssir jew potenzjalment x'aktarx li ssir sistemikament importanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha.
- (c) il-mekkaniżmu għal notifika fil-pront lill-AETS meta awtorità kompetenti ta' pajjiż terz tqis li CCP li tkun taħt is-superviżjoni tagħha tkun qiegħda tikser il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tagħha jew ta' liġi oħra li għaliha tkun soġġetta;
- (ca) il-mekkaniżmu għal notifika fil-pront lill-AETS mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz fejn is-CCP tal-pajjiż terz ikollha l-intenzjoni li testendi u tnaqqas l-attivitajiet u s-servizzi tagħha;***
- (d) il-proċeduri neċessarji għall-monitoraġġ effettiv tal-iżviluppi regolatorji u superviżorji f'pajjiż terz;
- (e) il-proċeduri għal awtoritajiet ta' pajjiżi terzi sabiex ***jinformaw lill-AETS, lill-kulleġġ tas-CCPs ta' pajjiżi terzi msemmi fl-Artikolu 25c u lill-banek***

ċentrali tal-ħruġ imsemmija fil-paragrafu 3, il-punt (f), mingħajr dewmien bla bżonn bi kwalunkwe sitwazzjoni ta' emerġenza relatata ma' CCP rikonoxxuta, inklużi żviluppi fis-swieq finanzjarji, li jaf ikollhom effett negattiv fuq il-likwidità tas-suq u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Unjoni jew f'wieħed mill-Istati Membri tagħha u l-proċeduri u l-pjanijiet ta' kontinġenza għall-indirizzar ta' tali sitwazzjonijiet;

- (f) il-proċeduri għal awtoritajiet ta' pajjiżi terzi sabiex jiżguraw l-infurzar effettiv tad-deċiżjonijiet adottati mill-AETS f'konformità mal-Artikoli 25f, 25j, 25k(1), il-punt (b), 25l, 25m u 25p;
- (g) il-kunsens tal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi għall-kondiviżjoni suċċessiva ta' kwalunkwe informazzjoni li jkunu pprovdew lill-AETS skont l-arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 3 u mal-membri tal-kulleġġ tas-CCPs ta' pajjiżi terzi, soġġett għar-rekwiżiti ta' segretezza professjonali stabbiliti fl-Artikolu 83.

7b. Meta l-AETS tkun iddeterminat li mill-anqas CCP waħda f'pajjiż terz rilevanti tkun CCP tal-Grad 2, l-arranġamenti ta' kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 7 għandhom jispeċifikaw b'rabta ma' dawk is-CCPs tal-Grad 2 mill-anqas dawn li ġejjin:

- (a) l-elementi msemmija fil-paragrafu 7a, il-punti (a), (c), (d), (e) u (g), meta l-arranġamenti ta' kooperazzjoni ma jkunux diġà stabbiliti mal-pajjiż terz rilevanti skont it-tieni subparagrafu;
- (b) il-mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni fuq bażi ta' **mill-anqas** kull xahar, **jekk ikun il-każ**, bejn l-AETS, il-banek ċentrali tal-ħruġ imsemmija fil-paragrafu 3, il-punt (f), u l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi kkonċernati, inkluż l-aċċess għall-informazzjoni kollha mitluba mill-AETS sabiex tiġi żgurata l-konformità tas-CCP mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2b;
- (c) il-proċeduri li jikkonċernaw il-koordinazzjoni ta' attivitajiet superviżorji, inkluż il-qbil tal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi sabiex jippermettu investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post f'konformità mal-Artikoli 25g u 25h, rispettivament;

(d) il-proċeduri għall-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi sabiex jiżguraw l-infurzar effettiv tad-deċiżjonijiet adottati mill-AETS f'konformità mal-Artikoli 25b, 25f sa 25m, 25p u 25q;

(e) il-proċeduri għal awtoritajiet ta' pajjiżi terzi sabiex:

(i) jikkonsultaw lill-AETS dwar it-tħejjija tal-pjanijiet ta' rkupru u tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' aspetti rilevanti għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha;

(ii) jinformaw minnufih lill-AETS dwar l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' rkupru u pjanijiet ta' riżoluzzjoni u kwalunkwe bidla materjali sussegwenti f'tali pjanijiet fir-rigward ta' aspetti rilevanti għall-Unjoni jew għal wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha;

(iii) jinformaw minnufih lill-AETS jekk CCP tal-Grad 2 ikollha l-ħsieb li tattiva l-pjan ta' rkupru tagħha jew meta l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi jkunu ddeterminaw li hemm indikazzjonijiet ta' sitwazzjoni ta' kriżi emerġenti li tista' taffettwa l-operazzjonijiet ta' dik is-CCP, b'mod partikolari, il-kapaċità tagħha li tipprovdi servizzi tal-ikklerjar jew meta l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi jipprevedu li jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni fil-futur qrib.

7c. Meta l-AETS tqis li awtorità kompetenti ta' pajjiż terz tonqos milli tapplika kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet stabbiliti f'arranġament ta' kooperazzjoni stabbilit f'konformità mal-paragrafi 7, 7a u 7b, hija għandha tinforma lill-Kummissjoni b'dan b'mod kunfidenzjali u mingħajr dewmien. F'każ bħal dan, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirrieżamina l-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-paragrafu 6.”;

(21a) fl-Artikolu 25a, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. CCP imsemmija fl-Artikolu 25(2b) tista' tippreżenta talba motivata biex l-AETS tivvaluta jekk fil-konformità tagħha mal-qafas applikabbli ta' pajjiż terz, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-att ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-Artikolu 25(6), dik is-CCP tistax titqies bħala konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 t- Titoli IV u V. L-AETS għandha tibgħat minnufih it-talba lill-kulleġġ tas-CCPs tal-pajjiż terz.

2. *It-talba msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tforni bażi fattwali għall-konstatazzjoni ta' komparabbiltà u r-raġunijiet għalfejn il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli fil-pajjiż terz tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 u t-Titoli IV u V. Is-CCP tal-Grad 2 għandha tippreżenta t-talba motivata tagħha msemmija fil-paragrafu 1 f'format elettroniku permezz tal-bażi tad-data ċentrali msemmi fl-Artikolu 17c.*

L-AETS għandha tagħti konformità komparabbli, b'mod parzjali jew totali, meta tiddeċiedi, abbażi tat-talba motivata ppreżentata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, li s-CCP tal-Grad 2 fil-konformità tagħha mar-rekwiżiti rilevanti applikabbli fil-pajjiż terz titqies konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 u t-Titoli IV u V u b'hekk tissodisfa r-rekwiżit għal rikonoxximent skont l-Artikolu 25(2b)(a).

L-AETS għandha tirtira, b'mod totali jew fir-rigward ta' rekwiżit partikolari, il-konformità komparabbli, meta s-CCP tal-Grad 2 ma tibqax tirrispetta l-kundizzjonijiet għall-konformità komparabbli u meta tali CCP ma tkunx ħadet azzjoni ta' rimedju mitluba mill-AETS fi żmien perjodu stabbilit. Meta tkun qed tiddetermina d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-irtirar il-konformità komparabbli, l-AETS għandha tagħmel ħilitha biex tipprevedi perjodu ta' adattament adegwat li ma għandux ikun aktar minn sitt xhur.

Jekk tingħata l-konformità komparabbli, l-AETS għandha tkompli tkun responsabbli mill-qadi ta' dmirijietha u twettaq il-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament, anki skont l-Artikoli 25 u 25b, u għandha tkompli teżerċita s-setgħat tagħha msemmija fl-Artikoli 25c sa 25d, 25f sa 25m u 25p sa 25r.

Mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tal-AETS li twettaq dawk il-kompiti, jekk tkun ingħata konformità komparabbli, l-AETS għandha taqbel fuq arranġamenti amministrattivi mal-awtorità tal-pajjiż terz ħalli tiżgura skambju ta' informazzjoni xierqa u kooperazzjoni bil-għan li l-AETS timmonitorja l-konformità komparabbli fuq bażi kontinwa.”

(22) fl-Artikolu 25b(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-AETS għandha titlob minn kull CCP tal-Grad 2 dawn kollha li ġejjin:

- (i) konferma, mill-anqas fuq bażi annwali, li r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 25(2b) il-punti (a), (c) u (d), għadhom qegħdin jiġu ssodisfati;
- (ii) informazzjoni u data fuq bażi regolari sabiex jiġi żgurat li l-AETS tkun tista’ twettaq superviżjoni tal-konformità ta’ daww is-CCPs mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 25(2b), il-punt (a).”;

(22a) L-Artikolu 25f huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. L-AETS tista’ titlob li s-CCPs rikonoxxuti u l-partijiet terzi relatati li lilhom daww is-CCPs ikunu esternalizzaw funzjonijiet jew attivitajiet operazzjonali biex ifornu l-informazzjoni kollha neċessarja biex l-AETS tkun tista’ taqdi dmirijietha skont dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista’ tkun ta’ natura perjodika jew ta’ darba.

3. Meta titlob li tingħata informazzjoni skont il-paragrafu 1, l-AETS għandha tindika dan kollu li ġej:

(a) ir-referenza għal dan l-Artikolu bħala l-baży ġuridika tat-talba;

(b) il-fini tat-talba;

(c) l-informazzjoni meħtieġa;

(d) it-terminu sa liema għandha tiġi fornuta l-informazzjoni;

(e) meta l-informazzjoni tkun ta’ natura perjodika, il-perjodiċità li fiha għandha tiġi fornuta l-informazzjoni;

(f) il-pagamenti perjodiċi ta’ penali previsti fl-Artikolu 25k meta l-produzzjoni tal-informazzjoni mitluba ma tkunx kompluta;

(g) il-multa prevista fl-Artikolu 25j flimkien mal-punt (a) tat-Taqsima V tal-Anness III, imposta meta ma tingħatax l-informazzjoni meħtieġa jew meta t-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru ma jkunux korretti jew ikunu qarrieqa;

4. Il-persuni msemmijin fil-paragrafu 1 jew ir-rappreżentanti tagħhom u, fil-każ ta' persuni ġuridiċi jew assoċjazzjonijiet li ma għandhomx personalità ġuridika, il-persuni awtorizzati biex jirrapreżentawhom bil-liġi jew mill-kostituzzjoni tagħhom, għandhom ifornu l-informazzjoni mitluba. L-avukati debitament inkarigati li jfornu l-informazzjoni għall-klijenti tagħhom. Dawk il-klijenti għandhom jibqgħu responsabbli għalkollox jekk l-informazzjoni fornuta ma tkunx kompleta, korretta jew tkun qarrieqa.

5. L-AETS għandha tibgħat, mingħajr dewmien, kopja tat-talba lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz rilevanti fejn huma domiċiljati jew stabbiliti l-persuni msemmijin fil-paragrafu 1 ikkonċernati mit-talba għall-informazzjoni.”

(22b) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu25fa

Rapportar perjodiku minn CCPs ta' pajjiżi terz

1. Is-CCPs rikonoxxuti għandhom jirrapportaw lill-AETS l-ambitu tal-attività tal-ikklerjar tagħhom fuq bażi annwali, filwaqt li jispeċifikaw mill-anqas dan kollu li ġej:

- (a) it-tip ta' strumenti finanzjarji jew ta' kuntratti mhux finanzjarji kklerjati;
- (b) il-valuri, il-volumi u l-marġnijiet li ddaħħlu fuq perjodu ta' sena għal kull munita u għal kull klassi ta' assi;
- (c) il-fatturat globali annwali tagħhom li jirriżulta mis-servizzi tal-ikklerjar ipprovduti;
- (d) ċifri aġġornati rigward l-indikaturi tal-iskopertura minima msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1303;
- (e) għal kull membru tal-ikklerjar stabbilit fl-Unjoni jew parti minn grupp soġġett għal superviżjoni konsolidata fl-Unjoni:
 - (i) l-ammont ta' marġnijiet miġbura;
 - (ii) il-kontribuzzjonijiet għal fond tal-inadempjenza;
 - (iii) l-akbar obligazzjoni ta' pagament;

(iv) *l-ammont ta' riżorsi finanzjarji likwidi totali impenjati għas-CCP. 2. L-AETS għandha tibgħat dik l-informazzjoni lill-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 23c.*

3. *L-AETS għandha, wara li tikkonsulta lill-BERS u lis-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettall u t-tip ta' rapporti kif ukoll il-metodi u l-arranġamenti għar-rapportar tal-informazzjoni li għandha tingħata f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tqis liema informazzjoni hija diġà disponibbli għall-AETS skont il-qafas ta' rapportar eżistenti, inkluż skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament.*

L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. *Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2, l-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, li jispeċifikaw l-istandards u l-formati tad-data għall-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata.*

Hija u tiżviluppa dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni, l-AETS għandha tqis l-iżviluppi u l-istandards internazzjonali miftiehma fil-livell tal-Unjoni jew dinji, u l-konsistenza tagħhom mar-rekwiżiti tar-rapportar stabbiliti fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament.

L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(23) *l-Artikolu 25p(1) huwa emendat kif ġej:*

(a) *il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“(c) is-CCP ikkonċernata tkun kisret b'mod serju u sistematiku kwalunkwe rekwiżit applikabbli stabbilit f'dan ir-Regolament jew ma tkunx għadha konformi mal-ebda kundizzjoni għar-rikonoxximent stabbilita fl-Artikolu 25 u ma tkunx ħadet l-azzjoni ta' rimedju mitluba mill-AETS f'perjodu ta' żmien xieraq sa massimu ta' sena.”;

(b) *jiżdied il-punt li ġej:*

“(f) is-CCP ikkonċernata ma tkunx hallset it-tariffi applikabbli f'konformità mal-Artikolu 25d ma tkunx irrimedjat is-sitwazzjoni f'perjodu ta' żmien xieraq stabbilit mill-AETS.”;

(24) *jiddaħħal l-Artikolu 25r li ġej:*

“Article 25r

Avviż pubbliku

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 25p u 25q, l-AETS tista' toħroġ avviż pubbliku meta jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) CCP ta' pajjiż terz ma tkunx ħallset it-tariffi dovuti skont l-Artikolu 25d jew ma tkunx ħallset il-multi dovuti skont l-Artikolu 25j jew il-pagamenti tal-penali perjodiċi dovuti skont l-Artikolu 25k;
- (b) is-CCP ma tkunx ħadet l-ebda azzjoni ta' rimedju mitluba mill-AETS fi kwalunkwe sitwazzjoni stabbilita fl-Artikolu 25p(1), il-punt (c), f'perjodu ta' żmien stabbilit b'mod xieraq sa sitt xhur.”;

(25) *fl-Artikolu 26(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“1. CCP għandu jkollha arranġamenti ta' governanza robusti, li jinkludu struttura organizzattiva ċara b'linji ta' responsabbiltà definiti sewwa, trasparenti u konsistenti, proċessi effettivi sabiex tidentifika, tiġġestixxi, timmonitorja u tirrapporta r-riskji li għalihom hija esposta jew li għalihom tista' tkun esposta, u mekkaniżmi ta' kontroll

intern adegwati, inklużi proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi sodi. ***Mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti ta' interoperabbiltà jew għall-attivitajiet ta' investiment għall-finijiet tal-Artikolu 47, CCP ma għandhiex tkun jew issir membru tal-ikklerjar, klijent, jew tistabbilixxi arranġamenti tal-ikklerjar indiretti ma' membru tal-ikklerjar bil-għan li twettaq attivitajiet ta' klerjar f'CCP.***”;

(25a) fl-Artikolu 26, il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“8. Is-CCP għandha tkun soġġetta għal verifiki frekwenti u indipendenti. Ir-riżultati ta' dawk il-verifiki għandhom ikunu komunikati lill-bord u għandhom isiru disponibbli għall-AETS u għall-awtorità kompetenti tas-CCP.”

(25b) L-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“2a. Il-kompożizzjoni tal-Bord tas-CCP għandha tqies b'mod xieraq il-prinċipju tal-bilanċ bejn il-ġeneri”;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. CCP għandha tiddetermina b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabilitajiet tal-bord u għandha tagħmel il-minuti tal-laqgħat tal-bord disponibbli għall-AETS, għall-awtorità kompetenti tas-CCP u għall-awdituri.”;

(25c) L-Artikolu 28 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 28

Kumitat tar-riskju

1. CCP għandha tistabbilixxi kumitat tar-riskju, li għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-membri tal-ikklerjar tagħha, membri indipendenti tal-bord u rappreżentanti tal-klijenti tagħha. Il-kumitat tar-riskju jista' jistieden lill-impjegati tas-CCP u lil esperti indipendenti esterni biex jattendu laqgħat tal-kumitat tar-riskju f'kapaċità mingħajr id-dritt tal-vot. L-AETS u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu li jattendu l-laqgħat tal-kumitat tar-riskju f'kapaċità mingħajr id-dritt tal-vot u li

jkunu infurmati kif xieraq bl-attivitajiet u bid-deċiżjonijiet tal-kumitat tar-riskju. Il-parir tal-kumitat tar-riskju għandu jkun indipendenti minn kwalunkwe influwenza diretta mill-maniġment tas-CCP. L-ebda mill-gruppi ta' rappreżentanti m'għandu jkollhom maġġoranza fil-kumitat tar-riskju.

2. CCP għandha b'mod ċar tiddetermina l-mandat, l-arranġamenti ta' governanza sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tagħha, il-proċeduri operattivi, il-kriterji tal-ammissjoni u l-mekkaniżmu li bih jiġu eletti l-membri tal-kumitat tar-riskju. L-arranġamenti tal-governanza għandhom ikunu pubblikament disponibbli u għandhom, mill-inqas, jiddeterminaw li l-kumitat tar-riskju jkun ippresedut minn membru tal-bord indipendenti, jirrapporta direttament lill-bord u jżomm laqgħat regolari.

3. Il-kumitat tar-riskju għandu jagħti pariri lill-bord dwar kwalunkwe arranġament li jista' jħalli impatt fuq il-ġestjoni tar-riskji tas-CCP, bħal bidla sinifikanti fil-mudell tar-riskju tagħha, il-proċeduri ta' inadempjenza, il-kriterji sabiex jiġu aċċettati l-membri tal-ikklijar, l-ikklijar ta' klassijiet ġodda ta' strumenti jew l-esternalizzazzjoni tal-funzjonijiet. Il-kumitat tar-riskju għandu jgħarraf lill-bord fil-ħin dwar kwalunkwe riskju li jaffettwa r-reżiljenza tas-CCP. Il-pariri tal-kumitat tar-riskju mhumiex meħtieġa għall-operazzjonijiet ta' kuljum tas-CCP. Għandhom isiru sforzi raġonevoli sabiex issir konsultazzjoni mal-kumitat tar-riskju dwar l-iżviluppi li jħallu impatt fuq il-ġestjoni tar-riskji tas-CCP f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, inkluż dwar l-iżviluppi li huma rilevanti għall-iskoperturi tal-membri tal-ikklijar għas-CCP u l-interdipendenzi ma' CCPs oħrajn.

4. Mingħajr preġudizzjoni għad-dritt tal-AETS u tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu infurmati kif dovut, il-membri tal-kumitat tar-riskju għandhom ikunu marbuta bil-kunfidenzjalità. Meta l-president tal-kumitat tar-riskju jiddetermina li membru effettivament jew potenzjalment għandu kunflitt ta' interess fuq kwistjoni partikolari, dak il-membri ma għandux jitħalla jivvota fuq dik il-kwistjoni.

5. CCP għandha tgħarraf minnufih lill-AETS, lill-awtorità kompetenti u lill-kumitat tar-riskju bi kwalunkwe deċiżjoni meta l-bord jiddeċiedi li ma jsegwix il-pariri tal-kumitat tar-riskju u tispjega tali deċiżjoni. Il-kumitat tar-riskju jew kwalunkwe

membru tal-kumitat tar-riskju jista' jgħarraf lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe qasam meta jqis li l-pariri tal-kumitat tar-riskju ma ġewx segwiti.”;

(25e) *L-Artikolu 30 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“Artikolu 30

Azzjonisti u membri b'parteċipazzjoni kwalifikatorja

- 1. L-AETS ma għandhiex tawtorizza CCP sakemm ma tkunx ġiet infurmata bl-identitajiet tal-azzjonisti jew tal-membri, sew jekk diretti jew indiretti, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li għandhom parteċipazzjoni kwalifikatorja u bl-ammonti ta' dawn il-parteċipazzjonijiet.*
- 2. L-AETS għandha tirrifjuta li tawtorizza CCP meta ma tkunx sodisfatta bl-idoneità tal-azzjonisti jew tal-membri li għandhom parteċipazzjonijiet kwalifikatorji fis-CCP, meta tikkunsidra l-bżonn li jiġi żgurat l-immaniġjar sod u prudenti ta' CCP.*
- 3. Meta jeżistu konnessjonijiet mill-qrib bejn is-CCP u persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra, l-AETS għandha tagħti awtorizzazzjoni biss meta daww il-konnessjonijiet ma jipprevjenux l-eżerċizzju effikaċi tal-funzjonijiet superviżorji tal-awtorità kompetenti.*
- 4. Meta l-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jeżerċitaw influwenza li aktarx li tkun ta' preġudizzju għall-immaniġjar sod u prudenti tas-CCP, l-AETS għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex ittemm din is-sitwazzjoni, liema azzjoni tista' tinkludi l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tas-CCP.*
- 5. L-AETS għandha tirrifjuta l-awtorizzazzjoni meta l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' pajjiż terz li jirregolaw persuna/i fiżika/ċi jew ġuridika/ċi li magħha/hom is-CCP ikollha konnessjonijiet mill-qrib, jew diffikultajiet involuti fl-infurzar tagħhom, jipprevjenu l-eżerċizzju effikaċi tal-funzjonijiet superviżorji tal-AETS.”;*

(26) *l-Artikolu 31 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“Artikolu 31

Informazzjoni lill-AETS u lill-awtoritajiet kompetenti

1. CCP għandha tinnotifika lill-AETS u lill-awtorità kompetenti tagħha bi kwalunkwe bidla fil-maniġment tagħha, u għandha tforni lill-AETS l-informazzjoni meħtieġa kollha sabiex tiġi vvalutata l-konformita' mal-Artikolu 27(1) u mal-Artikolu 27(2), it-tieni subparagrafu.

Meta l-komportament ta' membru tal-bord aktarx li jkun ta' preġudizzju għall-immaniġġjar sod u prudenti tas-CCP, l-AETS għandha tieħu l-miżuri xierqa, li jistgħu jinkludu t-tneħħija ta' dak il-membru mill-bord.

2. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika jew dawk il-persuni li jaġixxu flimkien ("l-akkwiredent propost"), li ħadu deċiżjoni li jiksbu, direttament jew indirettament, parteċipazzjoni kwalifikatorja f'CCP jew li jkomplu jżidu, direttament jew indirettament, tali parteċipazzjoni kwalifikatorja f'CCP li b'konsegwenza ta' dan il-proporzjon tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital miżmum jilħaq jew jeċċedi 10 %, 20 %, 30 % jew 50 % jew b'tali mod li s-CCP issir is-sussidjarja ("l-akkwiżizzjoni proposta"), għandhom l-ewwel jinnotifikaw bil-miktub lill-AETS u lill-awtorità kompetenti tas-CCP li fiha qed ifittxu li jiksbu jew iżidu parteċipazzjoni kwalifikatorja, filwaqt li jindikaw id-daqs tal-parteċipazzjoni intiża u l-informazzjoni rilevanti, kif imsemmi fl-Artikolu 32(4).

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun ħadet deċiżjoni li tiddisponi, direttament jew indirettament, minn parteċipazzjoni kwalifikatorja f'CCP ("il-bejgiegħ propost") għandha l-ewwel tinnotifika lill-awtorità kompetenti bil-miktub dwarha, u tindika d-daqs ta' din il-parteċipazzjoni. Tali persuna għandha bl-istess mod tinnotifika lill-AETS u lill-awtorità kompetenti meta tkun ħadet deċiżjoni għattnaqqis ta' parteċipazzjoni kwalifikatorja sabiex il-proporzjon tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital jaqa' taħt 10 %, 20 %, 30 % jew 50 % jew b'tali mod li s-CCP ma tibqax tkun sussidjarja ta' dik il-persuna.

L-AETS għandha, minnufih u fi kwalunkwe każ fi żmien jumejn tax-xogħol wara li tirċievi n-notifika msemmija f'dan il-paragrafu, u tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, tirrikonoxxi l-irċevuta bil-miktub lill-akkwiredent propost jew lill-bejgiegħ u tikkondividi l-informazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-kulleġġ.

Fi żmien 60 jum tax-xogħol mid-data tar-rikonoxximent bil-miktub tal-irċevuta tan-notifika u d-dokumenti kollha meħtieġa li jridu jinhemżu man-notifika fuq il-bażi tal-lista msemmija fl-Artikolu 32(4) u sakemm dan ma jiġix estiż f'konformità ma' dan l-Artikolu, ("il-perjodu ta' valutazzjoni"), l-AETS għandha twettaq il-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 32(1) ("il-valutazzjoni"). Il-kulleġġ għandu joħroġ opinjoni skont l-Artikolu 19 f'konformità mal-proċedura skont l-Artikolu 17b matul il-perjodu ta' valutazzjoni.

3. L-awtorità kompetenti, l-AETS u l-kulleġġ jistgħu, matul il-perjodu ta' valutazzjoni, fejn ikun meħtieġ, iżda mhux aktar tard mill-50 jum tax-xogħol tal-perjodu ta' valutazzjoni, jitolbu kwalunkwe informazzjoni ulterjuri li tkun meħtieġa sabiex titlesta l-valutazzjoni. Din it-talba għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

Il-perjodu ta' valutazzjoni għandu jkun interrott għall-perjodu bejn id-data tat-talba għall-informazzjoni mill-AETS u l-irċevuta ta' risposta għaliha mill-akkwirent propost. L-interruzzjoni ma għandhiex teċċedi 20 jum tax-xogħol. Kwalunkwe talba oħra mill-awtorità kompetenti għat-tlestija jew għall-kjarifika tal-informazzjoni għandhom ikunu fid-diskrezzjoni tagħha iżda ma jistgħux jirriżultaw f'interruzzjoni tal-perjodu ta' valutazzjoni.

4. L-AETS tista' testendi l-interruzzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 sa 30 jum tax-xogħol meta l-akkwirent propost jew il-bejgiegħ ikun:

(a) jinsab jew hu rregolat barra l-Unjoni;

(b) persuna fiżika jew ġuridika mhux soġġetta għal superviżjoni skont dan ir-Regolament jew id-Direttiva 73/239/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma assigurazzjoni diretta barra minn assigurazzjoni tal-ħajja (17) jew id-Direttivi 2002/83/KE, 2003/41/KE, 2004/39/KE, 2005/68/KE, 2006/48/KE, 2009/65/KE jew 2011/61/UE.

5. Meta l-AETS, mat-tlestija tal-valutazzjoni, tiddeċiedi li toponni l-akkwiżizzjoni proposta, għandha fi żmien jumejn tax-xogħol, u mingħajr ma taqbeż il-perjodu ta'

valutazzjoni, tinforma lill-akkwirent propost bil-miktub u tipprovdi r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni. L-AETS għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti u lill-kulleġġ msemmi fl-Artikolu 18 b'dan. Soġġett għad-dritt nazżjonali, dikjarazzjoni xierqa tar-raġunijiet għad-deċiżjoni tista' ssir aċċessibbli għall-pubbliku fuq talba tal-akkwirent propost. Madankollu, l-AETS tista' tagħmel tali divulgazzjoni fin-nuqqas ta' talba mill-akkwirent propost.

6. Meta l-AETS ma topponix l-akkwiżizzjoni proposta fi żmien il-perjodu tal-valutazzjoni, din għandha titqies li ġiet approvata.

7. L-AETS tista' tiffisa perjodu massimu għall-konklużjoni tal-akkwiżizzjoni proposta u testendih sa fejn dan ikun xieraq.”

█

█

(27) fl-Artikolu 32(1), ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti dwar in-notifika prevista fl-Artikolu 31(2) u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31(3) għandha tkun soġġetta għal opinjoni tal-kulleġġ skont l-Artikolu 19 u opinjoni mill-AETS skont l-Artikolu 24a(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (bc), maħruġa f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17b.”;

(27a) l-Artikolu 32 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 32

Valutazzjoni

“1. Fil-valutazzjoni tan-notifika prevista fl-Artikolu 31(2) u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31(3), l-AETS għandha, sabiex tiżgura l-immaniġġjar sod u prudenti tas-CCP li fiha hu propost l-akkwist, u wara li tikkunsidra l-influenza probabbli tal-akkwirent propost fuq is-CCP, tevalwa l-idoneità tal-akkwirent propost u s-sodezza finanzjarja tal-akkwiżizzjoni proposta skont dawn kollha li ġejjin:

(a) ir-reputazzjoni u s-sodezza finanzjarja tal-akkwirent propost;

- (b) *ir-reputazzjoni u l-esperjenza ta' kwalunkwe persuna li se tidderieġi n-negozju tas-CCP b'konsegwenza tal-akkwiżizzjoni proposta;*
- (c) *jekk is-CCP hix se tkun kapaċi tikkonforma u tkompli tikkonforma ma' dan ir-Regolament;*
- (d) *jekk ikunx hemm motivi raġonevoli biex wieħed jissuspetta li, f'rabta mal-akkwist propost, sar, qed isir jew hemm tentattivi biex isir ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu fit-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/60/KE, jew li l-akkwist propost jista' jżid ir-riskju ta' kondotta bħal din.*

Fil-valutazzjoni tas-sodezza finanzjarja tal-akkwirent propost, l-AETS għandha tagħti attenzjoni partikolari lit-tip ta' negozju segwit u previst fis-CCP li fiha tkun proposta l-akkwiżizzjoni.

Meta tiġi vvalutata l-abilità tas-CCP li tikkonforma ma' dan ir-Regolament, l-AETS għandha tagħti attenzjoni partikolari lil jekk il-grupp li minnha se ssir parti għandux struttura li tagħmilha possibbli li tiġi eżerċitata superviżjoni effikaċi, li effettivament tiġi skambjata informazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti u li tiġi ddeterminata l-allokkazzjoni tar-responsabilitajiet fost l-awtoritajiet kompetenti.

Il-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti fir-rigward tan-notifika prevista fl-Artikolu 31(2) u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31(3), għandhom ikunu soġġetti għal opinjoni tal-kulleġġ skont l-Artikolu 19.

2. L-AETS tista' topponi l-akkwiżizzjoni proposta biss meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli għalxiex tagħmel dan fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 jew meta l-informazzjoni pprovduta mill-akkwirent propost ma tkunx kompleta.

3. L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda kundizzjoni preċedenti fir-rigward tal-livell ta' parteċipazzjoni li għandu jiġi akkwistat.

4. L-AETS għandha tagħmel pubblikament disponibbli lista li tispeċifika l-informazzjoni li hi meħtieġa għat-twettiq tal-valutazzjoni u li għandha tiġi pprovduta lill-AETS u lill-awtoritajiet kompetenti fiż-żmien tan-notifika msemmija fl-Artikolu 31(2). L-informazzjoni meħtieġa għandha tkun proporzjonali u għandha tkun adattata għan-natura tal-akkwirent propost u tal-akkwiżizzjoni proposta. L-

AETS ma għandhiex tirrikjedi informazzjoni li ma tkunx rilevanti għal valutazzjoni prudenzjali.

5. Minkejja l-Artikolu 31(2), (3) u (4), meta żewġ proposti jew iżjed għall-akkwist jew għaż-żieda ta' parteċipazzjonijiet kwalifikatorji fl-istess CCP ikunu ġew notifikati lill-AETS u lill-awtorità kompetenti, din tal-aħħar għandha titratta l-akkwirenti proposti b'mod mhux diskriminatorju.

6. L-AETS u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jikkooperaw mill-viċin ma' xulxin għat-twettiq tal-valutazzjoni meta l-akkwirent propost ikun wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) CCP oħra, istituzzjoni tal-kreditu, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investment, operatur tas-suq, operatur ta' sistema tas-saldu tat-titoli, kumpanija maniġerjali UCITS jew AIFM awtorizzata fi Stat Membru ieħor;

(b) l-impriża prinċipali ta' CCP oħra, istituzzjoni tal-kreditu, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investment, operatur tas-suq, operatur ta' sistema tas-saldu tat-titoli, kumpanija maniġerjali UCITS jew AIFM awtorizzata fi Stat Membru ieħor;

(c) persuna fiżika jew ġuridika li tikkontrolla CCP oħra, istituzzjoni tal-kreditu, impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni, ditta tal-investment, operatur tas-suq, operatur ta' sistema tas-saldu tat-titoli, kumpanija maniġerjali UCITS jew AIFM awtorizzata fi Stat Membru ieħor.

7. L-AETS u l-awtoritajiet kompetenti għandhom, mingħajr dewmien mhux dovut, ifornu lil xulxin kwalunkwe informazzjoni li hi essenzjali għall-valutazzjoni. L-AETS u l-awtoritajiet kompetenti għandhom, fuq talba, jikkomunikaw l-informazzjoni rilevanti kollha lil xulxin u għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni kollha essenzjali fuq inizzjattiva tagħhom. Deċiżjoni tal-AETS li tawtorizza s-CCP li fiha tkun proposta l-akkwiżizzjoni għandha tindika kwalunkwe fehmiet jew riżervi espressi mill-AETS jew mill-awtorità kompetenti responsabbli għall-akkwirent propost.

(28) L-Artikolu 35 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
“CCP ma għandhiex testernalizza attivitajiet maġġuri marbuta mal-ġestjoni tar-riskju, sakemm tali esternalizzazzjoni ma tkunx approvata *mill-AETS*. Id-deċiżjoni *tal-AETS* għandha tkun soġġetta għal opinjoni tal-kulleġġ skont l-Artikolu 19 f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17b.”;

(aa) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-AETS għandha tirrikjedi li s-CCP talloka u tistabbilixxi b'mod ċar id-drittijiet u l-obbligi tagħha, u dawk tal-fornitur tas-servizzi, f'i ftehim bil-miktub.”

- (b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
“3. CCP għandha tagħmel l-informazzjoni kollha meħtieġa disponibbli, fuq talba, sabiex l-awtorità kompetenti, l-AETS u l-kulleġġ ikunu jistgħu jivvalutaw il-konformità tat-twertiq tal-attivitajiet esternalizzati ma' dan ir-Regolament.”;

(ba) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

“4. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti ta' dan l-Artikolu, l-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti konkreti tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni u l-kriterji li jiddeterminaw l-attivitajiet ewlenin marbuta mal-ġestjoni tar-riskju u ma' funzjonijiet kritiċi oħra tas-CCP f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. L-AETS għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

5. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, l-AETS għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw:

- (a) ***l-informazzjoni minima li għandha tiġi inkluża fil-ftehimiet bil-miktub f'konformità mal-paragrafu 2;***

(b) *it-tip ta' informazzjoni minima li għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità kompetenti u lill-AETS f'konformità mal-paragrafu 3;*

L-AETS għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”

(29) L-Artikolu 37 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. CCP għandha tistabbilixxi, meta rilevanti għal kull tip ta' prodott ikklerjat, il-kategoriji ta' membri tal-ikklerjar ammissibbli u l-kriterji ta' ammissjoni, fuq il-parir tal-kumitat tar-riskju skont l-Artikolu 28(3). Tali kriterji għandhom ikunu mhux diskriminatorji, trasparenti u oġġettivi sabiex jiġi żgurat aċċess ġust u miftuħ għas-CCP u għandhom jiżguraw li l-membri tal-ikklerjar ikollhom biżżejjed riżorsi finanzjarji u kapaċità operazzjonali sabiex jissodisfaw l-obbligi li jinħolqu mill-parteċipazzjoni f'CCP. Il-kriterji li jirrestrinġu l-aċċess għandhom ikunu permessi biss sal-punt li l-għan tagħhom ikun li jikkontrollaw ir-riskju għas-CCP. *Mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti ta' interoperabbiltà jew għall-attivitàjiet ta' investiment għall-finijiet tal-Artikolu 47*, il-kriterji għandhom jiżguraw li s-CCPs jew il-kmamar tal-ikklerjar ma jistgħux ikunu membri tal-ikklerjar, direttament jew indirettament, tas-CCP.”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. CCP għandha taċċetta kontropartijiet mhux finanzjarji bħala membri tal-ikklerjar biss jekk ikunu jistgħu juru li huma kapaċi jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-marġni u l-kontribuzzjonijiet għal fond tal-inadempjenza, inkluż f'kundizzjonijiet tas-suq taħt stress.

L-AETS għandha tirrieżamina b'mod regolari l-arranġamenti stabbiliti minn CCP li taċċetta kontropartijiet mhux finanzjarji bħala membri tal-ikklerjar u tirrapporta lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-kulleġġ dwar l-adeqwatezza

tagħhom.

Kontroparti mhux finanzjarja li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar ma għandhiex titħalla toffri servizzi tal-ikklerjar tal-klijenti u għandha żżomm biss kontijiet fis-CCP għall-assi u l-pożizzjonijiet miżmuma għall-kont proprju tagħha.

L-AETS tista' toħroġ opinjoni jew rakkomandazzjoni dwar l-adegwatezza ta' tali arranġamenti wara rieżami bejn il-pari *ad hoc*.”;

(c) jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:

“7. L-AETS għandha, wara li tkun ikkonsultat mal-ABE ***u mas-SEBĊ***, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar l-elementi li għandhom jitqiesu meta jiġu stabbiliti l-kriterji ta' ammissjoni msemmija fil-paragrafu 1 ***u r-rekwiżiti ta' parteċipazzjoni biex il-kontropartijiet mhux finanzjarji jiġu aċċettati bħala membri tal-ikklerjar f'konformità mal-paragrafu 1a***.

L-AETS għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [PO daħħal data 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010”.

(30) L-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

“Artikolu 38

Trasparenza

“1. CCP u l-membri tal-ikklerjar tagħha għandhom pubblikament jiżvelaw il-prezzijiet u t-tariffi assoċjati mas-servizzi fornuti. Għandhom jiżvelaw il-prezzijiet u t-tariffi ta' kull servizz furnut separatament, inklużi skontijiet u ribassi u l-kundizzjonijiet li jibbenefikaw minn dak it-tnaqqis. CCP għandha tippermetti l-membri tal-ikklerjar tagħha u, meta rilevanti, il-klijenti tagħhom, aċċess separat għas-servizzi speċifiċi fornuti.

CCP għandha tagħti rendikont separat tal-ispejjeż u d-dħul tas-servizzi fornuti u għandha tiżvela dik l-informazzjoni lill-AETS u lill-awtorità kompetenti.

2. CCP għandha tiżvela lill-membri tal-ikklerjar u l-klijenti r-riskji assoċjati mas-servizzi fornuti.

3. CCP għandha tiżvela lill-AETS, lill-membri tagħha tal-ikklerjar u lill-awtorità kompetenti tagħha l-informazzjoni dwar il-prezz użata għall-kalkolu tal-iskoperturi tagħha fi tmiem il-jum lill-membri tal-ikklerjar tagħha.

CCP għandha tiżvela pubblikament il-volumi tat-tranżazzjonijiet ikklerjati għal kull klassi ta' strumenti kklerjata mil-kontroparti ċentrali fuq bażi aggregata.

4. CCP għandha tiżvela pubblikament ir-rekwiżiti operattivi u tekniċi marbutin mal-protokoll tal-komunikazzjoni li jkopru l-format tal-kontenut u tal-messaġġ li tuża fl-interazzjoni ma' terzi, inklużi ir-rekwiżiti operattivi u tekniċi msemmija fl-Artikolu 7.

5. CCP għandha tiżvela pubblikament kull ksur mill-membri tal-ikklerjar tal-kriterji msemmijin fl-Artikolu 37(1) u r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ħliet meta l-AETS, wara li tikkonsulta mal-awtorità kompetenti, tikkunsidra li żvelar ta' dan it-tip ikun jikkostitwixxi theddida għall-istabbiltà finanzjarja jew il-fiduċja tas-suq jew jipperikola serjament is-swieq finanzjarji jew jikkawża danni sproporzjonati lill-partijiet involuti.

6. CCP għandha tipprovdi għodda ta' simulazzjoni lill-membri tal-ikklerjar tagħha li tippermettilhom jiddeterminaw l-ammont tal-marġini inizjali addizzjonali, fil-livell ta' portafoll, li s-CCP tista' tirrikjedi mal-ikklerjar ta' tranżazzjoni ġdida, inkluża s-simulazzjoni tar-rekwiżiti tal-marġini li jaf ikunu suġġetti għalihom f'xenarji differenti. Dik l-għodda għandha tkun aċċessibbli biss għall-membri tal-ikklerjar fuq bażi ta' aċċess sigur, u r-riżultati tas-simulazzjoni ma għandhomx ikunu vinkolanti.

7. CCP għandha tforni lill-membri tal-ikklerjar tagħha informazzjoni dwar il-mudelli tal-marġini li tuża b'mod ċar u trasparenti. Dik l-informazzjoni għandha:

(a) tispjega b'mod ċar id-disinn tal-mudell tal-marġini u kif jaħdem;

(b) tiddekrivi b'mod ċar is-suppożizzjonijiet u l-limitazzjonijiet ewlenin tal-mudell tal-marġini u ċ-ċirkostanzi li fihom dawn is-suppożizzjonijiet ma jkunux iżjed validi;

(c) tkun iddokumentata.

8. “Il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar għandhom jinformat lill-klijenti tagħhom b’mod ċar u trasparenti dwar il-mod kif jaħdmu l-mudelli tal-marġni tas-CCP, inkluż f’*sitwazzjonijiet ta’ stress*, u jipprovduhom *aċċess għal simulazzjoni tar-rekwiżiti tal-marġni li jaf ikunu* soġġetti għalihom f’*xenarji differenti, abbażi tal-għodda ta’ simulazzjoni fornuta mis-CCP imsemmija fil-paragrafu 6. Il-membri tal-ikklerjar għandhom jiżguraw li s-simulazzjoni tinkludi* kemm il-marġnijiet meħtieġa mis-CCP kif ukoll kwalunkwe marġni addizzjonali meħtieġ mill-membri tal-ikklerjar u mill-klijenti li jipprovdu s-servizzi tal-ikklerjar infushom.”;

CCP għandha tforni lill-membri tal-ikklerjar tagħha kwalunkwe informazzjoni li jirrikjedu biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet skont l-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, sakemm dik l-informazzjoni ma tkunx diġà fornuta skont id-dispożizzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafi 1 sa 7 ta’ dan l-Artikolu. Fuq talba minn wieħed mill-membri tal-ikklerjar tagħha, is-CCP għandha tibgħat dik l-informazzjoni mingħajr dewmien.

“9. Il-membri tal-ikklerjar tas-CCP u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar għandhom jinformat b’mod ċar lill-klijenti eżistenti u potenzjali tagħhom dwar it-telf potenzjali jew kostijiet oħrajn li jistgħu jġarrbu bħala riżultat tal-applikazzjoni tal-proċeduri ta’ ġestjoni ta’ inadempjenza u l-arranġamenti ta’ allokkazzjoni tat-telf u tal-pożizzjoni skont ir-regoli operattivi tas-CCP, inkluż it-tip ta’ kumpens li jistgħu jirċievu, filwaqt li jqisu l-Artikolu 48(7). Il-klijenti għandhom jingħataw informazzjoni dettaljata biżżejjed sabiex jiġi żgurat li jkun jistgħu jifhmu t-telf tal-aġar xenarju possibbli jew kostijiet oħrajn li jistgħu jiffaċċjaw jekk is-CCP tiegħu miżuri ta’ rkupru.”;

10. L-AETS għandha, f’konsultazzjoni mal-ABE u mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar l-informazzjoni li għandha tingħata skont il-paragrafi 1 sa 9, kif ukoll ir-rekwiżiti relatati mal-għodda ta’ simulazzjoni kif imsemmija fil-paragrafi 6 u 8.

L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]. Tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010."

(31) L-Artikolu 41 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1, 2 u huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“1. CCP għandha timponi, tappella u tiġbor marġnijiet sabiex tillimita l-iskopertura tal-kreditu tagħha mill-membri tal-ikklerjar tagħha u, meta rilevanti, minn CCPs li magħhom ikollha arranġamenti ta' interoperabbiltà. Tali marġnijiet għandhom ikunu biżżejjed sabiex ikopru l-iskoperturi potenzjali li s-CCP tistma li se jseħħu sal-likwidazzjoni tal-pożizzjonijiet rilevanti. Għandhom ikunu wkoll biżżejjed sabiex ikopru t-telf li jirriżulta minn mill-anqas 99 % tal-movimenti fl-iskoperturi fuq perjodu ta' żmien xieraq u għandhom jiżguraw li s-CCP tikkollateralizza bis-sħiħ l-iskoperturi tagħha mal-membri tal-ikklerjar kollha tagħha u, meta rilevanti, mas-CCP li magħhom ikollha arranġamenti ta' interoperabbiltà, mill-anqas fuq bażi ta' kuljum. CCP għandha timmonitorja u tirrevedi kontinwament il-livell tal-marġni tagħha sabiex ikun jirrifletti l-kundizzjonijiet tas-suq, filwaqt li tqis kwalunkwe effett potenzjalment proċikliku ta' tali reviżjonijiet.

2. CCP għandha tadotta mudelli u parametri fid-determinazzjoni tar-rekwiżiti tal-marġni tagħha li jaqdbu l-karatteristiċi tar-riskju tal-prodotti klerjati u li jikkunsidraw l-intervall bejn il-ġbir tal-marġni, il-likwidità tas-suq u l-possibilità ta' bidliet tul id-durata tat-tranżazzjoni. Il-mudelli **u l-parametri** għandhom jiġu vvalidati mill-AETS u soġġetti għal opinjoni f'konformità mal-Artikolu 17b.

3. CCP għandha ssejjaħ il-marġnijiet u tiġborhom fuq bażi tal-istess ġurnata, mill-anqas meta jinqabżu l-limiti predefiniti. Meta tagħmel dan, CCP għandha tikkunsidra l-impatt potenzjali tal-ġbir tal-marġni u tal-pagamenti fl-istess ġurnata fuq il-pożizzjoni ta' likwidità tal-parteċipanti tagħha u **fuq ir-reżiljenza tas-CCP**”;

(32) fl-Artikolu 44(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“CCP għandha tkejjel, fuq bażi ta’ kuljum, il-ħtiġijiet ta’ likwidità potenzjali taġġha. Hija għandha tqis ir-riskju ta’ likwidità ġġenerat mill-inadempjenza ta’ mill-anqas iż-żewġ entitajiet, *li jistgħu jkunu* l-membri tal-ikklerjar jew il-fornituri tal-likwidità, li għalihom għandha l-akbar skoperturi.”;

(33) L-Artikolu 46 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. CCP għandha taċċetta kollateral likwidu ħafna b’riskju minimu ta’ kreditu u tas-suq sabiex tkopri l-iskopertura inizjali u kontinwa taġġha għall-membri tal-ikklerjar taġġha. CCP tista’ taċċetta garanziji pubbliċi jew garanziji bankarji pubbliċi jew garanziji bankarji kummerċjali, ***inkluż fuq bażi mhux kollateralizzata għal kontropartijiet mhux finanzjarji***, sakemm dawn ikunu disponibbli mingħajr kundizzjonijiet fuq talba fil-perjodu ta’ likwidazzjoni msemmi fl-Artikolu 41. Meta jiġu pprovduti garanziji bankarji lil CCP, dik is-CCP għandha tqishom meta tikkalkula l-iskopertura taġġha għall-bank li jkun ukoll membru tal-ikklerjar, ***u għandha tissottoponi l-garanziji bankarji mhux kollateralizzati fornuti mill-kontropartijiet mhux finanzjarji għal limiti ta’ konċentrazzjoni***. Is-CCP għandha tapplika t-tnaqqis impost adegwat fuq il-valuri tal-assi u l-garanziji sabiex dawn ikunu jirriflettu l-potenzjal li l-valur taġġhom jonqos matul l-intervall bejn l-aħħar rivalwazzjoni taġġhom u ż-żmien sa meta jistgħu raġonevolment jiġu preżunti li jiġu likwidati. Għandha tqis ir-riskju ta’ likwidità wara l-inadempjenza ta’ parteċipant fis-suq u r-riskju ta’ konċentrazzjoni fuq ċerti assi li jistgħu jirriżultaw fl-istabbiliment tal-kollateral aċċettabbli u tat-tnaqqis impost rilevanti. Meta tirrevedi l-livell tat-tnaqqis impost li tapplika għall-assi li taċċetta bħala kollateral, is-CCP għandha tqis kwalunkwe effett proċikliku potenzjali ta’ tali reviżjonijiet.”;

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punti (b) u (c) ***huma sostitwiti*** b’dan li ġej:

“(b) it-tnaqqis impost msemmi fil-paragrafu 1, filwaqt li jitqies l-oġġettiv li tiġi limitata l-proċiklikali taġġhom; u”;

(c) ***il-kundizzjonijiet li fihom il-garanziji pubbliċi, il-garanziji tal-banek pubbliċi u l-garanziji tal-banek kummerċjali jistgħu jiġu aċċettati bħala***

kollateral skont il-paragrafu 1, inklużi l-kundizzjonijiet li fihom il-garanziji bankarji mhux kollateralizzati jistgħu jiġu aċċettati u l-limiti ta' konċentrazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 1.”

(33a) L-Artikolu 48 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. Meta l-assi u l-pożizzjonijiet huma rreġistrati fir-rekords u l-kontijiet ta' CCP bħala miżmumin għall-kont ta' klijent ta' membru tal-ikklerjar inadempjenti skont l-Artikolu 39(2), is-CCP għandha, tal-inqas, tintrabat kuntrattwalment li tattiva l-proċeduri għat-trasferiment tal-assi u l-pożizzjonijiet miżmuma mill-membri tal-ikklerjar inadempjenti għall-kontijiet tal-klijenti tagħha lil membru tal-ikklerjar ieħor magħżul minn dawk il-klijenti kollha, fuq talba tagħhom jew sakemm il-klijenti kollha joġġezzjonaw qabel il-konklużjoni tat-trasferiment tal-assi u l-pożizzjonijiet u mingħajr il-kunsens tal-membri tal-ikklerjar inadempjenti. Dak il-membri tal-ikklerjar l-ieħor għandu jkun obligat li jaċċetta dawn l-assi u l-pożizzjonijiet fil-każ biss fejn qabel ikun daħal f'relazzjoni kuntrattwali mal-klijent, li biha jkun intrabat li jagħmel hekk. Meta jinħatar membru tal-ikklerjar, il-klijenti għandhom jaħtru kuntrattwalment membru tal-ikklerjar alternattiv li għandu jintuża fil-każ li huwa meħtieġ li l-pożizzjonijiet tagħhom jiġu trasferiti fl-eventwalità ta' inadempjenza. Jekk it-trasferiment għal dak il-membri tal-ikklerjar l-ieħor ma jkunx sar għal kwalunkwe raġuni f'perjodu ta' trasferiment predefinit speċifikat fir-regoli operattivi tagħha, is-CCP tista' tieħu l-passi kollha permessi mir-regoli tagħha biex tamministra attivament ir-riskji tagħha fir-rigward ta' dawk il-pożizzjonijiet, inkluża l-likwidazzjoni tal-assi u l-pożizzjonijiet miżmuma mill-membri tal-ikklerjar inadempjenti għall-kont tal-klijenti tiegħu.”;

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. Meta l-assi u l-pożizzjonijiet huma rreġistrati fir-rekords u l-kontijiet ta' CCP bħala miżmumin għall-kont ta' klijent ta' membru tal-ikklerjar inadempjenti skont l-Artikolu 39(3), is-CCP għandha, tal-inqas, tintrabat kuntrattwalment li tattiva l-proċeduri għat-trasferiment tal-assi u tal-pożizzjonijiet miżmuma mill-membri tal-ikklerjar inadempjenti għall-kont tal-klijent lil membru tal-ikklerjar ieħor maħtur

mill-klijent, fuq talba tal-klijent u mingħajr il-kunsens tal-membru tal-ikklerjar inadempjenti. Dak il-membru tal-ikklerjar l-ieħor għandu jkun obligat li jaççetta dawn l-assi u l-pożizzjonijiet fil-każ biss meta qabel ikun daħal f'relazzjoni kuntrattwali mal-klijent, li biha jkun intrabat li jagħmel hekk. Jekk it-trasferiment għal dak il-membru tal-ikklerjar l-ieħor ma jkunx sar għal kwalunkwe raġuni f'perjodu ta' trasferiment predefinit speċifikat fir-regoli operattivi tagħha, is-CCP tista' tieħu l-passi kollha permessi mir-regoli tagħha biex tamministra attivament ir-riskji tagħha fir-rigward ta' dawk il-pożizzjonijiet, inkluża l-likwidazzjoni tal-assi u l-pożizzjonijiet miżmuma mill-membru tal-ikklerjar inadempjenti għall-kont tal-klijent.

Fil-każ ta' inadempjenza ta' membru tal-ikklerjar eżistenti u għall-finijiet tat-trasferiment tal-klijenti mill-membri tal-ikklerjar inadempjenti lejn membru tal-ikklerjar alternattiv, tali membru tal-ikklerjar alternattiv, il-klijent soġġett għat-trasferiment u s-CCP għandhom jiġu eżentati temporanjament mir-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2015/849, tad-Direttiva (UE) 2018/843 u tad-Direttiva (UE) 2019/1153. Il-membru tal-ikklerjar alternattiv għandu jiġi eżentat temporanjament mir-rekwiżiti tal-kapital għall-membri tal-ikklerjar lejn il-klijenti skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

(34) L-Artikolu 49 huwa emendat kif ġejj:

(a) il-paragrafi 1 sa 1e huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“1. CCP għandha tirrieżamina regolarment il-mudelli u l-parametri adottati sabiex tikkalkula r-rekwiżiti tal-marġni tagħha, il-kontribuzzjonijiet għal fond tal-inadempjenza, ir-rekwiżiti tal-kollateral u mekkaniżmi oħrajn ta' kontroll tar-riskju. Hija għandha tissoġġetta l-mudelli għal testijiet tal-istress rigorużi u frekwenti sabiex tivvaluta r-reżiljenza tagħhom f'kundizzjonijiet tas-suq estremi iżda plawżibbli u għandha twettaq testijiet retrospettivi sabiex tivvaluta l-affidabbiltà tal-metodoloġija adottata. Is-CCP għandha tikseb validazzjoni indipendenti, għandha tinforma lill-AETS bir-riżultati tat-testijiet imwettqa u għandha tikseb il-validazzjoni *tal-AETS* f'konformità mal-paragrafi 1a sa 1e qabel ma tadotta kwalunkwe bidla sinifikanti fil-mudelli *u l-parametri*.

Il-mudelli **u l-parametri** adottati, inkluża kwalunkwe bidla sinifikanti fihom, għandhom ikunu soġġetti għal opinjoni tal-kulleġġ f'konformità ma' dan l-Artikolu.

L-AETS għandha tiżgura li l-informazzjoni dwar ir-riżultati tat-testijiet tal-istress tiġi mgħoddija lill-ASE, lis-SEBĊ u lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw l-iskopertura tal-impriżi finanzjarji għall-inadempjenza tas-CCPs.

1a. Meta CCP ikollha l-ħsieb li tadotta kwalunkwe bidla sinifikanti fil-mudelli **u fil-parametri** msemmija fil-paragrafu 1, hija għandha tippreżenta applikazzjoni **għall-validazzjoni** ta' tali bidla f'format elettroniku permezz tal-bażi tad-data ċentrali msemmija fl-Artikolu 17(7) fejn għandha tiġi kondiviża minnufih mal-awtorità kompetenti tas-CCP, mal-AETS u mal-kulleġġ. Is-CCP għandha tinkludi validazzjoni indipendenti tal-bidla maħsuba fl-applikazzjoni tagħha.

Meta CCP tqis li l-bidla fil-mudelli u **fil-parametri** msemmija fil-paragrafu 1 li jkollha l-ħsieb li tadotta ma tkunx sinifikanti kif imsemmi fil-paragrafu 1g, is-CCP għandha titlob li l-applikazzjoni tkun soġġetta għal proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni skont il-paragrafu 1b. F'dak il-każ, is-CCP tista' tibda tapplika tali bidla qabel id-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti tas-CCP u tal-AETS skont il-paragrafu 1b.

L-AETS għandha **fi żmien 5 ijiem** tax-xogħol wara li tkun waslet tali applikazzjoni, tirrikonoxxi li tkun irċeviet l-applikazzjoni, filwaqt li tikkonferma mas-CCP li din fiha d-dokumenti meħtieġa. Meta **l-ESMA tikkonkludi** li l-applikazzjoni ma fihix id-dokumenti meħtieġa, l-applikazzjoni għandha tiġi rrifjutata.

1b. Fi żmien **15-il jum** tax-xogħol mid-data msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1a, **l-AETS, wara li tqis il-kontribut tal-kulleġġ, għandha tivvaluta** jekk il-bidla proposta tikkwalifikax bħala bidla sinifikanti skont il-paragrafu 1g. Meta **l-AETS tikkonkludi** li l-bidla tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1g, l-applikazzjoni għandha tiġi vvalutata skont il-paragrafi 1c, 1d u 1e u **l-AETS** għandha tinforma bil-miktub lis-CCP applikanti b'dan.

Meta fi żmien 10 ijiem tax-xogħol mid-data msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1a, is-CCP applikanti ma tkunx ġiet informata bil-miktub li t-talba tagħha għall-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni li għandha tapplika tkun ġiet miċħuda, dik il-bidla għandha titqies bħala vvalidata.

Meta talba għall-proċedura ta' nuqqas ta' oġġezzjoni tkun ġiet miċħuda, is-CCP għandha, fi żmien 5 ijiem tax-xogħol min-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, ma tibqax tuża dik il-bidla fil-mudell. Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn dik in-notifika, is-CCP għandha jew tirtira l-applikazzjoni jew inkella tikkomplementa l-applikazzjoni bil-validazzjoni indipendenti tal-bidla.

- 1c. Fi żmien 30 jum tax-xogħol mid-data msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1a, ***l-AETS għandha twettaq valutazzjoni tar-riskju tal-bidla sinifikanti u tibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni tagħha lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-kulleġġ.***

Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi l-abbozz ta' deċiżjoni mill-AETS, il-kulleġġ għandu jadotta opinjoni skont l-Artikolu 19 u jibgħatha lill-AETS.



- 1d. ***Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-opinjoni tal-kulleġġ, l-AETS għandha, wara li tqis kif xieraq l-opinjoni tal-kulleġġ, inklużi kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li hemm fihom, tadotta d-deċiżjoni finali tagħha u tibgħatha lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-kulleġġ.***

Meta l-AETS ma taqbilx mal-opinjoni tal-kulleġġ, inkluża kwalunkwe kundizzjoni jew rakkomandazzjoni li tinsab fiha, id-deċiżjoni tagħha għandu jkun fiha raġunijiet sħaħ u spjegazzjoni ta' kwalunkwe devjazzjoni sinifikanti minn dik l-opinjoni jew mill-kundizzjonijiet jew mir-rakkomandazzjonijiet. Meta l-AETS tiddeċiedi li ma tivvalidax it-tibdil, l-applikazzjoni tas-CCP għall-validazzjoni għandha tiġi rrifjutata.

- 1e. Fi żmien 5 ijiem tax-xogħol minn meta jiġu adottati d-deċiżjonijiet skont il-

paragrafu 1c, l-AETS **għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-kontroparti ċentrali bil-miktub, inkluża spjegazzjoni motivata bis-sħiħ, jekk il-validazzjoni tkunx ingħatat jew ġietx irrifjutata.**

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 1f u 1g li ġejjin:

1f. Is-CCP ma tista' tadotta l-ebda bidla sinifikanti fil-mudelli **u fil-parametri** msemmija fil-paragrafu 1 qabel ma tikseb il-validazzjonijiet mill-awtorità kompetenti tagħha u mill-AETS. L-awtorità kompetenti, bi qbil mal-AETS, tista' tippermetti adozzjoni provviżorja ta' bidla sinifikanti ta' dawk il-mudelli qabel il-validazzjonijiet tagħhom, meta jkun debitament ġustifikat minħabba sitwazzjoni ta' emerġenza skont l-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament. Tali bidla temporanja fil-mudelli għandha tkun permessa biss għal ċertu perjodu ta' żmien speċifikat b'mod konġunt mill-awtorità kompetenti tas-CCP u mill-AETS. Wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-CCP ma għandhiex titħalla tuża tali bidla fil-mudell, sakemm ma tkunx ġiet approvata skont il-paragrafi 1a, 1c, 1d u 1e.

1g. ***Il-bidliet fil-parametri derivati minn kontribut estern jew li jkunu f'medda predefinita, meta tali emenda jew medda għall-kalibrazzjoni mill-ġdid ta' mudell tkun parti mill-mudell jew mill-metodoloġija approvata u vvalidata skont dan l-Artikolu, ma għandhomx jitqiesu bħala bidla fil-mudelli u fil-parametri li jirrikjedu validazzjoni skont dan l-Artikolu. "***

1ga. Bidla għandha titqies bħala sinifikanti meta tiġi ssodisfata waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-bidla twassal għal tnaqqis jew żieda tar-riżorsi finanzjarji totali ffinanzjati minn qabel, inklużi r-reqwiżiti tal-marġni, il-fond tal-inadempjenza u r-riżorsi proprji ddedikati ta' aktar minn 15 %;***
- (b) il-metodoloġija għad-definizzjoni u l-kalibrazzjoni tax-xenarji tat-testijiet tal-istress għall-fini tad-determinazzjoni tal-iskoperturi tal-fond tal-inadempjenza tinbidel b'mod li twassal għal tnaqqis jew żieda ta' aktar minn 20 % ta' fond tal-inadempjenza, jew aktar minn 50 % ta' kwalunkwe kontribuzzjoni ta' fond tal-inadempjenza individwali;***
- (c) il-metodoloġija applikata għall-valutazzjoni tar-riskju ta' likwidità u għall-monitoraġġ tar-riskju ta' konċentrazzjoni tinbidel b'mod li twassal għal***

tnaqqis jew żieda tal-ħtiġijiet ta' likwidità stmati fi kwalunkwe munita ta' aktar minn 20 % jew tal-ħtiġijiet ta' likwidità totali ta' aktar minn 20 %;

(d) il-metodoloġija applikata sabiex jingħata valur lill-kollateral, jiġi kkalibrat it-tnaqqis impost tal-kollateral tinbidel, b'tali mod li l-valur totali ta' kollateral jonqos jew jiżdied b'aktar minn 20 %;

(e) il-bidla jista' jkollha effett materjali fuq ir-riskju ġenerali tas-CCP.

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. *L-AETS* għandha, b'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) l-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1g sa 1ga; u

(b) il-lista ta' dokumenti meħtieġa li għandhom jakkumpanjaw applikazzjoni għall-validazzjoni skont il-paragrafu 1a u għandhom jispeċifikaw l-informazzjoni li tali dokumenti għandu jkun fihom sabiex juru li s-CCP tikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti kollha ta' dan ir-Regolament.

L-AETS għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ... [PO: daħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”;

(d) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

“6. *L-AETS* għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-format elettroniku tal-applikazzjoni għall-validazzjoni msemmija fil-paragrafu 1a li għandha tiġi sottomessa lill-bażi tad-data ċentrali.

L-AETS għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa ... [PO: daħħal id-data = 12-il xahar wara

d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”

(35) *l-Artikolu 54* huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 54

Approvazzjoni tal-arranġamenti tal-interoperabbiltà

“1. Arranġament tal-interoperabbiltà għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni minn qabel *tal-AETS. L-AETS għandha titlob* l-opinjoni ■ f'konformità mal-Artikolu 19 u maħruġa f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17b.”;

L-arranġamenti tal-interoperabbiltà li kienu approvati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tal-ewwel subparagrafu.

2. *L-AETS għandha tagħti l-approvazzjoni tal-arranġament tal-interoperabilità biss meta s-CCPs involuti jkunu ġew awtorizzati jikklerjaw skont l-Artikolu 17 jew rikonoxxuti skont l-Artikolu 25 jew awtorizzati skont sistema nazzjonali ta' awtorizzazzjoni li kienet teżisti minn qabel għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 52 jintlaħqu u l-kundizzjonijiet tekniċi għall-ikklerjar ta' tranżazzjonijiet fil-kundizzjonijiet tal-arranġament jippermettu funzjonament mingħajr ostakli u ordnat tas-swieq finanzjarji u li l-arranġament ma jxekklix l-effikaċja tas-superviżjoni.*

3. *Meta l-AETS tqis li r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2 ma jkunux ġew issodisfati, għandha tipprovdi spjegazzjonijiet bil-miktub dwar il-kunsiderazzjonijiet tagħha tar-riskju għas-CCPs involuti.*

4. *Sal-31 ta' Diċembru 2012, l-AETS għandha toħroġ linji gwida jew rakkomandazzjonijiet bl-għan li jiġu stabbiliti valutazzjonijiet konsistenti, effiċjenti u effikaċi tal-arranġamenti tal-interoperabilità, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.”*

(36) *fl-Artikolu 81(3), jiddaħħal il-punt li ġej:*

“(s) l-awtoritajiet makroprudenzjali nazzjonali nnominati fdati bit-twettiq tal-politika makroprudenzjali msemmija fir-Rakkomandazzjoni B1 tar-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) tat-22 ta’ Diċembru 2011 dwar il-mandat makroprudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali (BERS/2011/3).

(37) fl-Artikolu 82, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b’dawn li ġejjin:

“2. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti delegati msemmija fl-Artikolu 1(6), fl-Artikolu 3(5), fl-Artikolu 4(3a), fl-Artikolu 7a(6), fl-Artikolu 17a(6), fl-Artikolu 25(2a), fl-Artikolu 25(6a), fl-Artikolu 25a(3), fl-Artikolu 25d(3), fl-Artikolu 25i(7), fl-Artikolu 25o, fl-Artikolu 64(7), fl-Artikolu 70, fl-Artikolu 72(3) u fl-Artikolu 85(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ żmien indeterminat.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 1(6), fl-Artikolu 3(5), fl-Artikolu 4(3a), fl-Artikolu 7a(6), fl-Artikolu 17a(6), fl-Artikolu 25(2a), fl-Artikolu 25(6a), fl-Artikolu 25a(3), fl-Artikolu 25d(3), fl-Artikolu 25i(7), fl-Artikolu 25o, fl-Artikolu 64(7), fl-Artikolu 70, fl-Artikolu 72(3) u fl-Artikolu 85(2) tista’ tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega ta’ setgħa speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f’data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

(38) *fl-Artikolu 84, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*

“3a. L-Aġenzija li timplimenta l-Artikolu 8(2) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 għandha tibgħat lill-AETS l-ammont ta’ negozjar li jseħħ u tal-pożizzjonijiet miżmuma fi prodotti tal-enerġija bl-ingrossa.”

(39) L-Artikolu 85 huwa emendat kif ġej;

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Sa [PO: daħħal id-data = 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament u tħejji rapport ġenerali. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma’ kwalunkwe proposta

xierqa.”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1b li ġej:

“1b. Sa [PO: daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], l-AETS għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar il-possibbiltà u l-fattibbiltà li tkun meħtieġa s-segregazzjoni tal-kontijiet fil-katina tal-ikklerjar ta’ kontropartijiet mhux finanzjarji u finanzjarji. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji.”;

(bb) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1d. Sa ... [24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju], il-Kummissjoni Ewropea, wara li tkun ikkonsultat lill-BĊE u lill-banek ċentrali rilevanti tal-ħruġ, għandha tforni rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-kundizzjonijiet ekwi u l-kunsiderazzjonijiet dwar l-istabbiltà finanzjarja fir-rigward tal-aċċess ġeneralizzat għall-banek ċentrali għas-CCPs tal-Unjoni awtorizzati mill-EMIR mingħajr il-kundizzjoni li tinżamm liċenzja bankarja. F’dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll is-sitwazzjoni fil-ġuriżdiżjonijiet tal-pajjiżi terzi. Jekk ikun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.” (EM 532 Ferber);

(bc) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“5a. Sa ... [36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament emendatorju], l-AETS għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-attività ġenerali fit-tranżazzjonijiet tad-derivati tal-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji suġġetti għal dan ir-Regolament, li jforni, fost affarijiet oħra, l-informazzjoni li ġejja rigward dawk il-kontropartijiet, b’distinzjoni bejn in-natura finanzjarja u mhux finanzjarja tagħhom:

(a) ir-riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni li jistgħu jirriżultaw minn dan it-tip ta’ attività;

(b) il-pożizzjonijiet f’derivattivi ta’ komoditajiet OTC li jaqbzū l-EUR 1 biljun, li tispeċifika l-ammont eżatt tal-pożizzjonijiet ikkonċernati;

- (c) il-volum totali ta' kuntratti tad-derivattivi tal-enerġija nnegożjati, b'distinzzjoni, meta rilevanti, bejn dawk użati għal finijiet ta' hedging u mhux ta' hedging;*
- (d) il-volum totali ta' kuntratti tad-derivattivi tal-enerġija nnegożjati, b'distinzzjoni, meta rilevanti, bejn dawk użati għal finijiet ta' hedging u mhux ta' hedging; u*
- (e) is-sehem tal-kuntratti tad-derivattivi tal-enerġija/tal-agrikoltura u OTC innegożjati fil-borża li jiġu kkonsenjati fiżikament fid-data tal-iskadenza fil-volum totali tal-kuntratti tad-derivattivi tal-enerġija nnegożjati.*

(c) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“7. Sa ... [5 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-AETS u mal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ, għandha tippubblika rapport ta' rieżami dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jevalwa, fost affarijiet oħra, dawn li ġejjin:

- (a) l-effikaċja tad-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 7a biex jimmitigaw ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja għall-Unjoni rrapreżentati mil-konċentrazzjoni ta' kuntratti tad-derivattivi pendenti kif imsemmi fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 7a f'dawk is-CCPs tal-Grad 2 li joffru servizzi ta' importanza sistemika sostanzjali skont l-Artikolu 25(2c), kif ukoll l-impatt tagħhom fuq il-kompetittività internazzjonali tal-kontropartijiet finanzjarji u mhux finanzjarji tal-UE. Ir-rapport għandu jindikaw wkoll, filwaqt li jqis b'mod xieraq l-għanijiet tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, jekk dawk id-dispożizzjonijiet jenħtieġx li jkun aġġustati jew mneħħija għalkollox;*
- (b) l-effikaċja tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament biex iżidu l-attrawenza tal-qafas tal-ikklerjar tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jeżaminaw l-attivitajiet tal-ikklerjar tal-kontropartijiet mhux tal-UE fis-CCPs tal-Unjoni u l-ammont ta' volumi ta' kklerjar fis-CCPs tal-Unjoni fil-kuntratti tad-derivattivi li ma jkunux dawk imsemmija fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 7a;*

- (c) *valutazzjoni tal-iżviluppi relatati mal-arranġamenti superviżorji u mal-kooperazzjoni superviżorja bejn l-AETS u l-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi, u jekk dawk l-iżviluppi jistgħux jirrikjedu bidliet għall-Artikolu 25(2c) ta' dan ir-Regolament.*

Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, fejn ikun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.”

- (ca) *jiżdied il-paragrafu li ġej:*

10. Sa ... [18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju.] l-AETS, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BERS u mal-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ, għandha tivvaluta kif ġew applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15, tal-Artikoli 17 sa 17ba u tal-Artikolu 49.

B'mod partikolari, dik il-valutazzjoni għandha tistabbilixxi:

(a) *jekk il-bidliet introdotti bir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*+ kisbux l-effett mixtieq fir-rigward taż-żieda fil-kompetittività tas-CCPs tal-Unjoni u naqsux il-piż regolatorju li jkollhom quddiemhom;*

(b) *jekk il-bidliet introdotti bir-Regolament (UE) .../...+ naqsux ż-żmien għas-suq għal servizzi u prodotti ġodda mingħajr ma kellhom impatt negattiv fuq ir-riskju għas-CCP jew għall-membri tal-ikklerjar tagħha jew għall-klijenti tagħhom;*

(c) *jekk l-introduzzjoni tal-possibbiltà għas-CCPs li jimplimentaw direttament bidliet imsemmija fl-Artikolu 17ba kellhomx impatt negattiv fuq il-profil tar-riskju ta' dik is-CCP jew żidux ir-riskji ġenerali għall-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni, u jekk għandhomx jiġu emendati.*

L-AETS għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 biex timmodifika ċerti elementi tad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15, fl-

Artikoli 17 sa 17ba u fl-Artikolu 49 biex tqis il-valutazzjoni li tinsab fir-rapport skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan l-Artikolu.

** Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2017/1131 fir-rigward ta' miżuri sabiex jittaffew l-iskoperturi eċċessivi għal kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi u tittejjeb l-effiċjenza tas-swieq tal-ikklerjar tal-Unjoni (ĠU L ..., ..., p.).*

+ OJ: daħħal is-sena u n-numru ta' dan ir-Regolament emendatorju fit-test u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

(40b) fl-Artikolu 89, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“10. Kontropartijiet finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar imsemmi fl-Artikolu 4(1) fi ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] jew li jsiru soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar f'konformità mal-Artikolu 4a(1) u l-kontropartijiet mhux finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar imsemmi fl-Artikolu 4(1) fi ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] jew li jsiru soġġetti għall-obbligu tal-ikklerjar f'konformità mal-Artikolu 10(1), it-tieni subparagrafu, għandhom jibqgħu soġġetti għal dak l-obbligu tal-ikklerjar u għandhom ikomplu l-ikklerjar sakemm tali kontroparti finanzjarja jew kontroparti mhux finanzjarja turi lill-awtorità kompetenti rilevanti li l-pożizzjoni medja aggregata tagħha fi tmiem ix-xahar għat-12-il xahar preċedenti ma taqbiżx il-limiti tal-ikklerjar rilevanti stabbiliti mill-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-Artikolu 10(4), il-punt (b), u meta tali standards tekniċi regolatorji jkunu daħlu fis-seħħ billi jipprovdu l-limiti tal-ikklerjar għal derivattivi mhux ikklerjati u l-livell ta' kwalunkwe limitu ta' attività.”

(41) L-Artikolu 90 huwa emendat kif ġej:

“Sa [PO daħħal id-data = daħħal tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-

Regolament], l-AETS għandha tivvaluta l-ħtiġijiet għal persunal u riżorsi li jinħolqu mis-setgħat u mid-dmirijiet li tingħata f'konformità ma' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.”

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 575/2013

L-Artikolu 382 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) fil-paragrafu 4, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) it-tranżazzjonijiet intragrupp konklużi ma' kontropartijiet finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt 8, tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, istituzzjonijiet finanzjarji jew impriżi ta' servizzi anċillari li huma stabbiliti fl-Unjoni jew li huma stabbiliti f'pajjiż terz li japplika rekwiżiti prudenzjali u superviżorji għal dawk il-kontropartijiet finanzjarji, l-istituzzjonijiet finanzjarji jew l-impriżi ta' servizzi anċillari li huma mill-anqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni, sakemm l-Istati Membri ma jadottawx liġi nazzjonali li tirrikjedi s-separazzjoni strutturali fi ħdan grupp bankarju, f'liema każ l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li dawk it-tranżazzjonijiet intragrupp bejn l-entitajiet strutturalment separati jiġu inklużi fir-rekwiżiti ta' fondi proprji;”
- (2) jiddaħħal il-paragrafu [4c] li ġej:

“[4c]. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, il-punt (b), il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u soġġett għall-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 464(2), deċiżjoni dwar jekk pajjiż terz japplikax rekwiżiti superviżorji u regolatorji prudenzjali mill-anqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni. Fin-nuqqas ta' tali deċiżjoni, l-istituzzjonijiet jistgħu sal-31 ta' Diċembru 2027 ikomplu jeskludu t-tranżazzjonijiet intragrupp ikkonċernati mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA, dment li l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jkunu approvaw il-pajjiż terz bħala eliġibbli għal dak it-trattament qabel il-31 ta' Diċembru 2026. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ABE b'tali każijiet sal-31 ta' Marzu 2027.”

Emendi għar-Regolament (UE) 2017/1131

Ir-Regolament (UE) 2017/1131 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, jiżdied il-punt (24) li ġej

“(24) “kontroparti ċentrali” jew “CCP” tfisser persuna ġuridika msemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.”;

(1a) fl-Artikolu 14, il-punt (d) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(d) il-flus kontanti riċevuti mill-MMF bħala parti mill-ftehim ta’ riakkwist ikklerjat mhux ċentralment ma jaqbżux l-10 % tal-assi tiegħu;

(2) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“4. L-iskopertura għar-riskju aggregata għall-istess kontroparti ta’ MMF li ġejja minn tranżazzjonijiet ta’ derivattivi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13 u li mhumiex ikklerjati ċentralment permezz ta’ CCP awtorizzata f’konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta f’konformità mal-Artikolu 25 ta’ dak ir-Regolament, ma għandhiex taqbeż il-5 % tal-assi tal-MMF.”;

(aa) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“5. L-ammont aggregat ta’ flus kontanti pprovdut lill-istess kontroparti ta’ MMF fi ftehimiet ta’ retroriakkwist ikklerjat mhux ċentralment ma għandux jaqbeż il-15 % tal-assi tal-MMF.

(b) fil-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(c) l-istrumenti ta’ derivattivi finanzjarji, li ma jkunux ikklerjati ċentralment permezz ta’ CCP awtorizzata f’konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta f’konformità mal-Artikolu 25 ta’ dak ir-Regolament, li jagħtu skopertura għar-riskju tal-kontroparti lil dak il-korp.”.

Artikolu 3a

Emendi għar-Regolament (UE) 2010/1095

fl-Artikolu 1(2), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-Awtorità għandha taġixxi fil-qafas tas-setgħat mogħtija b'dan ir-Regolament u fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 97/9/KE, 98/26/KE, 2001/34/KE, 2002/47/KE, 2004/109/KE, 2009/65/KE, tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1), tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (2), tar-Regolament (UE) 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (), tar-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (3), u sal-punt li dawk l-atti japplikaw għall-kumpanniji li jipprovdu servizzi ta' investiment jew għall-impriżi ta' investiment kollettiv li jikkummerċjalizzaw l-unitajiet jew l-ishma tagħhom u l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljawhom, fil-qafas tal-partijiet rilevanti tad-Direttivi 2002/87/KE u 2002/65/KE, inklużi d-direttivi, ir-regolamenti, u d-deċiżjonijiet kollha bbażati fuq dawk l-atti, u ta' kwalunkwe att ġuridikament vinkolanti ieħor tal-Unjoni Ewropea li jikkonferixxi kompiti fuq l-Awtorità.*

** Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).*

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President